Festa 2024

Arthur & SONS

Est. 1984

Bakery & Confectionery

The Bakers with *Tradition*

Orders Accepted

Nazzareno Dalli Street, Birżebbuġa

Tel: 21 657251

Soċjetà Filarmonika San Pietru,
Banda Birżebbuġa A. D. 1990

12/13, 'Ġawhra San Pietru',
Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa.
Tel: +356 21650347
E-mail: info@birzebbugaband.org
Website: www. birzebbugaband.org
Facebook Profile: www. facebook.com/
birzebbugaband
Facebook Page: www. facebook.com/
BandaBirzebbuga

Minn Qalb L-Iljuni
35 Edizzjoni
Festa 2024

Il-Pubblikazzjoni Annwali u Uffiċjali
tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru,
Banda Birżebbuġa A. D. 1990

Id-drittijiet miżmuma
mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru
Banda Birżebbuġa A.D. 1990
© 2024

Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din
il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub
tal-Bord Editorjali fi ħdan
l-Uffiċċju Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi
tas-Soċjetà

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti
l-opinjoni u l-prinċipji li tħaddan
is-Soċjetà.

L-Editur
Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM

Il-Qari tal-Provi
Christopher Bonnici
Marisa Cutajar B.Ed (Hons)
Marouska Bonnici B.A.(Hons)

Ritratti
Anthony Xuereb
Ryan Farrugia
Jonathan Ellul Bonnici
Sebio Aquilina
Kurt Law
Neil Darmanin
Kurt Caruana
Parroċċa San Pietru Birżebbuġa
Soċjetà Filarmonika San Pietru
Id-Dominju Pubbliku

Disinn tal-Faċċata
Jonathan Ellul Bonnici u Andy Mifsud Camilleri

Reklamar u Finanzi
Walter Pace
Christopher Camilleri
Henry Bonnici
Alexander Caruana

Issettjar u Stampar
BEST PRINT CO. LTD

Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789, 99499084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com

Il-Werrej

Mill-Pinna tal-Editur 4
Introduzzjoni mill-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi 12
Il-Programm tal-Festa Titulari 16
Inħarsu 'l quddiem bit-Tama, għax il-Mulej
għandu l-Kliem tal-Ħajja ta' Dejjem (Ġw 6: 36) 20
GRAZZI Dun Anton! MERĦBA Dun Reuben! 21
Naħdmu għal Aktar Suċċess għal Birżebbuġa 24
Il-Messaġġ tal-President 28
Jikteb is-Segretarju 29
L-Appell tat-Teżorier 32
Ikellimna d-Direttur Ġenerali 33
Il-Kavallier Alexander Caruana – Il-President Andy Mifsud Camilleri
– Il-Viċi President Għaxar Snin fil-Presidenza tas-Soċjetà 37
Permezz ta' Fondi Apposta Nissoktaw bil-Ħidma 43
Matul is-Sena 47
Min-Noti tas-Sezzjoni Banda 58
Mill-Helpers Nisa Petrini 68
Nibqgħu Magħqudin Għall-Futur tas-Soċjetà 72
Insebbħu Darna għall-Ikbar Festa f'Ġieħ
San Pietru u fl-Erba' Staġuni 76
Il-Kor Xmun Pietru
Il-Vuċi – Nesprimu t-Talent bl-Istrument Naturali 83
Mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar Xi Sbuħija b'Dik id-Dija 84
Mill-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar Sena Ġdida, Bidu Ġdid 87
Inkomplu Nsebbħu l-Ġawhra tal-Patrun 90
Rispett lejn il-Banda, Int min Int uTħobb xi Tħobb 94
Man-Noti tal-Għalliem tal-Allievi 98
Il-Banda Birżebbuġa – Suċessi Riċenti 100
Il-Kunċert Vokali, Korali u Strumentali Banda Birżebbuġa 104
Josef Schembri – 30 Sena Bandist 107
Inkomplu Niltaqgħu mal-Allievi tas-Soċjetà 108
Is-Servizzi tal-Banda Birżebbuġa 2023-2024 111
Il-Banda Birżebbuġa 112
Innijiet u Marċi Brijużi 113
Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda 114
Ambaxxaturi Birżebbuġin 116
Inizjattiva Ġdida Lion Cub Kids Club 117
Ilkoll Flimkien fid-Dgħajsa Ta' Pietru
Is-Sinodu fuq is-Sinodalità (2021-2024) 115
Talenti Birżebbuġin 122
Il-Lapida tal-Bronż 126
Mitt Sena Ilu, Dun Anġ Fenech Jingħata l-Pussess bħala t-Tieni
Kappillan tal-Parroċċa ta' Birżebbuġa 127
Il-Papa Benedittu XVI 131
Monsinjur Patrick Incorvaja 128
Birżebbuġa ta' Dari - Kalafrana 132
Mill-Istorja tal-Banda Birżebbuġa 133
Il-Festi Maltin 134
Grazzi Joseph Saliba! 136
Awguri 137
Nekroloġija 142
Radd il-Ħajr 145
Indiċi tar-Reklami 147

NEW

Authorised Facility End-of-Life Vehicle

Accepting cars for scrap.

Scrap vehicle collection can be quickly arranged by us or deliver your old car directly to us.

Best Price for:

- Steel Scrap
- Copper Scrap
- Brass Scrap
- Aluminium Scrap
- Stainless Steel Scrap
- Lead Batteries

GASPARELL
Baling Plant Co. Ltd.

Call us now

HHF601,
Hal-Far Industrial Estate,
Birzebbuga BBG 3000

9949 5236 - 7965 1545 - 2165 1475

Email: gasparell.b@gmail.com

peace of mind

Competitive prices and tailored services for:

MOTOR | HOME | MARINE | COMMERCIAL | HEALTH | TRAVEL

Global Insurance Brokers Limited - The provider of solutions to all your business and personal insurance needs since 1988.

global insurance brokers

45, Ordnance Street, Valletta
89, Triq Zarenu Dalli, Birzebbugia

Tel: 2577 5555
Tel: 2165 2538

Global Insurance Brokers Limited is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) under the Insurance Distribution Act (Chapter 487 of the Laws of Malta) and is enrolled within the MFSA's Brokers' List.

Mill-Pinna tal-Editur u l-Assistent Surmast Direttur

Napprezza

Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM

L-Editur, l-Assistent Surmast Direttur u l-Assistent Segretarju

Jekk hix ħolma jew le, ma nafx! Għax filli qegħdin f'Awwissu niċċelebraw il-festa, filli f'Awwissu bdejt nippjana din il-pubblikazzjoni flimkien ma' sħabi tal-Bord Editorjali, u filli ġlieda kontra l-ħin, anke billejl sabiex inlaħħqu din il-pubblikazzjoni fil-ħin.

Iva, inħobb nibda nippjana wara l-festa tas-sena ta' qabel minħabba bosta fatturi. Nemmen illi dak iż-żmien l-entużjażmu jkun għadu ħaj, u għalhekk li jibda jinġabar f'dak iż-żmien issibu lest, u fl-istess waqt nipprova li sa meta nibda s-sena akkademika jkolli diġà l-materjal illi nkunu qbilna dwaru bħala Bord Editorjali ppjanat. Apparti minn hekk, kif jgħid il-Malti... 'Xemx u xita, Alla jaf meta!'

U propju dan il-qawl, għerf Ġensna xprunani sabiex nibda nikteb dan l-Editorjal. Għax din is-sena, kelli ħafna okkażjonijiet fejn ġarrabt ix-xemx u x-xita metaforiċi. Kien hemm mumenti fejn qtajt qalbi, tant li fi Frar illi għadda – kontra qalbi – ippreżentajt ir-riżenja uffiċjali minn Editur lis-Soċjetà. Għamiltha ċara mas-Soċjetà u qed nagħmilha ċara hawn ukoll, bil-kitba ħalli ma titħassarx. Mhux għax kelli xi differenza mas-Soċjetà, assolutament! Anzi! Imma l-impenji familjari ssoktaw jiżdiedu, xi problemi ma jonqsux, anzi sfortunatament jiżdiedu. L-impenji mużikali żdiedu, l-istudju u t-tagħlim jeħduli ħafna ħin, u għalhekk jiġu mumenti fejn tibda taħseb. U kultant, aktar ma taħseb, aktar taqta' qalbek, u aktar ma taqta' qalbek, ma jkollok aptit tagħmel xejn, titlef il-motivazzjoni.

Imma għamiltha ċara, li lis-Soċjetà ma ridtx nitlaqha, u la jien ma' tal-Iljun, nibqa' ma' tal-Iljun. U f'dawk il-mumenti li l-aktar kelli bżonn l-għajnuna, sibtha. Anzi, aktar milli stennejt. U la sibt l-għajnuna, erġajt bdejt naħseb għal din il-pubblikazzjoni. U issa, tinsab f'idejkom! Suċċess ieħor!

Din il-Pubblikazzjoni

Dak illi tgħaddi minnu s-Soċjetà matul is-sena ssibuh miġbur hawnhekk. Din il-pubblikazzjoni donnha almanakk ta' dak illi ngħixu flimkien, bit-tlajja' u bl-inżul. Imma mhux biss. Hija wkoll mera ta' dak illi tgħaddi minnu l-parroċċa ta' Birżebbuġa u ta' persuni li b'xi mod jew ieħor ikunu ddistingwew ruħhom u xi darba jew oħra kellhom rabta ma' dan il-villaġġ pittoresk Petrin. Din is-sena għaddejna mill-bidla tal-Kappillan kif ukoll mill-elezzjoni ta' Kunsilliera ġodda. Bħal kull bidla, kollox iġib ċerti mistoqsijiet u dubji sakemm fi żmien qasir, dawn id-dubji jitneħħew u nibdew naħdmu flimkien. Tnikkitna bit-telfiet illi ġarrabna, uħud minnhom ħasduna, regħduna mill-għeruq. Iżda fraħna wkoll. Fraħna meta wlied is-Soċjetà kellhom lil uliedhom u b'hekk is-Soċjetà kompliet tikber. Fraħna meta wlied is-Soċjetà żżewġu u ffurmaw familji ġodda. Fraħna meta ċċelebrajna anniversarji partikolari. Fraħna meta b'riżultat tar-rebħa fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art fis-sena 2023, l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar kienet mistiedna sabiex tagħlaq il-festival ta' din is-sena fil-Furjana u ppreżentat tapit tal-ogħla livell. Fraħna meta rajna l-Banda Birżebbuġa ddoqq u tterraq mat-toroq ta' Birżebbuġa u ta' lokalitajiet oħra, inkluż fil-festa ta' San Pietru u San Pawl f'Għawdex. Fraħna meta rajna lill-Kummissjoni Armar Estern iżżejjen it-triq tal-każin u l-pjazza, kif ukoll iżżanżan ġmiel ta' armar. Fraħna meta għexna mumenti ta' għaqda flimkien fis-Soċjetà, fosthom bit-twaqqif tal-Kids Club mis-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni, għax aħna Soċjetà waħda, ulied arma waħda.

L-istorja ta' Birżebbuġa hija importanti ferm għalina, u għalhekk ma nistgħux ninsew il-passat, għax jekk

Mro Christopher Bonnici jgħallem it-Teorija lill-allievi tas-Soċjetà

dan ninsewh, ninsew l-għeruq tagħna. U siġra li titlef l-għeruq, tkun kemm tkun sabiħa, is-saħħa li jkollha titlaq u mal-ewwel buffura riħ tispiċċa mal-art. Għalhekk insibu wkoll artikli ta' importanza storika wkoll f'din il-pubblikazzjoni.

It-Tagħlim Mużikali

Sabiex ma nkomplix inżid paġni oħra f'din il-pubblikazzjoni, kif għamilt is-sena l-oħra nikteb daqsxejn dwar l-Akkademja Mużikali 'Michael Bugelli' fi ħdan is-Soċjetà tagħna. It-tagħlim mużikali baqa' għaddej minn ġimgħa wara l-festa titulari u għadu għaddej b'mod kemm jista' jkun kontinwu. Nixtieq illi pubblikament niskuża ruħi mal-istudenti, minħabba li matul din is-sena kien hemm diversi ġimgħat fejn kelli naqbeż il-lezzjonijiet. Apprezzajt immens ta' kemm fehmuni u kemm ħadu interess illi s-sitwazzjoni li kont għaddej minnha titranġa malajr. Min-naħa tiegħi, ta' kull ġimgħa nkun jumejn fil-każin sabiex nitgħallmu flimkien. Nitpaxxa meta jkolli l-klassi mimlija u meta nara lin-nies jinteressaW ruħhom f'dak illi jkun qed isir. Din is-sena ħadt l-inizjattiva sabiex żewġ allievi, Matthew Ellul u Liam Braden Desira, bi prova ħriġthom mal-Banda Birżebbuġa fil-kunċert tal-Milied, xi ħaġa li laqgħu bil-ferħa u hekk kellhom l-ewwel okkażjoni fejn daqqew fi grupp. Okkażjoni oħra mill-isbaħ kienet meta f'Novembru 2023, sitt allievi tagħna tressqu għall-eżamijiet tat-Teorija Mużikali. Bla dubju, suċċess mija fil-mija!

Inizjattiva oħra li ħadt u sibt l-appoġġ sħiħ tal-Kumitat Eżekuttiv kienet il-kunċertin illi tellajna flimkien ma' wħud mill-allievi nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2024. Kemm ħadt gost nara dawk it-tfal idoqqu flimkien u dawk l-allievi juru lill-udjenza x'qed jitgħallmu! Għadni ma nistax nemmen wiċċ il-President Onorarju għal Għomru, Fundatur u Benefattur Ewlieni, Anthony Camilleri, bid-dmugħ f'għajnejh, fi tmiem dan il-kunċertin, ġie fuqi u qalli 'qatt ma mmaġinajt x'tagħlim

Bilwieqfa mix-Xellug għal-Lemin:
Marouska Bonnici, Henry Bonnici, Walter Pace, Nicola Bonnici Mc Intyre
Bilqiegħda mix-Xellug għal-Lemin:
Andy Mifsud Camilleri, Mro Christopher Bonnici, Jonathan Ellul Bonnici

ELBROS HOMES

MAISONETTES, APPARTAMENTI U PENTHOUSES ĠODDA GĦALL-BEJGĦ

ĠEWWA BIRZEBBUĠA

CEMPLUNA FUQ 79333325 JEW ŻURU IL-WEBSAJT TAGĦNA

www.elbroshomes.com.mt

Angolina
RESTAURANT
Angolina Restaurant | _angolina_ | 2712 0953

qed tgħaddu fis-Soċjetà!' Dan il-kunċertin kien il-ħsieb illi jittella' b'rabta ma' Jum l-Omm, imma bħalma għedt, matul din is-sena kien hemm mumenti fejn ma stajt nippjana xejn, anzi kelli nħassar ċerti pjanijiet ukoll.

Jekk Alla jrid, għall-festi tal-Milied ikollna mużiċisti li jiddebuttaw mal-Banda Birżebbuġa bħala Bandisti tal-Post u jkollna aktar studenti li jitressqu għall-eżamijiet f'isem is-Soċjetà tagħna. Li nitlob hija ħaġa waħda: ħadd ma kien perfett mill-bidu, aħna lkoll umani u nagħmlu l-iżbalji. Mela ejjew nilqgħu lil min għadu ġdid u nagħmlulu kuraġġ mhux niksruh, ngħajtu miegħu, għax b'hekk jaqta' qalbu. Dejjem nemmen illi aħna ma aħna nagħmlu pjaċir lil ħadd meta ngħallmuh... illum għandhom ħafna fejn imorru jitgħallmu, bosta postijiet bla ħlas ukoll u b'mod professjonali wkoll. Mela ejja nibżgħu għalihom u ma ngerrxuhomx, għax nispiċċaw nitilfuhom, imbagħad għalxejn nitbekkew, għax l-għasfur ikun ħarab!

Għeluq

Kull darba hekk jiġrili, ma nkunx naf x'se naqbad ngħid imma mbagħad nispiċċa ma nafx fejn se nieqaf! Irrid illi ngħid GRAZZI KBIRA lil sħabi tal-Kumitat, lil sħabi tal-Bord Editorjali KOLLHA, mingħajr distinzjoni, għax li kieku ma kinux huma, din is-sena żgur illi ma wassaltx dan il-messaġġ. Grazzi lill-Kummissjonijiet, is-Surmast Direttur, l-għalliem tal-allievi, il-bandisti, l-allievi u lilkom il-membri, l-ammiraturi u l-għeżież tagħkom. Ilkoll flimkien kellna sena oħra mimlija ħajja u attività fis-Soċjetà u issa wasalna sabiex naħsdu l-frott flimkien. Ħsieb partikolari personali jmur lejn marti Marouska, binti Petra Marie li tant saret tħobb lil San Pietru u l-Banda Birżebbuġa kif ukoll lil ommi u lil missieri tal-paċenzja li jieħdu bija kontinwament.

Inħeġġeġ lil kulħadd sabiex jixtri u juża l-prodotti ta' dawk reklamati magħna sabiex inpattulhom ftit għall-appoġġ illi jagħtu f'din il-pubblikazzjoni kif ukoll fil-Kalendarju Annwali.

Lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa, lil dawk illi jiġu jgħixu magħna villeġġjanti fis-sajf u lil dawk illi jżuru lil dan ir-raħal 'ġawhra ġewwa ħatem' kif isejjaħlu l-poeta tas-Seklu Dsatax Wiġi Rosato f'jiem il-festa titulari ta' Missierna San Pietru, il-festa t-tajba! Ejjew nattendu bi ħġarna l-funzjonijiet tal-knisja għax il-festa tibda u tintemm madwar l-artal, viċin Dak illi San Pietru tant ħabb u ta ħajtu għaliH. San Pietru baqa' magħruf għax ħabb lill-Ħallieq, kieku konna ninsewh bħalma min jaf kemm intesew persuni oħra matul is-sekli. Wara dan, ħalli għalina sabiex niċċelebraw u nifirħu flimkien mal-kbira popolari Banda Birżebbuġa, il-protagonista, u ngawdu l-isbaħ sorpriżi, briju u nar li nafu nagħmlu aħna tal-Iljun!

Viva l-Appostlu Missierna San Pietru!

Viva s-Soċjetà Filarmonika San Pietru!

Viva l-Banda Birżebbuġa – tal-Iljun!

Mro Christopher Bonnici jispjega lill-udjenza dwar il-benefiċċji mużikali u t-tagħlim mużikali fis-Soċjetà

Mro Christopher Bonnici jidderieġi l-Kor Xmun Pietru waqt il-kunċert 'Virgini Perdolenti'

Il-mużika ma fihiex fruntieri

Wieħed mill-allievi l-ġodda jdoqq għall-ewwel darba quddiem l-udjenza fil-kunċertin tal-allievi

It-tagħlim mużikali fih biss benefiċċji u jgħin fl-iżvilupp mentali, edukattiv u emottiv tal-persuna

Il-Kunċert tal-Milied tmexxa għall-ewwel darba mill-Assistent Surmast Christopher Bonnici

TA' GORG

Restaurant

Birżebbuġa
Mob: 9989 9158
Tel: 2713 3511



Triq San Ġwann

Il-kunsillier

ALEXANDER CARUANA

flimkien mal-familja tiegħu jixtiequ
jawguraw il-festa t-tajba lill-kulhadd

E: **alexbirzebbuga@gmail.com**

M: **7970 4903**

Introduzzjoni mill-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi

Jonathan Ellul Bonnici

L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

U l-ewwel Ħadd ta' Awwissu reġa' magħna! Dak ifisser li għaddiet sena oħra mindu ċċelebrajna l-festa tagħna. B'hekk wara sena oħra impenjattiva nerġgħu nsarfu dak kollu li nkunu ilna naħdmu għalih.

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u hekk jiġri matul sena ta' ħidma kontinwa minn diversi membri fi ħdan is-Soċjetà. Kif isir kull sena, hekk kif tgħaddi l-festa tas-sena ta' qabel, inkomplu għaddejjin bl-attivitajiet għax il-ħajja ma tiqafx mal-festa, anzi tibda taħseb għal dak li jkun ġej 'il quddiem. Matul is-sena, il-Kumitat Ċentrali flimkien mad-diversi sotto-kumitati li tħaddan magħha s-Soċjetà, inwettqu diversi attivitajiet sabiex ir-rota tas-Soċjetà tkun tista' tibqa' għaddejja. Naturalment il-ħsieb għall-attivitajiet ikun beda minn qabel, kif ukoll ir-reklamar u l-ippjanar ta' dawn l-attivitajiet. Nieħdu ħsieb li niddisinjaw powsters addattati għal kull attività kif ukoll għal diversi anniversarji li jkollha s-Soċjetà kif ukoll dwar Birżebbuġa. Illum il-ġurnata, il-medja soċjali saret kruċjali ħafna fejn jidħol reklamar. U għalhekk, kemm jista' jkun nagħmlu l-aħjar mezz possibbli sabiex il-marketing tas-Soċjetà jkun kemm jista' jkun mill-aħjar. Naturalment, dejjem miftuħin għall-ideat u għall-għajnuna. Minn hawn nixtieq inħeġġeġ lil dawk kollha li jsegwu l-paġna tas-Soċjetà, sabiex kemm jista' jkun jagħmlu share tal-posts li jittellgħu fuq il-medja soċjali. B'hekk inkunu qed inkomplu nkabbru l-popolarità tas-Soċjetà, kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Matul din is-sena ġew organizzati diversi attivitajiet fosthom ikliet, diversi car washes, attivitajiet fi żmien il-Milied, programmi u servizzi mużikali u attivitajiet annwali. Din is-sena rajna r-ritorn tar-rappreżentazzjoni ħajja għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa, grazzi għall-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar li bl-għajnuna ta' diversi membri setgħu jagħmlu dan possibbli. Għal dan ir-ritorn

ħadna ħsieb li nżommu lis-segwaċi tagħna b'diversi ritratti waqt il-provi li kienu qed isiru. Minn qalbi nixtieq ngħid prosit lil dawk kollha involuti sabiex it-talent ta' diversi membri ġie muri lill-udjenza li ġiet issegwi din ir-rappreżentazzjoni.

Il-qofol tkun il-festa titulari. Il-marketing tal-festa jkun wieħed intensiv. Il-ħsibijiet u l-preparamenti jibdew isiru minn kmieni. Flimkien nibdew niġbru l-ideat sabiex imbagħad jitfassal programm tal-festa. B'hekk nibdew id-disinji ta' powsters diversi kif ukoll muntaġġi ta' diversi filmati li jwassluna sal-ġimgħa tal-festa. Dan ma jiqafx hawn. Matul il-ġimgħa tal-festa nżommu lis-segwaċi tagħna infurmati bid-dettalji, filmati u ritratti ta' matul il-ġimgħa tal-festa. Hekk kif tgħaddi l-festa tkompli l-ħidma ta' sorting ta' ritratti u filmati kif ukoll muntaġġ. Xogħol impenjattiv mhux ħażin iżda li jagħti sodisfazzjon enormi.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li matul is-sena nsibuhom ta' għajnuna. Ringrazzjament speċjali jmur lejn il-familji tagħna li dejjem insibuhom ta' spalla f'dak kollu li nagħmlu. Personalment, din is-sena kienet waħda speċjali għall-familja tagħna hekk kif Lejlet il-Festa tal-2023, jien u marti lqajna lit-tifel tagħna Jacob.

Minn qalbi nixtieq nawgura festa sabiħa lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa kif ukoll lil dawk kollha li jiċċelebraw il-festa magħna. Fuq kollox, kif inħobb nagħmel dejjem, insellem lil dawk kollha li ma jistgħux jiċċelebraw il-festa iżda jħaddnu l-kult Petrin f'qalbhom.

Ejjew niċċelebraw festa sabiħa u denja f'ġieħ il-Patrun tagħna San Pietru kif ukoll li tagħmel ġieħ lis-Soċjetà tagħna u fuq kollox lil Birżebbuġa.

Viva San Pietru!

L-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi flimkien mal-Grupp Reffiegħa tas-Soċjetà

Casual 78

Casual wear, Underwear
& Sportswear

Prop. Raymond Brincat

NIKE rider grendha

www.grendene.com.br
export@gredene.com.br

Pretty Bay, Birżebbuġa

T: 2165 8447
M: 9942 4570

Charlie's
MOTORING SCHOOL

WHITE LODGE, TRIQ TAL-QATTUS, GHAXAQ

TEL: 2180 9397 • TEL: 9947 2808

alfqatt autoparts

18, Luqa Road, Qormi QRM 9073
Mob: 9949 0044, 9986 8411
Email: maquilina@isg.com.mt

Birżebbuġa Tiċċelebra Lill-Prinċep tal-Appostli San Pietru fil-Ktajjen
Il-Programm tal-Festa Titulari 2024

Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju:

8:00pm: Fl-okkażjoni ta' għeluq ix-xahar mill-festa titulari, se tiġi organizzata Pasta Night f'Misraħ il-Knisja.

Il-Ħadd 7 ta' Lulju:

8:00am: Car Wash quddiem il-każin fi Triq Birżebbuġa.

Is-Sibt 20 ta' Lulju:

7:30pm: Lejla Sajfija organizzata mill-parroċċa fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali. Ikun hemm talent lokali, ikel u xorb.

L-Erbgħa 24 ta' Lulju:

6.30pm: Sports Rally fi Triq il-Kostituzzjoni

Il-Ħamis 25 ta' Lulju:

6.30pm: Quddiesa Kantata u Adorazzjoni animati mill-Kummissjoni Liturġija bi tħejjija għall-festa titulari.

Il-Ġimgħa 26 ta' Lulju:

8:00pm: Attività Grandjuża fi Triq Birżebbuġa, quddiem is-sede tas-Soċjetà. Ikun hemm talent mill-aqwa u mużika ta' kull żmien. Waqt din l-attività se tiġi organizzata majjalata f'atmosfera festiva mill-aqwa. Ibbukkjaw minn kmieni ħalli ma tiddiżappuntawx ruħkom.

Is-Sibt 27 ta' Lulju:

6.30pm: Quddiesa mmexxija minn Dun Victor Scicluna li fiha nitolbu għal dawk li mietu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn. Mistiedna b'mod speċjali l-qraba u l-ħbieb. Insemmuhom b'isimhom.

6:30pm: Għall-ewwel darba se tiġi organizzata Festa Tfal mis-Soċjetà. Tibda mill-Bajja s-Sabiħa u tintemm fi Triq Birżebbuġa quddiem il-każin. Ilkoll mistednin niġu nakkumpanjaw din il-festa ferrieħa li se tkun akkumpanjata mill-Banda Birżebbuġa li ddoqq innijiet Petrini u marċi brijuži. Ejjew, bil-flokkijiet ħodor u ġibu lil uliedkom u lin-neputijiet.

Il-Ħadd 28 ta' Lulju: Jum il-Ħajja

11.00am: Quddiesa li fiha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi li twieldu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn. Tingħata tifkira. Imexxi l-E.T. Isqof Awżiljarju Joe Galea Curmi.

12:00pm: Green Gathering fil-bottegin tal-każin f'atmosfera festiva mill-aqwa.

7.00pm: Quddiesa animata mill-Grupp ŻAK u mmexxija minn Fr Jean Gové. Mistiedna l-għaqdiet taż-żgħażagħ tal-parroċċa.

It-Tnejn 29 ta' Lulju:
Jum l-Għaqdiet tal-Parroċċa u l-Ħruġ tal-Vara min-Niċċa

8:00am: Mat-tokki tat-tmienja, l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar tilqa' l-festa titulari bi ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

12:00pm: Mat-tokki u l-mota solenni ta' nofsinhar isir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

6.45pm: Quddiesa Kantata fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali mmexxija mill-Kappillan, il-Kanonku Reuben Micallef.

7.30pm: Ħruġ tal-vara titulari ta' San Pietru Appostlu (1959) fuq iz-zuntier illi tintlaqa' b'ferħ u b'entużjażmu mill-poplu ta' Birżebbuġa. Iż-żewġ baned lokali, Banda Birżebbuġa u Banda San Pietru fil-Ktajjen, magħqudin f'banda waħda jilqgħu lil San Pietru bid-daqq tal-innu popolari u innijiet oħra b'tema Petrina. Tingħad il-Kurunella.

7.30pm: L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar issellem lil San Pietru bi ħruq ta' salut, kaxxa infernali, murtali bil-logħob u murtaletti.

8:00pm: Kif tintemm il-funzjoni fuq iz-zuntier, iż-żewġ baned lokali jdoqqu f'banda waħda matul Misraħ il-Knisja, imbagħad il-Banda Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli tkompli l-marċ tagħha f'din ir-rotta: Triq Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq, Triq il-31 ta' Marzu, Misraħ ir-Repubblika, Triq il-Musbieħ, Triq Santa Rita, Triq it-Tħabrik, Triq il-Port Ħieles, Triq

il-Kostituzzjoni, Misraħ ir-Repubblika, Triq it-13 ta' Diċembru, Triq San Ġwann, Triq iż-Żebra, Il-Bajja s-Sabiħa u Triq Birżebbuġa quddiem il-każin fejn jintemm il-marċ fost il-briju tal-partitarji. Fi tmiem il-marċ ikun hemm spettaklu flimkien ma' Ryan Spiteri, u wara nissuktaw niċċelebraw flimkien fil-każin.

It-Tlieta 30 ta' Lulju:

Jum it-Tfal

6.30pm: Quddiesa għat-tfal bi preżentazzjoni fuq il-ħajja ta' San Pietru u tqassim tal-midalji tal-*Isports Rally.* Wara, purċissjoni ferriħija bl-istatwa ta' San Pietru tat-tfal (2018) sal-MUSEUM fejn issir ċelebrazzjoni għat-tfal. Imexxi l-Kanonku Peter Ellul.

8:30pm: Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Għaxaq, mistiedna mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa tibda marċ fl-inħawi tal-Qajjenza minn Triq il-Ħajja Ewlenija u tissokta fi Triq il-Għerien, Triq il-Maqdes, Triq Herakles, Triq il-Fossili, Triq l-Iżbark tat-Torok, Triq il-Kitarristi, Triq il-Mandolina, Triq il-Fossili, Triq il-Batterija F.M. Ferretti, Triq is-Sur Cachia Zammit, Triq Birżebbuġa, nimxu fuq il-promenade, Triq San Pietru, Triq San Mikiel, Triq Santa Katarina, Triq il-Knisja, Il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u akkumpanjat mill-briju jitla' f'Misraħ il-Knisja fejn jintemm bid-daqq tal-innu popolari.

11.15pm: Spettaklu f'Misraħ il-Knisja fuq il-planċier tas-Soċjetà minn Drop Out Brass Band illi jinkludi feature.

L-Erbgħa 31 ta' Lulju:

L-Ewwel Jum tat-Tridu u Jum id-Djakonija

6.30pm: Quddiesa Solenni mmexxija minn Fr Lino Azzopardi. Mistiedna speċjali l-morda, l-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familji tagħhom, kemm dawk li joqogħdu Birżebbuġa, kif ukoll dawk li jinsabu rikoverati f'xi dar. Wara l-quddiesa ssir il-funzjoni tat-Tridu bil-Kurunella lil San Pietru, l-Antifona 'Int ir-Ragħaj' ta' Maryanne Zammit (1982) u tingħata l-Barka Sagramentali.

8:30pm: Riċeviment fis-swali tas-Soċjetà għas-sezzjonijiet, onorarji, membri, bandisti, allievi u benefatturi tas-Soċjetà.

Il-Ħamis 1 ta' Awwissu:

Il-Festa Liturġika ta' San Pietru Rebbieħ mill-Ktajjen, It-Tieni Jum tat-Tridu u Jum il-Familja

6.00pm: Ċelebrazzjoni Solenni tal-Għasar tat-Tridu u Salve Regina.

6.30pm: Quddiesa Solenni mmexxija minn Fr Victor Paul Farrugia. Mistiedna l-familji b'mod speċjali l-koppji li qed jiċċelebraw xi anniversarju ta' żwieġ u koppji li żżewġu matul din is-sena. Wara l-quddiesa ssir il-funzjoni tat-Tridu bil-Kurunella lil San Pietru, l-Antifona 'Int ir-Ragħaj' ta' Maryanne Zammit (1982) u tingħata l-Barka Sagramentali.

8:15pm: Il-Banda Popolari Birżebbuġa tibda marċ minn Triq San Filippu (kantuniera ma' Triq Ġużeppi Despott), Triq San Edwardu, Triq 13 ta' Diċembru, Triq iż-Żurrieq, Triq Sant'Anġlu, Misraħ tal-Pajtier, Triq Santa Rita, Triq il-Brolli, Triq Birżebbuġa, Triq San Mikiel, Triq Santa Katarina, Triq il-Knisja, Il-Bajja s-Sabiħa u Triq Birżebbuġa fejn jintemm il-marċ quddiem il-każin fost il-briju tal-partitarji.

Il-Ġimgħa 2 ta' Awwissu:

It-Tielet Jum tat-Tridu u Jum is-Saċerdoti, Reliġjużi u Persuni ta' Ħajja Kkonsagrata

8:00am: Mat-tokki tat-tmienja jsir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

12:00pm: Mat-tokki u l-moti ta' nofsinhar isir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

6:00pm: Ċelebrazzjoni Solenni tal-Għasar tat-Tridu u Salve Regina.

6.30pm: Quddiesa Solenni mmexxija minn Fr Noel Vassallo, Delegat għall-Kleru. Mistiedna speċjali dawk kollha li għandhom għal qalbhom it-talb għall-Vokazzjonijiet. Wara t-Tqarbin jitkanta l-innu ta' ringrazzjament, it-Te Deum bħala għeluq tat-Tridu. Wara l-quddiesa ssir il-funzjoni tat-Tridu bil-Kurunella lil San Pietru, l-Antifona 'Int ir-Ragħaj' ta' Maryanne Zammit (1982) u tingħata l-Barka Sagramentali.

7:00pm: L-istatwa ta' San Pietru, propjetà tas-Soċjetà (1991) titgħabba fuq il-lanċa u tibda d-dimostrazzjoni tradizzjonali mfittxija mid-dilettanti tal-festi Maltin mill-Bajja ta' San Ġorġ sal-Bajja s-Sabiħa. L-istatwa tkun akkumpanjata minn diversi dgħajjes u opri tal-baħar kif ukoll element bandistiku li jdoqq marċi brijuži.

8:00pm: Il-Banda Popolari Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli tilqa' l-wasla tal-istatwa bl-innu popolari u innijiet b'tema Petrina. Id-dimostrazzjoni tissokta mill-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa fejn tingħata tislima denja quddiem il-każin, Misraħ il-Knisja fejn quddiem il-parti l-ġdida tas-sede jindaqqu l-innijiet, Triq iż-Żurrieq, Triq San Ġwann, Triq San Edwardu, Il-Bajja s-Sabiħa, Triq il-Knisja, Triq Santa Katarina, Triq Birżebbuġa u tintemm fil-Bajja s-Sabiħa fejn l-istatwa tittellgħa fuq il-pedestall tagħha fost il-briju tal-partitarji. L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar issellem lill-istatwa ta' San Pietru bil-ħruq ta' kaxxa infernali mill-Bajja s-Sabiħa.

9:30pm: Ħruq ta' murtali bil-logħob, sfejjer, blalen, murtali tal-kulur u kaxxa infernali tal-kulur.

11:30pm: Spettaklu fil-Bajja s-Sabiħa li jinkludi l-feature tradizzjonali.

Is-Sibt 3 ta' Awwissu:

Lejlet il-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu

12:00pm: L-ikla tradizzjonali tal-festa bejn il-ħbieb, fil-każin.

5.30pm: Quddiesa

6.30pm: Translazzjoni Solenni tar-Relikwa ta' San Pietru Appostlu mill-Knisja l-Antika tal-Madonna tad-Duluri għall-Knisja Parrokkjali. Kant tal-Innu tal-Appostli u l-Antifona 'Solve Jubente Deo' ta' Mro Ray Sciberras (2016).

Ċelebrazzjoni Solenni tal-Ewwel Għasar tas-Solennità u Salve Regina. Espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament u tingħata l-Barka Sagramentali. Imexxi Monsinjur Patrick Incorvaja, iben il-parroċċa.

7.30pm: Quddiesa.

8:00pm: Waqt id-daqq solenni tal-moti, il-Banda Popolari Birżebbuġa tibda l-marċ *a la Veneziana*, akkumpanjata mill-istandardi kollha tas-Soċjetà, l-istandard il-prim tar-rakkmu (2001) u l-bandalora artistika (2015). Il-marċ jibda minn Triq Birżebbuġa, Misraħ il-Knisja, Triq Sant'Andrija, Triq Sant'Anġlu, Misraħ tal-Pajtier, Triq is-Sajjied u jintemm f'Misraħ il-Knisja quddiem il-planċier.

9:00pm: Il-Banda Birżebbuġa tiċċelebra Lejlet il-Festa Titulari bil-kunċert vokali, korali u strumentali annwali fuq il-planċier, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli ATCL. Flimkien mal-banda jieħdu sehem is-Soprano Karen Camilleri, it-Tenur Charles Vincenti, il-kantanta Riona Degiorgio u l-korijiet 'Mirabitur' u 'Xmun Pietru', il-kor tas-Soċjetà. Informazzjoni dwar is-siltiet esegwiti u l-loġistika jinsabu f'paġni oħra ta' din il-pubblikazzjoni.

9:30pm: Ħarqa spettakolari ta' Lejlet il-Festa li tibda bi ħruq ta' salut tal-lampjun, murtaletti, sfejjer, blalen, murtali bil-logħob, murtali biċ-ċentru u murtali tal-kulur. Tagħlaq il-ħarqa kaxxa infernali kbira tal-kulur.

11:30pm: PYRO COLOURS mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar. Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art artistiku u b'diversi mekkaniżmi differenti li tintemm b'tapit sinkronizzat mal-mużika. Kollox FROTT IT-TFAL TA' BIRŻEBBUĠA.

Il-Ħadd 4 ta' Awwissu:

Jum il-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu

Quddiesa fis-6.30am, fit-8.00am u fil-11.00am.

8:00am: Mat-tokki tat-tmienja jsir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

9.00am: Konċelebrazzjoni Solenni bil-mużika mmexxija minn Monsinjur Patrick Incorvaja, f'għeluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Wara l-Qari tal-Evanġelju, Patri Mario Attard jinseġ il-Paneġierku lill-Appostlu San Pietru, il-Patrun ta' Birżebbuġa. Fi tmiem il-quddiesa titkanta l-antifona 'Solve Jubente Deo' ta' Mro Ray Sciberras (2016).

12:00pm: Mat-tokki u l-moti ta' nofsinhar isir ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

12:00pm: Il-Banda Popolari Birżebbuġa tibda l-marċ il-kbir *Tal-Iljun* minn Triq Birżebbuġa, Il-Bajja s-Sabiħa, Triq il-Knisja, Triq id-Duluri, Triq San Mikiel, Triq Santa Katarina, Triq it-Tankijiet, Triq Żarenu Dalli, Triq San Mikiel, Triq Santa Katarina, Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq, Triq Profs. Anton Tabone, Il-Bajja s-Sabiħa u Triq Birżebbuġa fejn jintemm il-marċ fost il-briju tal-partitarji. Tinħaraq musketterija minn fuq il-każin. Fi tmiem il-marċ inkomplu nieħdu pjaċir flimkien fil-każin bħala familja waħda flimkien mad-DJ Pierre B.

6.00pm: Quddiesa Kantata li fiha jitkanta t-Tieni Għasar tas-Solennità mmexxija mis-Saċerdot Novell Dun Karl Andrew Schembri. *(Ma ssirx il-Quddiesa tas-7.00pm)*

7.15pm: Tibda ħierġa l-Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota kif ukoll ir-Relikwa ta' San Pietru fil-Ktajjen, il-Patrun ta' Birżebbuġa mmexxija minn Dun Karl Andrew Schembri. L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar tagħti t-tislima tagħha lill-istatwa u r-Relikwa tal-Appostlu San Pietru bi ħruq ta' salut, kaxxa infernali kbira Spanjola, murtali bil-logħob u settijiet ta' murtaletti.

8:00pm: Il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi tibda programm mużikali fuq il-plankier tas-Soċjetà, imbagħad takkumpanja l-purċissjoni b'inijiet u marċi b'tema Petrina mill-Bajja s-Sabiħa sad-dħul lura fil-knisja parrokkjali.

9:30pm: Il-membri u l-partitarji niltaqgħu quddiem is-sede tas-Soċjetà fi Triq Birżebbuġa sabiex nagħtu l-merħba xierqa lill-patrun tagħna San Pietru Appostlu hekk kif jasal quddiem il-każin, imbagħad inkomplu nakkumpanjawh sad-dħul lura fil-knisja.

10.30pm: Dħul tal-purċissjoni lura fil-knisja parrokkjali, kant tal-antifona 'Solve Jubente Deo' ta' Mro Ray Sciberras (2016), Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Barka Sagramentali u Bews tar-Relikwa waqt illi jitkanta l-innu popolari lil San Pietru. Nistennew lil sħabna tan-nar, issir talba u tislima lil San Pietru bħala ringrazzjament illi ntemm kollox b'wiċċ il-ġid.

11:00pm: Il-Banda Popolari Birżebbuġa ttemm l-impenji mużikali tagħha bil-marċ tan-Nar u r-Reffiegħa. Tibda mill-Bajja s-Sabiħa, fejn l-istatwa ta' San Pietru (1991) titniżżel minn fuq il-pedestall, u akkumpanjata mill-Banda Birżebbuġa titwassal u tiddaħħal lura fil-każin. Il-marċ jissokta u jintemm f'Misraħ il-Knisja.

Inħeġġu sabiex wara dan is-servizz mużikali, il-membri u l-partitarji jagħtu daqqa ta' id fiż-żarmar tal-plankier, l-armar tal-faċċata kif ukoll l-apparat tal-briju. Napprezzaw kull għajnuna. Aktar kemm inkunu nies, indumu u nbatu inqas u nserrħu rasna li kollox jinsab merfugħ sigur għall-festa titulari 2025.

It-Tnejn 5 ta' Awwissu:
L-Għada tal-Festa u x-Xalata Tradizzjonali

8:00pm: Niltaqgħu ħdejn Għar Dalam bil-vetturi mżejnin bil-kuluri tas-Soċjetà sabiex flimkien nagħmlu daħla brijuża fir-raħal u nroddu ħajr lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa tal-appoġġ kontinwu tiegħu, filwaqt illi nagħmlu kuraġġ lil xulxin, fil-ħidma tagħna matul it-triq twila ta' sena, li twassalna sabiex jekk Alla jrid, niċċelebraw mill-ġdid festa kbira u sabiħa lil San Pietru Appostlu fis-sena 2025, illi taħbat ukoll il-35 anniversarju mit-twaqqif uffiċjali tas-Soċjetà.

Il-Ħamis 10 ta' Awwissu:
Jum ta' Radd il-Ħajr lil Alla u lil Xulxin

6.30pm: Quddiesa u ħin ta' Adorazzjoni b'radd il-ħajr 'l Alla għal kull min għen fil-festa. Imexxi l-Kappillan, il-Kanonku Reuben Micallef.

L-animazzjoni liturġika fil-jiem tal-festa titulari ssir mill-Kor Parrokkjali b'akkumpanjament tal-orkestra, taħt id-direzzjoni tal-Maestro di Cappella, Josette Polidano ALCM; LLCM (TD).

Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-festa titulari nattendu bi ħġarna l-funzjonijiet liturġiċi u nattendu l-attivitajiet illi se jkunu organizzati b'rispett sħiħ lejn xulxin u nakkumpanjaw lill-Banda Popolari Birżebbuġa waqt illi tterraq mat-toroq ta' raħalna.

Nappellaw sabiex nirregolaw ruħna mas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin f'dawn il-jiem sbieħ tal-festa. Ejjew ningħaqdu madwar l-altar u madwar il-patrun tagħna sabiex nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek, Ommna Marija u lil San Pietru li waqfu magħna matul din is-sena.

Ejjew nuru li aħna *tal-festa* billi narmaw il-galleriji, il-bjut, it-twieqi u l-faċċati ta' djarna bil-kuluri tas-Soċjetà u fuq kollox b'xi statwa, inkwatru jew stampa ta' San Pietru Appostlu.

Il-Kumitat Ċentrali jirriserva d-dritt illi dan il-programm jista' jitbiddel mingħajr avviż prematur skont il-ħtieġa tal-festa ta' San Pietru Appostlu.

VIVA L-APPOSTLU MISSIERNA SAN PIETRU!

Inħarsu 'l quddiem bit-Tama, għax il-Mulej għandu l-Kliem tal-Ħajja ta' Dejjem (Ġw 6: 36)

Kan. Reuben Micallef
Il-Kappillan u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà

Waslu l-jiem tal-festa tant għażiża għalina - il-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen. L-ewwel festa tiegħi fostkom. Il-festa għalina hija opportunità biex nesprimu l-ferħ tagħna għall-virtujiet li l-patrun tagħna wera fil-qadi lejn it-twettiq tar-rieda ta' Alla f'ħajtu. Dan huwa li qegħdin niċċelebraw. Niċċelebraw l-attitudnijiet sbieħ li propju San Pietru kellu, minkejja d-difetti u d-dgħufijiet tiegħu. Aktar ma nagħtu importanza lil dawn il-virtujiet, aktar insaħħu l-ispirtu tal-festa Nisranija.

Il-festa esterna hija l-estensjoni taċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja parrokkjali tagħna. Dan għandu jkun rifless fil-valuri mgħixa fid-dieher, bħala xhieda ta' Kristu ħaj fostna fid-dinja tal-lum. Xi drabi faċilment jiġrilna li dak li nkunu qegħdin niċċelebraw fuq barra jservi ta' aljenazzjoni għalina milli nipparteċipaw f'dak li nkunu qed niċċelebraw fil-knisja. Dan huwa riskju li jista' jiġri f'kull qasam tal-ħajja soċjali tagħna - li ninsew minn fejn inkunu bdejna. Qisu tkun miexi fuq pont tal-ħabel u l-injam, u inti u miexi tibda żżarrat bil-mod il-ħabel għax tkun qed tinsa li propju s-saħħa fil-pont hija l-ħabel li qed iżżommu sħiħ.

Kristu ta l-irwol lil Xmun Pietru li jgħaqqad u jsaħħaħ lil ħutu l-appostli u d-dixxipli flimkien. Il-festa għandha tkun espressjoni ta' fraternità u ta' unità, u żgur li mhux tal-aħna u tal-huma. Huwa l-irwol tagħna li bħal Pietru naħdmu għall-ġid tal-komunità kollha sabiex, dejjem f'kooperazzjoni u fi spirtu fratern, naħdmu għal dak li huwa essenzjali għalina – il-ġid spiritwali u soċjali tal-komunità tagħna. Il-festa hija l-ewwel u qabel kollox Kristo-ċentrika. Dan ifisser illi fl-aħħar mill-aħħar il-qaddisin qed jgħallmuna kif ħallew lil Kristu jinfluwenza l-attitudnijiet tagħhom b'tali mod li biddlu l-prijoritajiet ta' ħajjithom, saħansitra biddlu l-pjanijiet ta' ħajjithom biex jimxu warajh. Dan huwa l-ispirtu tal-festa li nawgura lil kull wieħed u waħda minna li jkollna. Lejn dan għandna nħarsu b'determinazzjoni u b'fidi.

Jekk flimkien mal-uffiċjali tal-każini jirnexxilna nwasslu dan il-messaġġ lil kull min hu parteċipi fil-festa, allura dak kollu li huwa kulturali u soċjali fil-festa nkunu qegħdin inlibbsuh libsa ġdida, inkunu qed nagħtuh togħma ġdida. In-nar tal-art u tal-arju jsir aktar espressjoni tan-nar tal-ħeġġa li jagħtina l-Ispirtu s-Santu sabiex nitħeġġu fid-don tal-fidi u fil-frott tal-Ispirtu. L-armar tat-toroq tagħna jsir espressjoni li jfakkarna fil-libsa tal-Magħmudija tagħna meta fiċ-ċelebrazzjoni jingħad 'ilbes lil Kristu' fl-atteġġjamenti u fl-imġiba tiegħek. Il-baned, il-mużika u l-kunċerti jfakkruna f'dak li jgħidilna San Pawl li l-ebda widna qatt ma semgħet dak li Alla ħejja għal dawk li jħobbuh, u għalhekk ifakkruna fil-ħajja ta' dejjem wara l-mewt. Il-miġemgħa u l-ħbiberiji li jerġgħu jiltaqgħu flimkien fil-jiem tal-festa jfakkruna li aħna lkoll pellegrini fuq din l-art li lkoll kemm aħna, aħna minn fejn aħna ġejjin, għandna l-opportunità li nisimgħu s-sejħa u li nkunu ħaġa waħda sabiex flimkien ningħaqdu max-Xirka tal-Qaddisin fil-ġenna. Dan kollu għandhom ifakkruna l-jiem tal-festa.

Minn qalbi nawgura tassew festa sabiħa lil kulħadd, fejn tassew inħallu l-kliem ta' Pietru jidwi f'moħħna u f'qalbna, 'Mulej fejn tridna mmorru; inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.'

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa tilqa' lill-Kappillan il-ġdid, il-Kanonku Reuben Micallef u tifraħ miegħu għall-ħatra ta' Direttur Spiritwali tas-Soċjetà. Fl-istess waqt tawguralu ħafna ħidma f'Birżebbuġa u twiegħdu l-appoġġ kontinwu tagħha. Bl-istess mod trodd ħajr lill-Kappillan, il-Kanonku Anton Galea Scannura għall-Parrokat u l-ħidma tiegħu f'Birżebbuġa u tal-għajnuna li dejjem ta lis-Soċjetà kemm dam Direttur Spiritwali tagħha filwaqt illi tawguralu ħidma fejjieda fil-parroċċa ta' Santa Katarina ta' Lixandra Verġni u Martri taż-Żejtun.

GRAZZI Dun Anton!
MERĦBA Dun Reuben!

Bħal kull parroċċa oħra, kull numru ta' snin, Birżebbuġa jkollha tgħaddi minn din il-bidla wkoll. Kważi għaxar snin ta' parrokat tal-Kanonku Anton Galea Scannura waslu fi tmiemhom propju fis-sena li fihom kien qed jiċċelebra l-Ġublew tal-Fidda mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Il-Kappillan Galea Scannura jibqa' mfakkar għall-kariżma tiegħu kif ukoll għal kemm kien jagħti kas lill-parruċċani u l-bżonnijiet tagħhom. Kemm żar morda fl-isptarijiet u fi djarhom! Irnexxielu mhux biss ikun il-Kappillan, imma wkoll ir-Ragħaj illi mexa mal-parruċċani fil-mixja kollha tagħhom, fil-ferħ u fid-diffikultajiet.

Kien xieraq għalhekk, illi bħalma nhar is-Solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl, l-Imnarja 2023 inġbarna fil-knisja parrokkjali sabiex niċċelebraw il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali, wara li nhar is-Sibt 16 ta' Settembru tħabbar illi Dun Anton inħatar l-Arċipriet taż-Żejtun, bdew il-preparazzjonijiet għall-quddiesa ta' radd il-ħajr, illi saret fil-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa nhar is-Sibt 28 ta' Ottubru.

Il-kongregazzjoni li ħanqet il-knisja parrokkjali f'din l-okkażjoni turi r-rispett u l-imħabba reċiproka li l-Kappillan Galea Scannura kien igawdi. Mhux persuna jew tnejn kienu bid-dmugħ f'għajnejhom, speċjalment meta lejn tmiem il-quddiesa solenni ngħataw bosta rigali u wħud mill-parruċċani wasslu l-ħajr tagħhom pubblikament lill-Kappillan uxxenti. Fi tmiem il-quddiesa, fuq iz-zuntier tal-parroċċa sar festin ta' radd il-ħajr, fejn il-Kappillan Galea-Scannura kellu l-opportunità li jsellem lill-parruċċani u lil Birżebbuġa, li minkejja kollox, għadu marbut magħha.

Lejlet il-quddiesa ta' radd il-ħajr, Dun Anton kien mistieden fis-sede tas-Soċjetà, u wara diskors tal-okkażjoni, mexxa t-talba tar-Rużarju Mqaddes u wara sar riċeviment f'ġieħu bħala ħajr għall-għajnuna u l-koperazzjoni kollha tiegħu matul il-parrokat f'Birżebbuġa.

Min jaf hux kumbinazzjoni, imma l-Kappillan predeċessur tiegħu, Dun Nikola Pace, Kappillan ta' Birżebbuġa bejn is-sena tal-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000 u s-sena taċ-Ċentinarju Parrokkjali 2013, minn Birżebbuġa nħatar ukoll l-Arċipriet taż-Żejtun. Apparti hekk, fis-sena 2013, fl-aħħar sena tal-parrokat tiegħu, il-Kappillan Pace ukoll kien qed jiċċelebra l-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, bħala entità soċjali imma fl-istess waqt parteċipi ħafna fil-parroċċa, bidla bħal din taffettwaha wkoll. Minbarra li rat il-bidla fil-Kappillan tal-parroċċa, kellha tirreġistra wkoll il-bidla fid-Direttur Spiritwali, u hekk kif Dun Anton mar ikompli l-missjoni tiegħu fiż-Żejtun, is-Soċjetà ħatret lill-Kappillan il-ġdid, Dun Reuben Micallef bħala d-Direttur Spiritwali tagħha.

Fil-ftit xhur illi ilu magħna, il-Kanonku Reuben Micallef diġà daħal fil-qalb tal-Birżebbuġin. It-tbissima tiegħu u l-mod kif lest illi jisma' lil min javviċinah diġà tagħtina l-opportunità li naħdmu flimkien. Il-mod żagħżugħ kif iġib ruħu mat-tfal u maż-żgħażagħ juru li l-Kappillan jibqa' dispost illi jinkludi lil kulħadd fil-ħidma pastorali tiegħu.

Nhar is-Sibt 27 ta' Jannar 2024, Birżebbuġa bi ħġarha laqgħet lill-Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna fil-bidu uffiċjali tal-Ħidma Pastorali tal-Kanonku Reuben Micallef.

Għall-ħabta tal-17:30, minn quddiem id-Dar Parrokkjali, iż-żewġ baned lokali laqgħu lill-Kappillan il-ġdid, il-familja tiegħu u bosta ħbieb, u flimkien mal-Iscouts ta' Birżebbuġa u bosta parruċċani, għad-daqq tal-innijiet Petrini u l-marċi brijużi, terrqu mat-toroq tar-raħal. Kif il-korteo ferrieħi wasal quddiem is-sede tas-Soċjetà, il-Kappillan il-ġdid intlaqa' fil-każin, iffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi u għamel messaġġ lil kull min kien preżenti.

Is-Soċjetà ramat is-sede tagħha kif jixraq bil-pavaljuni u l-bandalori, kemm fi Triq Birżebbuġa kif ukoll f'Misraħ il-Knisja, ittellgħu l-bnadar tal-festa kif ukoll il-fustuni filgħaxija bħala sinjal illi Birżebbuġa kienet qiegħda tiċċelebra festa sabiħa.

Il-Korteo kompla lejn il-knisja parrokkjali, fejn il-Kappillan il-ġdid daħal mill-korsija, sellem lill-istatwa titulari ta' San Pietru Appostlu, illi f'okkażjoni bħal din, it-tradizzjoni hija li tinħareġ min-niċċa, u wara li wasal Monsinjur Arċisqof, bdiet il-Konċelebrazzjoni Solenni li fiha, il-Kappillan Micallef inħatar bħala l-Kappillan ta' Birżebbuġa.

Fil-bidu tal-quddiesa, ingħata simbolikament l-imfietaħ tal-knisja parrokkjali, filwaqt illi wara l-Omelija, sar ir-rit tal-Pussess bl-inċensar tat-Tabernaklu, il-waqfa quddiem il-fonti tal-Magħmudija, il-Konfessinarju, id-daqq ta' tliet tokki mill-qanpiena l-kbira u wkoll l-indirizz mill-ambone.

Fi tmiem il-quddiesa solenni, inżamm riċeviment fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa.

1

2

3

4

5

6

7

8

9

10

1. Il-Kanonku Anton Galea-Scannura
2. Il-Kanonku Reuben Micallef
3. Il-bidu tal-quddiesa ta' ringrazzjament
4. Il-Knisja Parrokkjali maħnuqa bin-nies għall-quddiesa ta' ħajr
5. Bosta persuni sellmu lill-Kappillan fi tmiem il-ħidma tiegħu
6. Il-Kappillan Micallef jiffirma l-Ktieb tal-Viżitaturi
7. Il-bidu tal-Koreto f'Jum il-Pussess
8. Is-Soċjetà ħadet ħsieb tarma b'mod mill-isbaħ għall-Pussess
9. L-Arċisqof jippreżenta l-Kappillan il-ġdid lill-poplu ta' Birżebbuġa
10. Rigal mis-Soċjetà lill-Kappillan il-ġdid

TONY MUSCAT

Tony Muscat Caterers Limited

Freshly made ice-Cream

Ice-Cream Manufacturers

89, St. Patrick Street, Birżebbuġa
Tel/Fax: 2165 8677

Dove's Pet Shop

Triq 31 ta' Marzu, B'Bugia

Tel: 21 650 943

"With Best Wishes"

Zaren Dalli Street, Birżebbuġa
Tel: 2165-3443 Mob: 7965-3443

October – June Opening Hrs:
Mon to Sat 16:00 – 20:00 Sat & Sun 08.00-12.00

July to September Opening Hrs:
Mon to Fri: 08:00 – 12:00, 16:00 – 20:00
Sat & Sun: 08:00 – 12:00

Stationery and Giftshop

Best Stationery at lowest prices
Original Gifts and Novelties
Music Books and ART Materials

http://www.facebook.com/withbestwishes

Naħdmu għal Aktar Suċċess għal Birżebbuġa

Scott Camilleri
Sindku Kunsill Lokali Birżebbuġa

Huwa ta' pjaċir tiegħi li għal sena oħra nindirizzakom permezz ta' din il-paġna. Ftit tal-ġimgħat ilu, għal darba oħra fdajtuni bit-tmexxija tal-lokalità tagħna Birżebbuġa. Dan l-irwol huwa ta' privileġġ kbir. Huwa ta' privileġġ għax tingħata l-opportunità biex taħdem għall-ġid u t-tkabbir tal-lokalità tiegħek.

L-impenji u l-isfidi tagħna huma kbar, iżda b'kollaborazzjoni u b'impenn nemmen illi flimkien nistgħu niksbu ħafna. Il-ġid komuni, il-progress soċjo-ekonomiku u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti tagħna se jkunu dejjem fuq nett tal-aġenda tagħna. Nixtieq inkun is-Sindku ta' kulħadd, u nkun dejjem lest nisma', nifhem, u naġixxi fl-interess ta' Birżebbuġa u r-residenti tagħha.

Nitolbu lil Alla biex jagħtina l-għerf u s-saħħa sabiex inkunu nistgħu nwettqu dmirijietna b'integrità, trasparenza, u b'qalb miftuħa. Għandi fiduċja kbira fil-potenzjal tagħna bħala Kunsill, u ninsab ħerqan sabiex inkompli dan il-vjaġġ flimkien magħkom.

L-ewwel nett, personalment nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi u formalment nirringrazzja liż-żewġ każini tal-baned lokali għall-professjonaliżmu eċċezzjonali tagħhom, ħbiberija sinċiera, u sforzi kollaborattivi fi ħdan il-komunità tagħna. Bħala Sindku ninsab kuntent immens li għandi l-opportunità li nikkollabora magħkom.

Irrid nenfasizza l-apprezzament sinċier tiegħi għad-dedikazzjoni bla waqfien u l-imħabba profonda, esebiti miż-żewġ każini tal-baned, lejn il-komunità u l-festa tagħna. Matul is-sena dawn il-gruppi notevoli kisbu rikonoxximenti sinifikanti u rrappreżentaw il-lokalità tagħna bl-akbar kburija. Din il-kisba notevoli timlieni bi kburija immensa, u nfaħħar lil kull wieħed u waħda minnkom għall-kisbiet eċċellenti tagħkom.

Bħala Sindku, jiena nwiegħed li nżomm dan l-entużjażmu ħaj fost il-membri tagħkom, fejn bi pjaċir ninnota l-involviment attiv taż-żgħażagħ tagħna fi ħdan dawn l-għaqdiet hekk kif jistinkaw biex jilħqu tragwardi ġodda. Nappoġġja bil-qalb l-isforzi tagħhom u se nkompli nrawwem ambjent li jħeġġeġ it-tkabbir u l-iżvilupp tagħhom.

Din il-festa għażiża tagħna lil San Pietru fil-Ktajjen għandha post speċjali f'qalbna, peress illi mhux biss tfakkar lill-qaddis patrun iżda sservi wkoll bħala xhieda tal-għaqda u l-wirt kulturali għani tal-komunità tagħna. Il-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen isservi bħala ċelebrazzjoni vibranti ta' fidi, tradizzjoni u għaqda. Tissimbolizza r-rabta li ma tinkisirx, li torbotna bħala komunità, li tressaqna eqreb u ssaħħaħ il-valuri komuni tagħna. Permezz ta' din il-ġabra annwali nagħtu ġieħ lit-tagħlim tal-patrun u nispiraw mid-devozzjoni u r-rieda soda tiegħu.

Fl-aħħar snin ħdimna qatigħ fuq diversi proġetti li kienu ilhom mistennija mir-residenti tal-lokalità tagħna. Bħala Sindku ta' Birżebbuġa huwa dmir u privileġġ tiegħi li naqsam magħkom il-progress li għamilna fil-komunità tagħna u l-iżviluppi eċitanti li ġejjin. Matul il-leġiżlatura li għadha kif intemmet wettaqna diversi proġetti, fosthom il-ftuħ tal-berġa tas-saħħa fi Triq Birżebbuġa, parkeġġ fuq żewġ sulari f'Wied il-Buni, rinovar tal-bandli f'Tal-Papa u fil-Bajja s-Sabiħa, u ftehim ġdid ma' Clean Malta għal aktar indafa fit-toroq residenzjali. Sar l-akbar numru ta' toroq ġodda u sqaqien. Ħadna ħsieb nirrestawraw ir-ridott ta' San Ġorġ u l-pittura tas-Sagra Familja. Bdejna x-xogħlijiet fuq Ġnien l-Indipendenza u għamilna proġett ta' tisbiħ fil-pjazza ta' Bengħajsa.

Dawn il-proġetti kienu fundamentali għal-lokalità tagħna. Issa qed inħarsu 'l quddiem għal bini ta' ċentru ċiviku ġdid, bandli ġdid f'San Ġorġ, nagħtu dehra isbaħ lill-pjazza u Triq Żarenu Dalli, nirduppjaw id-daqs tal-park għall-familja f'Bengħajsa, u nirriġeneraw ix-xatt f'Wied il-Buni.

Huwa l-impenn bla waqfien tagħna li nġibu proġetti u inizjattivi ta' kwalità fil-lokalità tagħna. Aħna determinati li noħolqu ambjent illi jrawwem it-tkabbir tal-komunità, il-benesseri, u s-sens qawwi ta' appartenenza. Flimkien nistgħu nibnu futur isbaħ għal Birżebbuġa.

Fl-għeluq, nixtieq nesprimi l-gratitudni sinċiera tiegħi liż-żewġ każini tal-banda tagħna, il-forzi tal-ordni u lill-parroċċa lokali għall-kontribut imprezzabbli tagħhom fil-komunità tagħna, speċjalment waqt il-preparamenti u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa lokali tagħna.

F'isem il-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa nawgura l-festa ferrieħa u memorabbli lir-residenti ta' Birżebbuġa. Jalla din l-okkażjoni speċjali tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet ta' bejnietna u tfakkarna fil-wirt għani u l-għaqda li jiddefinixxu l-lokalità sabiħa tagħna ta' Birżebbuġa.

Viva San Pietru!

IRONMONGERY

Triq F.M Ferretti, Qajjenza, Birżebbuġa BBG05

Tel: 21654497 Mob: 77445014

Owner: Horace Scicluna

Electrical & Water Fittings, Household Goods, Paints more than 1000 colours, Tools, Barbeque Sets, Different tips for pumps, Water Heaters, Pumps, Key Cuttings & more...

Struttura tas-Soċjetà 2024

Struttura Onorarja

President Onorarju, Fundatur u Benefattur Ewlieni
Anthony Camilleri

Fundaturi tas-Soċjetà
Anthony Camilleri, Alexander Caruana, Joseph Caruana, Angelo Cutajar, Raymond Cutajar (RIP), Jason Vella

Presidenti Onorarji Għal Għomorhom
Il-Perit Michael Schembri B.E.&A (Hons), A. & C.E., Jason Vella

Presidenti Onorarji
Peter Camilleri, Emanuel Zammit, Paul Polidano, Dr Henry Antoncich L.P., LL.D., il-Prim Imħallef Joseph Azzopardi LL.D., Lonzu Vella, Simon Micallef, Victor Schembri, il-Kavallier Derek Mifsud Speranza, Dr Marylin Sultana LL.B., N.P., Jason Cutajar, Roderick Cachia, Charles Ellul, Steve Briffa, Francis Cassar, Guido Agius, Christopher Camilleri

Membri Onorarji
Sunny Bonnici, Paul Schembri, Carmelo Galea, Ronnie Galea, Joe Cutajar, Tarcisio Bongailas, Dennis Micallef, Emmanuel Mangion, Mikiel Schembri, Pierre Zammit, Marco Camilleri, Benji Caruana, Andrè Taylor, Thaddeo Agius, Aidan Vella, Simon Galea, Eman Farrugia, il-Kavallier John Taylor, Daniel Cutajar, Paul Zammit

Surmastrijiet Onorarji
Mro Felicienne Paris B.Ed (Hons); L(Mus)TCL; L(Mus)LCM;
Mro Gennaro Sibilano (Rivo di Puglia); Mro Ray Sciberras FLCM

Struttura Amministrattiva

Il-President: Il-Kavallier Alexander Caruana OSJ
Is-Segretarju Ġenerali: Henry Bonnici
It-Teżorier: Walter Pace

Il-Viċi President: Andy Mifsud Camilleri
L-Assistenti Segretarji: Mro Christopher Bonnici u Paul Gafà
L-Assistenti Teżoriera: Marouska Bonnici u Nicola Bonnici Mc Intyre

Id-Direttur Ġenerali: Il-Kavallier John Taylor
Id-Direttur Manutenzjoni: Pierre Zammit
Id-Direttur Armar tal-Każin: Benji Caruana

Is-Surmast Direttur: Mro Michael Bugelli A.T.C.L.
L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, tar-Ram u tal-Perkussjoni: Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM
L-Għalliem tal-Istrumenti tal-Injam: Mro Ludwig N. Desira

Il-Kordinatriċi tal-Kor Xmun Pietru: Marouska Bonnici
L-Arkivisti: Andy Mifsud Camilleri u Kristian Cassar

Id-Delegati tal-Banda: Alexander Caruana u Angelo Graham

Il-Kordinatur għall-Applikazzjonijiet: Paul Gafà u Andy Mifsud Camilleri

Fund-Raising u Attivitajiet: Marouska Bonnici

Ir-Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni: Matthew Polidano

Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Armar Estern: Benji Caruana

Ir-Rappreżentant tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar: Eman Farrugia

Ir-Rappreżentant Sezzjoni Banda Birżebbuġa: Andy Mifsud Camilleri

Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin: Anthony Camilleri

Ir-Rappreżentanta tal-Helpers Nisa Petrini: Marouska Bonnici

Id-Direttur tal-Pubblikazzjonijiet: Christopher Bonnici

L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Jonathan Ellul Bonnici

Webmaster: Andy Mifsud Camilleri

Kumitat Eżekuttiv

2023-2024

Bilwieqfa mix-xellug:

Andy Mifsud Camilleri, Benji Caruana, Christopher Bonnici,
Matthew Polidano, Paul Gafà

Bilqiegħda mix-xellug:

Marosuka Bonnici, Henry Bonnici, Alexander Caruana, Walter Pace,
Nicola Bonnici Mc Intyre

Neqsin mir-ritratt: Eman Farrugia, Christopher Camilleri

Il-Messaġġ tal-President

Kav. Alexander Caruana

Il-President

Iż-żmien jgħaddi malajr wisq kultant, u, mhux biss reġgħet waslet festa oħra, imma anke għalija f'din is sena għalaqt għaxar snin f'din il-kariga. Kien fit-30 ta' Marzu 2014 meta l-membri għażluni sabiex ninħatar bħala l-ħames president tas-Soċjetà, kariga li jien kont aċċettajt sa Ottubru, jiġifieri sal-Laqgħa Ġenerali Annwali li kien imiss, imma ħaġa taqla' lill-oħra, u sal-lum għadni fit-tmexxija tas-Soċjetà. Kienu ħafna ċ-ċirkostanzi li minħabba fihom kelli nibqa' f'dan iż-żmien kollu. L-ewwel nett, il-25 sena anniversarju fl-2015, imbagħad xtrajna l-post tal-pjazza, u allura hemmhekk is-Soċjetà kellha bżonn tmexxija li mhux biss tgħaddi l-proċess tax-xiri, imma anke l-proġett kbir ta' rikostruzzjoni li għamilna. Imbagħad il-ħsieb kien illi nieqaf meta nkun ili ħames snin, imma f'dik is sena kellna nżanżnu l-oratorio 'Divo Petro' li kien il-ħsieb tiegħi, u minħabba li faqqgħet il-pandemija kellna ndumu biex inżanżnuh, u issa wasalt sal-għaxar sena. Kienu snin ta' ħidma kbira min-numru kbir ta' nies li flimkien ħdimna biex naraw lis-Soċjetà tagħna tagħmel progress kbir f'kull qasam. Apparti t-tkabbir tal-propjetà u l-proġett ta' rikostruzzjoni, dan ġie segwit minn proġett ta' tisbiħ tal-każin. Għamilna investiment kbir fil-banda u t-tagħlim mużikali. Ma nistax ma nsemmix l-istrumenti ġodda u tal-ogħla kwalità li xtrajna, kif ukoll l-organizzazzjoni tal-iskola tal-mużika fejn bdejna ngħallmu t-teorija u nressqu lill-allievi tagħna għall-eżamijiet ta' barra. Kellna żieda kbira wkoll fis-servizzi mużikali. Fost dawn is-servizzi, bdejna mmorru ndoqqu wkoll fil-festa ta' San Pietru u San Pawl in-Nadur Għawdex. Kellna wkoll żewġ mawriet bil-banda: f'Riposto fl-2016 u f'Katanja fl-2021. Kien ukoll l-iktar żmien fejn il-banda tagħna tat l-ikbar kunċerti tagħha. Insemmu l-akkademja fil-knisja tagħna fl-2015 f'għeluq il-25 sena, *A Night at the Cathedral* fil-Katidral tal-Imdina fl-2018, il-kunċerti *al Capitale* fl-2019, imbagħad il-premiere tal-oratorio 'Divo Petro' f'Lulju 2021 li erġajna esegwejnieh fil-knisja tagħna fi Frar 2023. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lis-Sezzjoni Banda.

Apparti dan kollu, saret ħidma kbira fil-qasam tal-armar, fejn il-Kummissjoni Armar Estern għamlet bosta armar mill-isbaħ kemm għall-każin kif ukoll armar ieħor għal waqt il-marċi mill-Kummissjoni Żgħażagħ Iljuni, proġetti ta tisbiħ speċjalment il-pitturi kollha li saru fil-każin mill-Kummissjoni Tisbiħ u suċċessi kbar mill-Għaqda Piroteknika 22 ta' Frar, speċjalment meta s-sena l-oħra rebħu l-festival tan-nar tal-art fil-Furjana. Ma' dawn kellna wkoll l-għajnuna tan-Nisa Petrini li għenuna fl-attivitajiet kif ukoll sabiex inżommu l-każin tagħna dejjem nadif.

Wara li s-sena l-oħra inawgurajna l-proġett tat-tisbiħ tal-faċċata, illi ġiet dekorata bl-irħam, din is-sena lestejna l-proġett tal-għamara tal-kamra tal-kumitat, kif ukoll l-arkivju mużikali, proġett li tant ilna nistennewh.

Però għalija din kienet l-iktar sena iebsa ta' ħajti meta fis-27 ta' Jannar li għadda, waqt li kont qed nagħmel xogħol volontarju l-knisja, kelli inċident u sal-lum ġħadni qed nirkupra minnu. Kien żmien illi xtaqt nagħmel iktar, imma saħħti ma bdietx tagħtini, però nħares 'il quddiem għal żmien aħjar.

Kellna wkoll il-bidla tal-kappillan tal-parroċċa tagħna u allura rrid insellem lil Dun Anton Galea-Scannura u nirringrazzjah tal-għaxar snin tiegħu bħala r-ragħaj spiritwali tagħna u nawgura lill-kappillan il-ġdid Dun Reuben Micallef li issa qed imexxi l-parroċċa tagħna. Nixtieq nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, speċjalment lis-Segretarju u lit-Teżorier, kif ukoll lill-Viċi President illi f'dawn l-aħħar xhur kellu jippresjedi ħafna mil-laqgħat fl-assenza tiegħi, lill-kummissjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà, lill-membri u partitarji kollha tas-Soċjetà tagħna. Nirringrazzja wkoll lill-awtoritajiet ċivili, lis-Sindku u lill-Kunsill Lokali tal-koperazzjoni tagħhom, lill-Kappillan u lill-kleru tal-parroċċa tagħna, lill-President u kumitat u membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, kif ukoll lill-Grupp Armar l-1 t'Awwissu, illi flimkien magħhom inkunu qed naħdmu ma' tant nies oħrajn sabiex ikollna festa sabiħa u kif tixraq lill-maħbub patrun tagħna San Pietru.

Fl-aħħarnett nirringrazzja b'mod speċjali lill-għażiża marti Charlotte tal-paċenzja kbira li dejjem tieħu biex jien inkun nista' nagħmel dawn l-impenji, kif ukoll lill-uliedi, Nikita u Peter Paul. Nirringrazzja wkoll lis-Surmast tagħna Michael Bugelli, lill-Assistent Surmast Christopher Bonnici, lill-Għalliem Ludwig N. Desira, lill-bandisti u l-allievi kollha.

Nappella biex inżommu l-għaqda fir raħal tagħna, għax b'hekk biss jista' jibqa' jkollna festa sabiħa kif jixtieq il-patrun tagħna u nawgura dak li jgħid il-motto tar-raħal tagħna: Paċi u Saħħa lil Kulħadd!

Viva San Pietru u Viva Birżebbuġa!

Jikteb is-Segretarju

Henry Bonnici
Is-Segretarju Ġenerali

Xi kultant meta tħares lura tibda tistaqsi: "Kif wasalna sa hawn?" Minkejja li mhux kollox kien ward u żahar u d-diffikultajiet ma naqsux. Qisu Ibieraħ meta 34 sena ilu twaqqfet is-Soċjetà u bis-saħħa u l-ħidma ta' ħafna wasalna fejn qegħdin illum. Kemm volontieri, ħafna drabi mingħajr daqq ta' trombi, iqattgħu ħafna ħin, minkejja l-impenji tagħhom personali u familjari, jippreparaw u jfasslu xi ħidma jew jgħinu fiż-żamma tal-każin. Ma kienx hemm sena li ma kellniex xi self xi nħallsu. Dan juri li dejjem kellna tama fil-futur tas-Soċjetà, is-self juri tama fil-futur mhux diżunur, anzi meta jsir bilgħaqal tkun qiegħed tagħmel investiment għaqli. Dan jista' jsir bl-impenn ta' ħafna volontieri, b'mod speċjali kull sezzjoni li dejjem tara x'tivvinta biex tiġbor fondi biżżejjed sabiex isiru proġetti ġodda. Grazzi tax-xogħol kollu li tagħmlu!

Bqajna ffukati fuq il-banda u t-tagħlim tal-mużika, li baqgħu dejjem prijorità għalina. Dejjem naraw kif nagħtu l-għajnuna tagħna sabiex ninvestu fit-tagħlim tal-mużika għal dawk li jridu jitgħallmu strument u teorija. Permezz ta' dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lill-Assistent Surmast Christopher Bonnici li jagħmel l-almu tiegħu kollu sabiex iressaq lejn is-Soċjetà iktar studenti biex jitgħallmu t-teorija u saħansitra anki strument. Waħdu biss, qed jgħallem 23 student u studenta, uħud minnhom jagħmlulna unur anke b'marki assoluti fl-eżamijiet mużikali. Saru wkoll serati apposta għall-allievi sabiex quddiem il-familjari u l-pubbliku inġenerali jesprimu t-talenti tagħhom.

Nirringrazzja wkoll lis-Surmast Direttur Michael Bugelli li kif ngħidulu li ser ikun hemm xi servizz jew xi programm jibda jaħseb għall-biċċiet tal-mużika kif jaf isib biex tingħoġob minn dawk li jattendu. Is-servizzi barra l-post ma naqsux. Il-banda tinvolvi wkoll ħafna spejjeż u mnalla jkunu l-fondi li joħorġu minn żmien għal żmien li jibqgħu jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż u d-donazzjonijiet mill-benefatturi.

Mill-34 sena li semmejt, insibu li 10 snin minnhom kienu taħt il-presidenza u l-viċi presidenza tal-Kavallier Alexander Caruana u ta' Andy Mifsud rispettivament. Dawn ħallew it-timbru tagħhom mhux biss bil-linka imma bix-xogħol u l-ħidma tagħhom. Ta' dan nirringrazzjawhom u ninkoraġġuhom.

Għaxar snin oħra għaddiehom fostna l-Kappillan, il-Kanonku Anton Galea Scannura li issa sar l-Arċipriet tal-parroċċa taż-Żejtun. Lil Dun Anton dejjem sibnieh ta' għajnuna u ta' inkoraġġiment vis-a-vis l-għaqdiet tal-parroċċa. Ta' dan nerġgħu nirringrazzjawh u nibqgħu rikonoxxenti għall-ħidma tiegħu.

Telaq Dun Anton u wasal Kanonku ieħor: Dun Reuben Micallef. Inħoss illi ingrana tajjeb magħna u ta' dan nawgurawlu aktar ħidma fejjieda u iktar ħidma flimkien.

Nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali. Il-ħidma tagħhom tiffaċilita l-ħidma tagħna. Lejhom nirrikorru meta jkollna bżonn affarijiet mill-Gvern Lokali. Nawguraw lill-kunsill il-ġdid li jibqa' jibni fuq dak ta' qablu u jibqa' jagħtina l-għajnuna tiegħu meta nfittxuh.

Is-sehem tal-pulizija fil-festa u fiċ-ċelebrazzjonijiet huwa indispensabbli. Magħhom niddjalogaw biex nimxu mar-regoli stabbiliti. Nirringrazzjaw lis-Supretendent, l-Ispettur u l-pulizija assenjati fir-raħal tagħna.

Lill-President u membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, kif ukoll lill-Grupp Armar 1 ta' Awwissu nawgurawlhom il-festa t-tajba.

Grazzi għeżież membri tal-Kumitat Eżekuttiv, inkluż l-assistenti tiegħi, Christopher Bonnici u Paul Gafà, membri tal-kummissjonijiet u sezzjonijiet, bandisti, allievi, membri u partitarji tas-Soċjetà tagħna. Naf li xi kultant indejjaqkom dejjem nikkuntattjakom għal xi ħaġa jew oħra. Ta' dan minn qalbi nirringrazzjakom. Nixtiqilkom festa kbira u sabiħa u noqogħdu attenti li ħadd ma jweġġa'. Grazzi u nawgura festa mill-isbaħ lill-familjari tagħna li jaqsmu magħna l-piż b'inkoraġġiment u anke b'sagrifiċċju. Nixtieq nirringrazzja lill-mara tiegħi Catherine li tieħu paċenzja bija sabiex inkun nista' naqdi d-doveri tiegħi lejn is-soċjetà.

Nawgura l-festa t-tajba lin-nies ta' Birżebbuġa u l-aktar lill-morda. Fejn mhux possibbli li tkunu preżenti segwu permezz tal-mezzi soċjali ħalli l-festa tkun aċċessibbli għal kulħadd.

Viva San Pietru l-Patrun ta' Birżebbuġa u Viva l-Birżebbuġin ulied San Pietru!

Gasparell Baling Co. Ltd.

Ferrous and Non Ferrous
Scrap Metal Processing

Mob: 7965 1545

Mob: 9949 5236

Email: gasparell.b@gmail.com

HHF 601—Hal-Far Industrial Estate, Birzebbuga , BBG 3000

Merħba Fostna

Kappillan Kan. Reuben Micallef

L-Appell tat-Teżorier

Walter Pace
It-Teżorier

Għeżież Qarrejja

Għal darba oħra nsellmilkom u nirringrazzjakom illi erġajtu qegħdin taqbdu f'idejkom din il-pubblikazzjoni annwali li toħdilna ħafna xogħol matul is-sena. L-għan tiegħi huwa li nitkellem aktar dwar l-aspett finanzjarju relatat mal-ħajja tas-Soċjetà, inkluż din il-pubblikazzjoni. Ma nkunx qed nesaġera jekk ngħid illi l-ħidma fuq din il-pubblikazzjoni annwali bdiet ftit ġimgħat wara l-festa titulari, jiġifieri f'Awwissu 2023. Meta ngħid tibda l-ħidma, jiġifieri jibdew il-kuntatti għall-ġbir tar-reklami kif ukoll il-kuntatti ma' persuni li jkunu se jiġu intervistati jew jintalbu xi artiklu, speċjalment dawk l-artikli ta' riċerka. Għalhekk verament napprezza l-fatt illi tieħdu interess u kemm intom il-membri u l-partitarji, kif ukoll intom kollezzjonisti ta' dawn il-pubblikazzjonijiet tiġu Birżebbuġa u apparti tgawdu l-festa titulari magħna, tieħdu lura magħkom kopja ta' dan l-annwal.

Ikolli nifhem u jkolli nammetti li din is-sena kienet iebsa. Qed nikber. Qed negħja. Bosta drabi, anke matul is-sena kollha għaddieli minn moħħi l-ħsieb ili nieqaf. Nifhem illi hemm bżonn demm ġdid. Nifhem illi għandi bżonn nistrieħ. Fl-istess waqt nifhem illi għalkemm iżidli ħafna xogħol, il-każin huwa dar naturali għalija wara d-dar familjari. Imma nixtieq illi nibda nrawwem lil xi ħadd sabiex jeħodli posti. Dan ma jfissirx illi m'iniex se nibqa' ngħinkom, imma nħoss illi għandi bżonn nistrieħ. Dak illi jgħidli moħħi... Qalbi? X'tgħidli qalbi? Ma nafx! Propju għalhekk għadni ma waqaftx!

Matul din is-sena, apparti li l-volontarjat qed jonqos – u din ilna ngħiduha – imma kellna wkoll l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali. Dan wassal sabiex ħalla wkoll l-effett fuq l-operat tas-Soċjetà, għax bosta membri u partitarji kellhom il-ħidma tagħhom ma' xi partit jew ieħor, jew kandidat jew ieħor. In-nies jitferrxu. Minkejja dan kollu, qed nieħu gost illi bl-għajnuna ta' xulxin irnexxielna nerġgħu naslu għal festa titulari oħra, bit-tajjeb u l-ħażin kollu li l-ħidma fis-Soċjetà ġġib magħha.

Ħadt gost immens illi din is-sena reġa' sar id-dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa, u apprezzajt ferm ukoll illi reġgħu ntużaw wara bosta snin, il-kostumi li flimkien ma' marti Sue ħitna għal dan il-għan.

Irrid nirringrazzja lil kull min ħadem miegħi matul dawn is-snin kollha. L-ewwel u fuq kollox lil marti Sue, il-familja kollha tiegħi, it-tmexxija tas-Soċjetà, il-Kumitati kollha u l-fergħat kollha tas-Soċjetà. Grazzi wkoll lill-assistenti tiegħi: Marouska Bonnici u Nicola Bonnici Mc Intyre flimkien ma' Nathaniel u Klein Debono li huma l-id il-leminija tiegħi. Irrid insellem lilkom il-membri u l-partitarji u l-poplu kollu ta' Birżebbuġa tal-appoġġ u s-sostenn kontinwu li nsib mingħandkom. Ma rridx ninsa lill-kandidati kollha, kemm lokali, nazzjonali u Ewropej illi jagħtuna diversi donazzjonijiet u għajnuna matul is-sena.

Niftakar iżda f'membru partikolari li sfortunatament dejjem sibtu ta' għajnuna iżda ilu rikoverat għal bosta xhur issa: Christopher Camilleri. Agħmel kuraġġ Chris, taf illi aħna lkoll inħobbuk!

Inħeġġiġkom tużaw il-prodotti kollha li jirreklamaw magħna u fl-istess waqt nixtieq illi nħeġġiġkom tidħlu membri mas-Soċjetà tagħna. Nieħdu gost narawkom tieħdu drink fil-bottegin, nieħdu gost narawkom tattendu l-attivitajiet, nieħdu gost illi tiġu takkumpanjaw il-marċi spettakolari bil-briju tagħkom; kulma nitolbukom, idħlu membri wkoll. Tkunu qegħdin tgħinuna u tkunu qegħdin tkunu parteċipi direttament fil-ħajja tas-Soċjetà.

Nawgura li tgħaddi l-festa b'wiċċ il-ġid u li nkomplu naħdmu flimkien għall-ġid tas-Soċjetà li tant inħobbu, u għall-ġid ta' Birżebbuġa kollha.

Viva San Pietru Appostlu, il-Patrun tagħna lkoll!

TREE D
Jonathan Grech
owner
M (+356) 7944 5674
E info@treedfurniture.com
F www.facebook.com/treedfurnituremalta
Custom-made Furniture
Apertures
Restoration

Ikellimna d-Direttur Ġenerali

Chev. John Taylor
Id-Direttur Ġenerali

Għal sena oħra erġajt ninsab magħkom sabiex permezz ta' dawn il-paġni fuq din il-pubblikazzjoni annwali tal-festa ta' San Pietru nagħtikom rendikont ta' xi ħidma li saret fil-bini tal-każin minn wara l-festa tas-sena l-oħra sa meta waslet għandkom din il-pubblikazzjoni.

Din is-sena, bħas-snin ta' qabel saret ħafna ħidma ta' manutenzjoni fil-każin. Fost dawn hemm xogħol fuq is-servizzi sanitarji sabiex dawn ikunu dejjem aħjar. Fil-kamra tal-banju tal-ewwel sular, din is-sena nxtrat u twaħħlet nappy-changer. Ilha tinħass il-ħtieġa għal din, u din is-sena ġietna x-xoqqa f'moxtha, hekk kif żdiedu l-attivitajiet fil-każin illi jiġbdu udjenza ta' età żgħira u ddeċidejna li għandha tinxtara ħalli tibda tintuża. Twaħħlet propju fl-ewwel sular ħalli tkun aċċessibbli kemm mill-bottegin kif ukoll minn sulari oħra tal-każin. Bħal kull post illi jintuża b'mod frekwenti, il-każin tagħna jkollu bżonn ħafna ħtiġijiet differenti bħal dwal ġodda kif ukoll tindif konsistenti tal-binja kollha tas-Soċjetà, speċjalment is-sala Anthony Camilleri li tinkera u tintuża diversi drabi. Ħafna drabi nsibu l-għajnuna għal dan il-għan mill-helpers Nisa Petrini. La darba semmejt id-dwal, din is-sena waħħalna d-dwal mal-bibien ta' barra flimkien mal-globi u t-tubi għalihom. Sar ukoll dawl mal-oppramorti, dawl illi nħadem u ġie installat b'kordinazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni Armar Estern.

Ta' kull nhar ta' Ħadd, matul is-sena kollha, meta ma jkunx hemm xi ħaġa oħra, bħal xi luttu jew it-temp ma jippermettix, nippruvaw intellgħu xi bandiera fuq il-bini tal-każin. Tajjeb illi l-bandiera tittellgħa skont l-okkażjoni u mhux bl-addoċċ. Meta tkun xi festa speċjali fil-parroċċa jew fuq bażi nazzjonali, intellgħu ħames bnadar, waħda ma' kull arblu tas-Soċjetà, u għalhekk kull bandiera tkun marbuta ma' dik l-okkażjoni partikolari.

In-Niċċa ta' Kristu Rxoxt

Faċċata tan-niċċa tal-istatwa ta' San Pietru Appostlu maħduma fis-sena 1991, matul din is-sena nfetħet niċċa ġdida għall-istatwa ta' Kristu Rxoxt, maħduma fis-sena 1999. B'hekk fis-sular ta' isfel, matul is-sena kollha jistgħu jitgawdew dawn iż-żewġ opri artistiċi maħdumin mill-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi u huma propjetà tas-Soċjetà.

Għamara Ġdida

Matul din is-sena saret mill-ġdid l-għamara l-ġdida ta' Sala San Ġorġ Preca, is-sala tal-Kumitat filwaqt illi saru xi bibien ġodda fil-kuritur fejn kien ix-xaft tal-lift l-antik u bieb ieħor fis-sala prinċipali, is-Sala Anthony Camilleri, l-ikbar sala f'Birżebbuġa.

Radd il-Ħajr

Irrid nirringrazzja minn qalbi lil Frans Cassar *ix-Xavù*, lil Pierre Zammit *iċ-Ċiċoqq* illi nsibhom dejjem kull meta jkollna bżonn xi ħaġa. Ma rridx ninsa lill-Kummissjoni Armar Estern għaliex ħafna xogħol isir permezz tagħhom u lil Henry Bonnici, is-Segretarju Ġenerali li dejjem jiggwidani kull fejn ikun hemm bżonn. Nirringrazzja wkoll lill-grupp tal-helpers Nisa li b'mod frekwenti jgħinu fit-tindif tas-sede tas-Soċjetà. Grazzi lilkom sezzjonijiet, bandisti, membri u partitarji li nsibukom imqar b'kelma ta' kuraġġ matul is-sena kollha.

Nagħlaq billi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lil kulħadd!

Viva San Pietru!

Viva l-Banda Birżebbuġa!



Frans Cassar ix-Xavù fil-ħidma fuq in-niċċa l-ġdida ta' Kristu Rxoxt

Chris Refrigeration Services

Automotive, Truck, Trailer, Marine, Industrial, Domestic,
Air Conditioning & Refrigeration

Specialising in Refrigeration &
Electrical Fault finding

Chris Briffa
Mob: +356 9944 2451
Email: chrisbrif@gmail.com

Savoury Snacks
and Sweet Treats.

We also accept orders
for parties.

for more information find us on Facebook

or call us **7982 6425**

BUILDING
CONSTRUCTION LTD.
VAXXELLA
(9928 1241 - 9987 7263

Il-Perit Toni Bezzina
Shadow Minister
għall-Agrikoltura u s-Sajd
Il-Festa it-Tajba!
| 21490826
| 99430012
| perit.toni.bezzina@gmail.com
| Perit Toni Bezzina
| bezzinatoni

ALEX MERCIECA
Bathroom Centre Limited
25th November Avenue, c/w Labour Road, Żejtun - Malta ZTN2019
TEL: 00356 21695438
EMAIL: info@alexmercieca.com
Summer SALE
20% Off
New Opening Hours
Monday to Friday - 7:30 till 18:00
Saturday - 7:30 till 12:00

Il-Grupp li jmexxi l-manutenzjoni fis-sede

Il-bieb il-ġdid illi nfetaħ fis-sala Anthony Camilleri

Ħidma fuq is-sistemi tal-arja kkundizzjonata

Fis-sala prinċipali Anthony Camilleri ġiet iffinalizzata s-sistema tas-sound

Madum ġdid u titjib fil-bitħa

Bieb u twieqi ġodda li saru jatħu għal ġol-bitħa

Il-Kavallier Alexander Caruana – Il-President Andy Mifsud Camilleri – Il-Viċi President Għaxar Snin fil-Presidenza tas-Soċjetà

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa qed tiċċelebra għal sena oħra! Sentejn ilu ċċelebrat l-għaxar snin ta' Henry Bonnici bħala s-Segretarju Ġenerali tagħha, is-sena l-oħra għeluq l-għaxar snin mit-tieni terminu tat-Teżorier Walter Pace, u din is-sena qed tiċċelebra għeluq l-għaxar snin mill-ħatra tal-Kavallier Alexander Caruana bħala l-President tagħha. Flimkien mal-President, il-Viċi tiegħu Andy Mifsud Camilleri qed ifakkar ukoll l-għaxar snin mill-appuntament tiegħu bħala l-Viċi-President tas-Soċjetà. Anniversarju importanti li żgur ma għandniex inħalluh għaddej.

Tajjeb illi wieħed iżomm f'moħħu l-ekwilibriju li jeżisti fi ħdan is-Soċjetà; għal xi wħud jaf jidher staġnar, għaliex għal iktar minn għaxar snin baqgħet bl-istess tmexxija, għal xi wħud oħrajn jista' jidher kalma totali, fejn l-uffiċjali tant iħosshom jaħdmu flimkien, u l-membri tant jinsabu kuntenti bihom, illi qatt ma għadda minn moħħhom illi għandhom ibiddlu. Għaliex, ngħiduha kif inhi... meta jkollok vapur miexi tajjeb, għaliex għandek tbiddel il-kaptani? Għalkemm wara ċertu żmien, kull bidla ssir inevitabbli, għaliex kif jgħidu, min ma jbiddilx...

Kien propju nhar it-30 ta' Marzu 2014 illi f'Laqgħa Ġenerali Straordinarja, Alex Caruana, wieħed mill-fundaturi tas-Soċjetà lura fl-1989 inħatar bħala l-President tas-Soċjetà. L-ewwel inizjattiva li ħa, propju dakinhar tal-ħatra kienet illi s-sala prinċipali tas-Soċjetà, l-akbar sala f'Birżebbuġa, kif jixraq, wara r-rinovazzjoni tagħha għandha tissemma għall-Fundatur u Benefattur Ewlieni tas-Soċjetà, Anthony Camilleri, jew kif nafuh aħjar, is-Sur Nin, illi għadu l-President Onorarju għal Għomru fi ħdan din is-Soċjetà.

Alex jaħdem fis-Settur Pubbliku u huwa wkoll Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. Din hija t-tielet leġislatura li qiegħed iservi fil-Kunsill Lokali, u għalhekk dan huwa konferma kemm Alex huwa bniedem rispettat fil-komunità ta' Birżebbuġa, għaliex dawn l-aħħar żewġ elezzjonijiet ġie elett b'numru sew ta' voti mal-Ewwel Għadd.

Mal-ħatra tagħhom, Aleks u Andy ngħaqdu ma' Henry u Walter kif ukoll mal-Kummissjoni 25 Anniversarju, minħabba li ftit xhur wara, is-Soċjetà Filarmonika San Pietru kienet se tibda tiċċelebra għeluq il-25 sena mit-twaqqif tagħha. Saru ċelebrazzjonijiet speċjali, annijiet mal-każin, bnadar ġodda, armar ġdid, Akkademja Mużikali mill-Banda Birżebbuġa fil-knisja parrokkjali u ċelebrazzjonijiet speċjali fil-festa titulari ta' San Pietru Appostlu.

Matul dan l-anniversarju, ftit jiem qabel il-bidu tal-festa titulari, tħabbar illi s-Soċjetà investiet billi xtrat il-post tal-pjazza u dan ġab miegħu mhux biss piżijiet finanzjarji, imma anke ħtieġa ta' proġett ta' rikostruzzjoni. Dan grazzi għal bosta membri u partitarji tas-Soċjetà, illi ta' kuljum, xemx u xita kienu jattendu fil-bini tal-każin sabiex jgħinu ħalli l-proġett ma jdumx ma jitlesta. Fil-fatt, illum nistgħu ngawdu minn każin imkabbar u dejjem isbaħ.

Inxtraw bosta strumenti għall-Banda Birżebbuġa: sett ta' ħames timpani professjonali, gong, concert bass-drum, concert cymbals u bosta strumenti oħra, fosthom strumenti tal-perkussjoni awżlijarji. Saru wkoll bosta kunċerti tal-ogħla livell. Il-Banda Birżebbuġa ħarġet mill-konfini ta' Birżebbuġa u hekk kif kienet

C & T AUTOPARTS

EUROPEAN & JAPANESE AUTO PARTS
TARA-LYN CACHIA

21441008 | 99408464
taralynn.cachia@gmail.com

BIZOL

motor oils industrial oils gear oils car care additives

Owen
BONNICI

2180 2000

www.owenbonnici.com | owen@owenbonnici.com

Il-Festa t-Tajba

Alex mal-Banda Birżebbuġa f'Riposto

Parti mill-Istrumentatura tal-Banda Birżebbuġa. Fosthom jidhru t-timpani professjonali, il-qniepen tubulari u l-gong

Il-Banda Birżebbuġa fil-Katidral tal-Imdina fejn esegwiet fost l-oħrajn esegwiet is-silta impenjattiva 'The Archangels' ta' Franco Cesarini

Il Concerto Nella Capitale fil-Pro Katidral Anglikan ta' San Pawl

għamlet fis-sena 2000 meta ċċelebrat għeluq l-għaxar snin mill-fondazzjoni tagħha fl-Università ta' Malta, hekk għamlet fis-sena 2018, meta marret iddoqq fil-Katidral tal-Imdina u esegwiet mużika mill-aktar diffikultuża, speċjalment 'The Archangels' ta' Franco Cesarini. Sena wara, fl-2019 daqqet fil-Pro-Katidral Anglikan ta' San Pawl, il-Belt Valletta fl-okkażjoni ta' anniversarji nazzjonali

Għas-sena 2020 kien ippjanat illi jsir l-Oratorio 'Divo Petro', propju f'għeluq it-30 sena tas-Soċjetà. Ovvjament nafu x'ġara bil-pandemija, u dan kellu jistenna sa Lulju 2021 sabiex ittella' għall-ewwel darba fil-Katidral tal-Imdina, ħaġa li ġiet irreplikata f'Birżebbuġa fi Frar 2023. Dan ma kienx biżżejjed għaliex il-Banda Birżebbuġa rrekordjat dan l-oratorio b'mod professjonali flimkien ma' recording ieħor tal-innijiet Petrini, ieħor tal-marċi funebri u recording ieħor tal-marċi brijużi, bosta minnhom kompożizzjonijiet tas-Soċjetà.

Il-Banda Birżebbuġa kellha wkoll żewġ mawriet matul dan it-terminu ta' tmexxija: Riposto (2016) u Katanja (2021). Kienu okkażjonijiet fejn il-Banda Birżebbuġa mhux biss kienet ambaxxatriċi ta' Birżebbuġa fi rħula u bliet differenti f'Malta u Għawdex, imma anke barra minn xtutna. Kburin illi l-Banda Birżebbuġa kienet u għadha l-unika li kellha x-xorti ssemma n-noti mużikali ta' wlied Birżebbuġin lilhinn minn xtutna.

Sar ħafna xogħol ieħor ta' tisbiħ fis-Soċjetà, żewġ niċeċ ġodda, il-bottegin, it-tisbiħ tal-faċċata tal-każin li saret bl-irħam, il-proġett tal-għamara tas-Sala San Ġorġ Preca, magħrufa bħala l-Kamra tal-Kumitat u l-arkivju mużikali li wasal fil-fażijiet finali tiegħu.

Dan u aktar, f'għaxar snin BISS!

Kien xieraq, għalhekk illi s-Soċjetà ċċelebrat dan l-anniversarju ta' Alex fit-tmun tas-Soċjetà billi ddedikat għalih il-Kunċert Annwali 'Mill-Bandisti għall-Membri' li sar fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa nhar il-Ħadd 21 ta' April 2024. Madankollu kif dejjem jisħaq Alex, dan kollu li sar u ħafna ħafna iktar illi jekk jissemma jimla volumi diversi ta' kotba u mhux ftit paġni minn din il-pubblikazzjoni, ma sar qatt minn persuna waħda jew tnejn, imma lkoll flimkien, minn Soċjetà waħda, minn diversi sezzjonijiet, diversi membri u partitarji, illi lilhinn minn kollox, jingħaqdu sabiex is-Soċjetà tibqa' waħda dejjem ħajja u timxi dejjem 'il quddiem flimkien. Waħedna ma aħna kapaċi nagħmlu xejn, flimkien nagħmlu ħafna!

AD MULTOS ANNOS ALEX U ANDY!

L-Inawgurazzjoni tal-Estensjoni tal-Każin f'Misraħ il-Knisja



Ħidma fuq l-estensjoni tal-każin

L-Oratorio Divo Petro fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina

L-Oratorio Divo Petro f'Birżebbuġa

INSIEME
HOUSEHOLD GOODS AND GIFTS
44E, Birżebbuġa Rd., Birżebbuġa
Mob 77652561 / 9965 5586

Kemm kiber il-każin f'dawn is-snin!

L-inawgurazzjoni tal-irħam tal-faċċata, Ħadd qabel il-festa titulari 2023

Idoqq il-platti għall-ewwel darba fil-festa ta' Kristu Rxoxt wara l-inċident li kellu fis-27 ta' Jannar 2024

MUSCAT 1970 TRADING LTD

son of Anthony Muscat marbles

355, MDINA RD QORMI
QRM 9012, MALTA

Bradley: 99899673
Charlene: 79048204

Web:www.muscatmarbleworks.com
E:muscat1970trading@gmail.com

SPECIALIST IN:
MONUMENTS
MEMORIALS
PHOTO CERAMIC
AND MORE....

Permezz ta' Fondi Apposta Nissoktaw bil-Ħidma

Andy Mifsud Camilleri
Il-Vici-President u Responsabbli mill-Applikazzjonijiet tal-Fondi

Mill-festa tas-sena 2023 sal-lum, is-Soċjetà bbenefikat minn diversi fondi Ewropej u fondi oħra sabiex inkomplu nsaħħu s-Soċjetà u dak li tagħmel għall-membri, studenti tagħha u l-komunità.

Fond għall-Kawżi Soċjali
[Arkivju għall-mużika]

Sentejn ilu, permezz tal-fond għall-Kawżi Soċjali mill-Gvern ta' Malta, inħadem arkivju sabiex iservi ta' post fejn tkun miġbura l-mużika kollha tas-Soċjetà b'mod organizzat u tkun preservata sew. Minkejja li s-Soċjetà ilha mwaqqfa 34 sena biss u mqabbla ma' Soċjetajiet oħra pjuttost żagħżugħa, għandna numru sabħ ta' biċċiet mużikali, uħud minnhom miktuba għas-Soċjetà tagħna biss u oħrajn mixtrija.

Dan l-arkivju huwa wkoll biċċa għamara artistika li qiegħda ssebbaħ is-sala tal-kunċerti u ssebbaħ il-każin. Bħala kontinwazzjoni ta' dan il-proġett, is-sena l-oħra bdiet tinħadem l-iskultura tal-istess arkivju mill-artist Rennie Mizzi sabiex b'hekk dan il-proġett ikun komplut. Dan jinkludi xogħol fuq erba' bustijiet li ser jitpoġġew fil-parti ta' fuq tal-arkivju. Dan ix-xogħol jinsab fi stat avvanzat ħafna u ser naraw ir-riżultat tiegħu ftit tax-xhur oħra.

LEADER Programme

Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Part financed by the European Union
Co-financing Rate:
75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GHALL-FONDI EWROPEJ
Fondi tal-UE ghal Malta 2014-2020

Gal Xlokk
Measure 2: Strengthening a healthy cultural identity
[Investing in furniture to improve our capacity to organise cultural events]

Permezz ta' dawn il-fondi Ewropej taħt l-iskema Gal Xlokk ġiet ikkummissjonata għamara ġdida flimkien ma' sett siġġijiet ġodda għas-Sala San Ġorġ Preca, il kamra tal-Kumitat. Din l-għamara qed isservi biex jitpoġġew trofej, tifkiriet u fajls importanti li għandha s-Soċjetà. Din il-kamra issa ħadet dehra ġdida u qed isservi ta' post aktar sabiħ sabiex isiru diversi laqgħat importanti matul is-sena, kif ukoll sabiex nilqgħu persuni distinti fiha.

Gal Xlokk
Measure 3: Promotion of the Cultural Heritage
[ONLINE PUBLICATION OF OUR HISTORY]

Permezz ta' dawn il-fondi Ewropej taħt l-iskema Gal Xlokk, sentejn ilu nkitbet l-istorja tas-Soċjetà, minn qabel it-twaqqif tagħha sal-bidu tal-31 sena, u ġiet ippubblikata fi ktieb sabiex ikollna l-istorja dettaljata, affidabbli u preċiża tal-ġrajjiet kollha li seħħew sabiex twaqqfet is-Soċjetà u dak kollu li ġara biex wasalna fejn qegħdin illum il-ġurnata.

Permezz ta' din l-istess skema, qegħdin fil-proċess li naqbdu din l-istess pubblikazzjoni u naqilbuha għal-lingwa Ingliża, bid-differenza li din mhix ser tkun qiegħda tiġi stampata, imma ser tkun verżjoni diġitali. Fl-istess ħin qegħdin nagħmlu l-pubblikazzjoni bil-Malti wkoll f'verżjoni diġitali. Barra minn hekk ser jiġi inkluż dak li sar mis-Soċjetà f'dawn l-aħħar ftit snin minn meta ġie ppubblikat dan il-ktieb, sabiex l-informazzjoni tkun aktar riċenti.

It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda

[NGĦALLMU T-TRUMBUN LILL-ALLIEVI TAGĦNA]

Permezz tal-fond amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda nxtraw tliet trumbuni ġodda għal tliet allievi li wrew ix-xewqa li jitgħallmu dan l-istrument. Bħala Soċjetà għandna x-xorti li kemm is-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli kif ukoll l-Assistent Surmast Mro Christopher Bonnici, it-tnejn idoqqu dan l-istrument b'mod professjonali u għandhom esperjenza kbira. Għalhekk huwa iktar faċli għalihom biex jgħallmuh.

COMMUNITY DEVELOPMENT AND INNOVATION SCHEME

GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR YOUTH, RESEARCH
AND INNOVATION

[USAGE OF RAIN WATER]

Permezz ta' din l-iskema seta' jsir xogħol ta' tindif u tiswija fuq il-ġiebja li tinsab parti mill-estensjoni l-ġdida tal-każin li nxtrat fis-sena 2016 mis-Soċjetà. Din il-ġiebja kbira li jidher li nbniet aktar minn 100 sena ilu, hija msaqqfa b'arkati kbar u xorok. Kien jidher ċar illi din il-ġiebja kienet mimlija ħmieġ, u għalhekk l-ilma tagħha qatt ma ntuża.

Dan il-proġett serva biex din il-ġiebja terġa' tiġi wżata. Saru diversi xogħlijiet, fosthom il-ġiebja tbattlet kompletament mill-ilma, tnaddfet sew, tranġaw xi ħsarat li nstabu, u ssaħħew xi partijiet minnha bħala sigurtà.

Sabiex nagħmlu l-aħjar użu minnha u ma naħlux ilma, tranġaw il-katusi tal-ilma tal-każin kollu sabiex l-ilma tax-xita jispiċċa kollu f'din il-ġiebja. Barra minn hekk installajna pompa sabiex l-ilma jittella' fit-tankijiet tal-ilma u jintuża. Din tixgħel awtomatikament, speċjalment f'każ illi l-ġiebja tkun ser tfur bl-ilma biex innaqqsu li l-ilma tax-xita jispiċċa fit-triq.

Skema Wirt Artistiku

[Insaħħu l-wirt artistiku għall-Banda Birżebbuġa]

Permezz ta' din l-iskema amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ser inkunu qegħdin nibbenefikaw minn fondi sabiex isiru proġetti bl-iskop li nkattru l-kultura mużikali kif ukoll il-ħarsien u t-tisħiħ tat-tradizzjonijiet kulturali f'pajjiżna. Ser inkunu qegħdin insaħħu d-dawl għall-banda waqt il-programmi mużikali kif ukoll noħolqu atmosfera b'effetti tad-dawl meta jkun il-bżonn. Ser nieħdu ħsieb is-saħħa u s-sigurezza fil-kmamar tan-nar speċjalment waqt il-ħruq tan-nar, kif ukoll isir armar artistiku ġdid sabiex inkomplu nżejnu l-każin u t-toroq tagħna matul il-festa.

Il-Kumitat jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu biex isiru dawn l-proġetti kif ukoll għal dawk li għenu biex napplikaw għal dawn il-fondi, lill-President tas-Soċjetà Alex Caruana, lis-Segretarju Ġenerali Henry Bonnici, lill-Kaxxier Walter Pace, lil Christopher Bonnici l-editur tal-ktieb tas-Soċjetà, lil Jonathan Ellul Bonnici, u lil Steven Farrugia tal-għajnuna tiegħu.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa tirringrazzja minn qalbha lill-Viċi-President, Andy Mifsud Camilleri għall-ħidma metikoluża tiegħu fis-Soċjetà, mhux biss fejn jidħlu l-fondi, imma tista' tgħid f'kull qasam ieħor. Fl-istess waqt tawguralu f'għeluq l-għaxar snin mill-ħatra tiegħu ta' Viċi President tas-Soċjetà.

AD MULTOS ANNOS
2014-2024

Matul is-Sena

Żjara mill-President tal-Parlament Ewropew Dr Roberta Metsola f'Jum il-Festa Titulari 2023. Iffirmat ukoll il-Ktieb tal-Viżitaturi

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali li ta' kull sena tisma' u tixtarr bi pjanijiet konkreti għall-futur.

Ċelebrazzjoni tar-Rużarju u Laqgħa ta' ħajr lill-Kappillan Anton Galea-Scannura fi tmiem il-parrokat f'Birżebbuġa

Il-festa ta' Santa Ċeċilja organizzata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Is-Siġra ppreżentata mis-Soċjetà waqt l-attività Milied fil-Pjazza

Żjara lil Jake Vella li jinsab rikoverat

Waqt ir-riċeviment tal-Għaqda Każini tal-Banda fil-bidu tas-sena l-ġdida

Żjara lil Christopher Camilleri li jinsab rikoverat

Anthony Azzopardi
Florist for all occasions
Importer of fresh flowers and plants
Mob: 9985 3254, 9923 0255
jarma quddiem id-daħla
taċ-ċimiterju tan-naħa t'isfel

A & A BLASTING SERVICES

USING THE LATEST TECHNOLOGIES FOR FASTER SERVICE & BETTER QUALITY RESULT

MICRO BLASTING

BLASTING

GALVANISING

SODA BLASTING

POWDER COATING

LIQUID SPRAY PAINTING

KW0098, INDUSTRIAL ZONE, KORDIN, PAOLA - PLA300
EMAIL: A_ABLAST@LIVE.COM
MOBILE: 77060013 / 99443699 / 77001206
WWW.ALEXBLASTING.COM

WE ALSO DO FIRE RESISTANCE PAINTING!!

Find us on Facebook & Google maps!

Il-Quddiesa nhar l-14 ta' Jannar

Il-Qsim tal-Kejk nhar l-14 ta' Jannar f'għeluq l-34 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà

Aktar membri f'inizjattivi ta' għoti tad-demm

Wieħed mill-membri tas-Soċjetà waqt inizjattiva tal-għoti tad-demm

Bosta membri u partitarji wara l-Quddiesa Solenni nhar it-22 ta' Frar, il-festa tal-Kattedra ta' San Pietru Appostlu

It-Tberik tal-Każin fi Żmien il-Festi
tal-Għid il-Kbir mill-Kappillan

Is-Soċjetà tibbenefika minn fondi
tal-Kunsill Malti għall-Arti fl-iskema
Ninvestu fil-Wirt Artistiku

Tarcisio Caruana Ltd.

4-8, St. Catherine Str, Birzebbugia, BBG1669 Malta
Email: info@tarcisiocaruana.com www.tarcisiocaruana.com
Tel: (+356) 21651179

Bottega San Pietro
Bar tal-Każin tal-Banda Birżebbuġa

L-Istandard Prinċipali tas-Soċjetà f'wirja fi Brussell fuq inizjattiva ta' Dr Alex Agius Saliba MEP

L-Istandard Prinċipali tas-Soċjetà fil-Palazz Verdala għall-Festa tal-Festi

Is-Soċjetà tibbenefika minn fondi tal-Aġenzija Żgħażagħ għat-tisħiħ fit-tagħlim mużikal

Uħud mill-membri u l-partitarji fil-quddiesa għall-għaqdiet tal-festa li saret il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju 2024 bħala ftuħ tal-attivitajiet festivi

securevision

Total Vision in Security

Wignacourt street, Birkrikara. Tel 21444398

Alarms

CCTV

Intercoms

www.securevision.com.mt

OUR BUSINESS PARTNERS

ALNET SYSTEMS · roger · Sensormatic · V-TEK · JABLOTRON · DNAKE · UniPOS · HS HI SHARP

7's

THE SEVEN'S®
Household Goods

735 - 736, St. Joseph High Road,
Hamrun - HMR 1014, Malta.

Tel: (00356) - 2122 5760
Mob: (00356) - 9949 3252
Fax: (00356) - 2122 3450
Email: ebltd@euroweb.net.mt

Agent of: WÜSTHOF Knives Carpet Tiles

Roc-A-Go
Crane Services

• Crane & Lifting Specialists
• Skips Hire & Scrap Dealers
• 24 Hour Towing & Lifting Services
• Second hand parts for all types of cars and vehicles

Tal-Barrani Road, Żejtun ZTN 9023
Tel: 2169 7766 • Fax: 2166 1449
Mob: 9949 4545, 9949 2829
e-mail: rocago@maltanet.net



Directors:
V. Micallef & Sons

the Bubble shop
DISCOUNT STORE

• DETERGENT
• TOILETRIES
• MILK
• BREAD
• FOODS
• SWEETS
• WINES

UNBEATABLE PRICES!! & FREE DELIVERY

1, Misraħ ir-Repubblika, Birżebbuġa
TEL: 21653445 I MOB: 99234440

FARRUGIA
FRANCINE
Ħidma - Enerġija - Viżjoni

Il-festa t-tajba!

Kandidata għall-Elezzjoni Ġenerali
fuq il-5 u 6 Distrett

Min-Noti tas-Sezzjoni Banda

Daniela Barbara Dip. Nursing; B.Sc. (Health Sciences); M.Sc. (Nursing)

Reġa' wasal Awwissu, ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-patrun maħbub tagħna San Pietru. Għalkemm il-festa tgħaddi, ix-xogħol ma jiqafx. Is-Sezzjoni Banda apparti li tkompli tonora s-servizzi mużikali tagħha fi rħula oħra, inkomplu naħdmu għall-festa u s-servizzi mużikali tas-sena ta' wara. Għalkemm din is-sena ma konniex impenjati bi proġetti daqs is-sena l-oħra, is-Sezzjoni Banda qed tieħu ħsieb affarijiet oħra li ma tantx jidhru u jsiru minn wara l-kwinti.

L-Arkivju

Proġett li għandha għal qalbha s-sezzjoni huwa dak tal-arkivju. Fl-erbgħa u tletin sena kemm ilha mwaqqfa s-Soċjeta`, in-numru ta' mużika dejjem kiber u għalhekk huwa meħtieġ li din il-mużika tkun merfugħa u esebita kif xieraq. Biċċa xogħol kbira ta' paċenzja kbira li qegħdin jagħmlu Kristian Cassar u Andy Mifsud f'dan is-settur. B'hekk il-mużika rikka li għandha s-Soċjeta` li tinkludi wkoll mużika komposta minn bandisti tal-post stess kif ukoll mis-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli u l-Assistent Surmast Mro Christopher Bonnici tkun tista' tindaqq u anke esegwita lill-pubbliku. Nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzjahom għad-donazzjoni ta' pokits li għamlu lis-Soċjetà fil-programm mużikali annwali tas-sena l-oħra sabiex l-uniformi tkun merfugħa bl-aħjar mod.

It-Tagħlim Mużikali

Parti kruċjali mill-irwol tas-Sezzjoni Banda kif ukoll tant għal qalbna, huma l-allievi. Dawn huma ta' importanza sabiex il-banda tagħna tkompli tikber. L-iskola tal-mużika hija maqsuma fi tlieta, fejn l-ewwel l-alliev jibda jitgħallem it-teorija li twasslu biex imbagħad jagħżel liema strument ikun jixtieq. It-teorija jgħallimha Mro Christopher Bonnici. Preżentament qed jgħallem ukoll lill-allievi tal-istrumenti tar-ram u l-perkussjoni, filwaqt illi l-allievi tal-istrumenti tal-qasba jistudjaw għand Mro Ludwig N. Desira. Tajjeb illi ngħidu li t-tagħlim kif ukoll l-istrument huma kompletament b'xejn! It-tagħlim isir fil-klassi li għandna fit-tieni sular, aċċessibbli bil-lift u armata b'sistema tal-arja kundizzjonata, jiġifieri la nħossu bard fix-xitwa u lanqas sħana fis-sajf. Bħalissa għandna numru sabiħ ta' allievi, 23, u għalhekk din is-sena kien hemm il-bżonn li jinxtraw tliet trumbuni ġodda sabiex dawn l-allievi jkunu jistgħu jkomplu l-istudju tagħhom. Grazzi għall-fondi, dawn l-istrumenti setgħu jinxtraw biex inkomplu nkabbru n-numru sabiħ ta' allievi tas-Soċjetà. Jekk Alla jrid, matul is-sena d-dieħla jkollna grupp ta' allievi li jiddebuttaw ukoll mal-Banda Birżebbuġa.

It-Tfal

Waqt il-marċ magħruf bħala 'l-Marċ tan-Nar u tar-Reffiegħa' tal-festa 2023 li jsir Nhar il-Festa filgħaxija fejn inniżżlu l-istatwa ta' San Pietru tal-każin minn fuq il-pedestall, jiena flimkien ma' Marouska Bonnici ħriġna b'idea li ninvolvu lit-tfal preżenti biex idoqqu bi strumenti ta' perkussjoni awżiljarji bħal tambourines u triangles mal-banda f'dan il-marċ qasir. Dan intgħoġob ħafna, kemm mill-membri, min-nies preżenti kif ukoll mit-tfal stess. Minn hawnhekk nistiden lil dawk it-tfal li jixtiequ jingħaqdu mal-banda nhar l-4 ta' Awwissu biex fil-10:45pm jingħaqdu magħna fejn il-bieb ċentrali tas-sede tagħna biex jingħataw strument jew jekk għandhom ir-recorder personali tagħhom, biex jingħaqdu mal-banda.

Il-Kunċert tal-Milied

Dan il-kunċett tal-Marċ tan-Nar u tar-Reffiegħa ispira lil Marouska u Christopher Bonnici sabiex l-allievi ż-żgħar tas-Soċjetà jieħdu sehem fil-kunċert annwali

Andy Mifsud Camilleri u Kristian Cassar jippreżentaw sett pokits għall-uniformi

Il-Banda Birżebbuġa fit-toroq tal-Qrendi għall-festa tal-Assunta

Ikel u togħma tajba waqt Flimkien għal Belgħa Tè jew Kafe

L-attendenza għall-attivitajiet

Mro Christopher Bonnici jidderieċi l-Kunċert tal-Milied

Parti mill-Banda Birżebbuġa fil-kuriduri tal-isptar Karen Grech

Mro Michael Bugelli jidderieġi l-Banda Birżebbuġa waqt il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa

Il-Banda Birżebbuġa fid-Dimostrazzjoni ta' Kristu Rxoxt

Gold Lady Jewellery

Goldsmith & Silversmith
Manufacturers & Repairs

Now also available
a large selection
of trophies

Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun - Tel: 21673928/27673928

Open Hours: 08.30 - 12.00 16.00 - 19.00

JASON CUTAJAR

Building Construction

Miriam Hse., Brolli Road, Birzebbuga BBG 1840

9949 0543 9945 6318 2165 1591

Email: jasonbuildingandconstruction@hotmail.com

Website: www.jasoncutajarconstruction.com

CRANE, HI-UP, MINI EXCAVATORS, ROTARY EXCAVATORS
& BOBCAT HIRE • BOAT LIFTING • SKIP HIRE
ALL KIND OF TRANSPORT • BUILDING DEMOLITION
TORBA • RAMEL • TAĦMIL BIL-GAFFA U BIL-GRAPP
BINI TAL-ĦITAN TAS-SEJJIEĦ (RUBBLE WALL) • ALTERATIONS

Waqt is-servizz tal-Karnival

It-tfal importanti wisq għalina!

Il-Banda Birżebbuġa takkumpanja l-istatwa ta' San Publju, il-Furjana

Mixja għall-kwiet organizzata mis-Sezzjoni Banda

Waqt il-programm 'Mill-Bandisti għall-Membri'

Il-Banda Birżebbuġa fil-festa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur Għawdex

tal-Milied li jittella' fis-sala Anthony Camilleri. Fil-fatt dawn fetħu l-programm mużikali kif ukoll daqqew siltiet żgħar waħidhom. Tajjeb li ngħidu li l-età ta' dawn l-iżgħar allievi tas-Soċjeta` tvarja minn tlieta sa sebgħa snin. F'dan il-programm tal-Milied, din is-sena, b'kuntrast ma' snin oħra ngħaqdu żewġ allievi li jistudjaw il-kurunetta flimkien mal-banda. Fi snin mgħoddija dawn l-allievi kienu jdoqqu siltiet waħidhom, però din id-darba daqqew il-programm kollu mal-banda fejn hekk setgħu jieħdu idea ċara aktar ta' xi tfisser iddoqq mal-banda. Għall-ewwel darba, dan il-kunċert kien kollu taħt id-direzzjoni ta' Mro Christopher Bonnici.

Għal darba oħra f'isem is-Sezzjoni Banda nifraħ lil Matthew Ellul u Liam Braden Desira u nittamaw li narawhom jiddebuttaw mal-banda tagħna fil-ġejjieni qasir. Ħadt gost ukoll illi wara numru ta' snin erġajt rajt lil Andrea Borg jingħaqad mal-Banda Birżebbuġa propju f'din l-okkażjoni.

Il-Festa Tfal

Proġett ieħor li s-Sezzjoni Banda kien ilu jberren f'moħħha u li kienet qed tiġi diskussa wkoll f'sezzjonijiet oħra hija dik li norganizzaw festa tfal. Din tkun tinkludi statwa żgħira ta' San Pietru li tkun tista' tintrefa' minn tfal tas-Soċjeta` kif ukoll banda b'daqq ta' marċi bl-akkumpanjament tal-allievi u tfal oħra li jixtiequ jingħaqdu mal-banda biex idoqqu f'dan il-marċ iddedikat għalihom. Proġett li jinvolvi mhux biss ħsibijiet u pjanar, imma anke flus. Il-Kumitat Eżekuttiv mill-ewwel laqa' dan il-proġett tajjeb u wera l-appoġġ tiegħu sabiex b'hekk inkunu nistgħu niċċelebraw din l-ewwel festa tat-tfal mil-każin akkumpanjata bil-banda tas-Soċjeta` nhar is-Sibt 27 ta' Lulju 2024 bejn is-18:30 u t-20:30. Nistieden lit-tfal biex min jixtieq, dakinhar jista' jingħaqad ukoll mal-banda biex ikunu huma wkoll jistgħu jdoqqu l-marċi brijużi u nagħtu bidu għall-festa tal-patrun, flimkien.

Flimkien għal Belgħa Tè jew Kafe

Sabiex nippruvaw intaffu ftit mill-ispejjeż kbar, din is-sena bdejna anke norganizzaw attività innovattiva, 'Flimkien għal Belgħa Tè jew Kafe' li ġibdet attendenza inkoraġġanti ferm. Hija attività – speċi ta' high-tea – fejn nieklu u nieħdu belgħa tè jew kafe flimkien u jsiru attivitajiet għall-familja kollha. It-tfal, jittellgħu fuq fejn ikollhom attivitajiet speċjali għalihom. Kif qegħdin tinnutaw, bħala Sezzjoni Banda nagħtu importanza kbira fejn jidħlu t-tfal, għaliex dawk huma l-futur tagħna.

Bilwieqfa mix-Xellug:
Nicola Bonnici Mc Intyre, Daniela Barbara, Marouska Bonnici, Andy Mifsud Camilleri
Bilqiegħda mix-Xellug:
Mro Michael Bugelli, Mario Chircop, Mro Christopher Bonnici
Neqsin mir-Ritratt:
Brian Abdilla, Matthew Polidano, Lorraine Castillo, Annabella Gatt, Matthew Caruana, Michaela Chircop, Peter Paul Caruana

Bookings call on
27 112 776 or **77 11 27 76**

Il-Futur

Is-Sezzjoni Banda għandha ħafna aktar proġetti li tixtieq twettaq fis-snin li ġejjin, però dan jirrikjedi ħin u finanzi. Għalhekk nitlob lilkom il-qarrejja, li jekk tistgħu tkunu b'xi mod ta' għajnuna, kemm finanzjarja kif ukoll jekk tixtiequ tingħaqdu magħna fis-sezzjoni, ejjew! Ma għandkomx għalfejn tgħidu għax jien ma nifhimx fil-mużika, id-diversità hija dik li tagħmel grupp sabiħ fejn joħorġu aktar ideat u aktar tagħlim.

Fuq nota oħra, jekk hemm tfal illi jixtiequ jitgħallmu strument jew it-teorija, tistgħu tavvičinaw lil xi membru tal-kumitat jew lil Mro Christopher Bonnici sabiex jiggwidawkom. Tibżgħux, kull bidu huwa iebes però l-mużika tista' tiftaħlek bibien kbar kif fetħet lil uħud mill-bandisti tal-post tas-Soċjeta` tagħna.

Irrid nifraħ lil Zach D'Souza, Emma Cuschieri, Thea Cuschieri, Amy Vella, Nina Marie Cutajar u Reyhan Vella li għamlu l-eżami tat-Teorija tal-London College of Music u lkoll ġabu marki għoljin, waħda minnhom il-massimu ta' 100%. Daqstant huwa professjonali t-tagħlim illi jingħata fis-Soċjetà tagħna!

Nirringrazzja lil sħabi tas-Sezzjoni Banda li għalkemm dejjem insibu xi intopp, flimkien jirnexxilna negħlbu l-ostakli u nwasslu l-messaġġ tagħna. Grazzi wkoll lill-isponsors li dejjem jgħinuna kif ukoll lil min jattendi għall-attivitajiet sabiex b'hekk inkunu nistgħu dejjem ngħinu u ngħollu l-livell tal-banda tagħna. Nirringrazzja wkoll lill-bandisti, kemm tal-post kif ukoll dawk mistednin tas-servizz u l-lealtà kontinwa tagħkom. Fl-aħħar, grazzi lilkom membri li tagħtu s-sapport lejn il-banda u s-Soċjetà.

Viva San Pietru u Viva l-Banda tal-Iljun!

St. Mary Butcher
(Prop. Joe Vella)
For fresh & frozen meat
21, Triq Raymond Caruana, Gudja • Tel: 2167 3030

IN-NUTAR
RUTH ANTONCICH
TIXTIEQ TAWGURA L-FESTA T-TAJBA
LIR-RESIDENTI KOLLHA TA'
BIRŻEBBUĠA.

9928 0609
2, TRIQ G. GALIZIA, BIRŻEBBUĠA
RUTHANTONCICH@GMAIL.COM

MONTEBELLO
Your One-Stop Shop for all your Car Needs!
RANGE ROVER
Tal-Barrani Road, Bir id-Deheb Place,
Zejtun MALTA ZTN 9029
21673766 / 21690555 / 21661550
info@montebellogroup.com
www.montebellogroup.com

Nawgura l-festa t-tajba
lill-Birżebbuġin kollha!
JOSETTE BUSUTTIL
VIĊI SINDKU BIRŻEBBUĠA

Festa 2023

Mill-Helpers Nisa Petrini

Marouska Bonnici B.A. (Hons)
Helpers Nisa Petrini

Għal sena oħra erġajt ninsab magħkom b'dan il-messaġġ qasir sabiex inżommu l-kuntatt magħkom il-qarrejja numerużi ta' din il-pubblikazzjoni. Irrid nirringrazzjakom ilkoll, f'isem sħabi kollha tal-appoġġ kontinwu li nsibu mingħandkom il-membri u l-partitarji.

Is-Sezzjoni tan-Nisa, fl-imgħoddi kienet aktar parteċipi fil-ħajja tas-Soċjetà, mhux biss fis-Soċjetà tagħna, imma nazzarda ngħid f'kull soċjetà oħra, mużikali, politika, sportiva, kulturali u l-bqija. Għalhekk, bħalma għamilt is-sena l-oħra, nistaqsi għad hemm lok ta' Sezzjoni Nisa f'għaqda volontarja?

It-tweġiba tista' tkun diretta daqskemm tista' ma tkunx. Fil-verità, bħal kollox, kollox jinbidel maż-żmien u jkun ta' għajb għalina jekk ma naġġornawx maż-żminijiet tal-lum. Niġbdu lejna inqas nies, jibdew ma jikkalkulawniex, insiru irrelevanti u nispiċċaw immutu mewta naturali. Għalhekk, minn Sezzjoni, bdejna nissejħu Helpers. Mhux għax hemm xi tifsira differenti, għax il-ħidma tagħna fis-Soċjetà baqgħet attiva sew, imma nbidlet minn kif kienet madwar għoxrin, ħmistax-il sena ilu.

Sa madwar ħmistax-il sena ilu, is-Sezzjoni Nisa kienet tkun l-organizzatriċi, speċjalment ta' Coffee Mornings. Illum? Nistgħu nagħmlu Coffee Morning ta' kull xahar jew darbtejn fix-xahar meta l-mara ħarġet taħdem? Ħażin? Lanqas xejn! Anzi! Imma l-għan tas-Sezzjoni Nisa nbidel, ma naffordjawx norganizzaw Coffee Morning għax filgħodu nkunu x-xogħol, u dawk illi llum huma nanniet, ikunu jeħdulna ħsieb lit-tfal.

Fis-Soċjetà tagħna, l-organizzazzjoni tal-Coffee Mornings sibna lil sħabna tal-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin illi kienu lesti jidħlu għall-inkarigu, sabiex min iħobb il-Coffee Mornings, ikun jista' jibqa' jsib min jilqgħu fis-Soċjetà tagħna. Grazzi talli serraħtulna rasna li l-membri u l-partitarji jistgħu jibqgħu jieħdu pjaċir u jattendu.

Il-ħidma tagħna fis-Soċjetà aktar saret immirata fit-tindif tal-binja tal-każin, u din il-ħaġa teħdilna ħafna ħin. Għandna każin kbir sew, propjetà tagħna u għalhekk iktar u iktar irridu nibżgħu għalih, għax huwa tagħna f'tagħna. Kważi ta' kull ġimgħa jkollna nnaddfu s-sala prinċipali Anthony Camilleri għax

Fil-Christmas Home Concert ħadna inizjattiva li jipparteċipaw mal-Banda Birżebbuġa ulied il-membri u l-partitarji

jew ikun hemm kirja ta' xi festin, jew xi attività minn xi sezzjoni jew oħra, daqqa oħra xi kunċert jew xi prova mużikali, u nistgħu nibqgħu sejrin. Ma nistgħux ngħidu li ma nifirħux b'dawn l-attivitajiet, għax dawn iżommu s-Soċjetà ħajja kif ukoll iserrħulna rasna li għadna relevanti.

Sehem ieħor tal-Helpers Nisa huwa li ngħinu fl-attivitajiet differenti ta' sezzjonijiet oħra. Nagħtu daqqa t'id lis-Sezzjoni Banda bl-attività Belgħa Tè kif ukoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ fl-attivitajiet tal-Kids Club, illi nifirħilhom għal din l-inizjattiva li kienet ilha tberren f'moħħi, snin. Permezz ta' din l-attività, uliedna jsibu fejn jesprimu dak illi jħobbu, f'ambjent rilassanti u san u fl-istess waqt inżommuhom magħna fis-Soċjetà, ħalli meta jikbru, minflok jintilfu, jieħdu l-interess u jkunu huma l-mexxejja futuri tas-Soċjetà tagħna.

Nixtiequ norganizzaw iktar! Nixtiequ aktar parteċipazzjoni! Nixtiequ anke noħorġu mill-każin bl-attivitajiet, attivitajiet immirati għall-familja kollha. Ejjew, fittxuna u ingħaqdu magħna ħalli dejjem nimxu 'l quddiem sabiex nissoktaw inkabbru din is-Soċjetà, illi l-ewwel u qabel kollox iġġib l-isem tal-patrun ta' Birżebbuġa, San Pietru Appostlu.

Il-Festa t-Tajba u Viva s-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa!

Bilwieqfa mix-Xellug għal-Lemin:
Rita Calafato, Mary Theuma
Bilqiegħda mix-Xellug għal-Lemin:
Marouska Bonnici, Daniela Barbara, Mary Taylor



CHERRIE'S
take away

TAT REIS KEBABS & PIZZA

Mob: 99226766

Tel: 21652389

it-Tork

JOE & JERRY PACE Furniture ltd.

TARXIEN ROAD, GUDJA
TEL : 21696669
FAX : 21821192
www.joeandjerryfurniture.com
joeandjerryfurniture@gmail.com



FRESH FRUIT & VEGETABLES
FREE DELIVERY
7777 4707

Marco Camilleri

Għal kull xogħol ta' tqegħid ta' madum tal-art u tal-ħajt.

Mob: 99406418

NAWGURALKOM

il-Festa t-Tajba

Stanley Zammit

Shadow Minister għall-Ippjanar, il-Kostruzzjoni u l-Artijiet

79420956 STANLEY.ZAMMIT@GMAIL.COM

Nibqgħu Magħqudin Għall-Futur tas-Soċjetà

Matthew Polidano
Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni

Inħossni onorat li għal darba oħra qiegħed nerġa' nħarbex kelmtejn fuq din il-pubblikazzjoni tant għal qalb il-Birżebbuġin Petrini u l-partitarji Iljuni. F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ nibda billi nirringrazzja lil dawk kollha li wrejtu fiduċja fina matul din is-sena u li dejjem issapportjajtu dak li għamilna, għaliex wara kollox dak li aħna bi ħġarna nagħmlu matul is-sena nagħmluh sabiex il-festa u s-Soċjetà tagħna jkomplu jikbru u jifjorixxu.

Din is-sena kienet impenjattiva immens għaliex għamilna dak kollu li stajna sabiex naħdmu u jkollna festa li tibqa' tissemma. Wara li s-sena li għaddiet tellajna marċ li jibqa' jissemma fejn urejna kemm iż-żgħażagħ Iljuni jafu x'inhuma jagħmlu u kemm aħna l-aqwa sezzjoni żgħażagħ f'Birżebbuġa, din is-sena għalhekk kellna naħdmu bis-saħħa u lkoll flimkien, sabiex mhux biss nilħqu l-livell tal-marċ tas-sena l-oħra però anke ntejbu fuq dak illi għamilna.

Kif kulħadd jaf, dawn l-attivitajiet u armar rigward sound u dawl u armar inġenerali jiswew ħafna flus, u sabiex nirnexxu, dan grazzi għal sħabi tas-sezzjoni, lill-partitarji Petrini tal-attendenza tagħkom fl-attivitajiet tagħna u fuq kollox għall-benefatturi li dejjem insibuhom ta' spalla magħna matul is-sena u anke fil-festa. F'ismi u f'isem sħabi tas-sezzjoni ngħidilkom grazzi mill-qalb!

Minn wara l-festa tal-2023 bdejna mill-ewwel norganizzaw attivitajiet varji, mhux biss bħala ġbir ta' fondi imma wkoll biex inkunu attivi f'raħalna għax nemmnu fl-attività taż-żgħażagħ matul is-sena fejn jidħol il-volontarjat. B'hekk inżommu anke r-raħal tant għal qalbna attiv b'żgħażagħ ħabrieka li lesti jkunu l-futur mhux biss tas-Soċjetà tagħna, imma wkoll il-futur ta' Birżebbuġa. B'dan il-ħsieb u l-valur tant għal qalbna tal-attività żagħżugħa fir-raħal, din is-sena bdejna proġett ambizzjuż bl-isem ta' 'LION CUB – KIDS CLUB'. Dan huwa klabb tat-tfal bejn it-tlieta u l-għaxar snin, fejn it-tfal tar-raħal tagħna qed jingħataw l-opportunità li jimirħu fis-Soċjetà apparti li jibdew ukoll minn età żgħira jgħożżu l-volontarjat. Apparti hekk, fil-'Kids Club' it-tfal ikollhom attivitajiet varji, bħal crafts, attivitajiet fiżiċi, 'water sports', kif ukoll tagħlim fuq il-festa Maltija u fuq kollox dwar l-istorja tant għal qalbna tas-Soċjetà tagħna. L-għan prinċipali ta' din l-inizjattiva huwa li apparti ġbir ta' fondi għalina sabiex inkomplu għaddejjin, hemm ukoll l-aspett ta' trawwim tat-tfal tar-raħal tagħna fil-każin, fil-post fejn tant nies tgħallmu affarijiet varji. B'hekk dik l-imħabba għas-Soċjetà tagħna li naraw f'għajnejn missirijietna nibqgħu narawha fil-ġenerazzjonijiet futuri.

Apparti l-klabb tat-tfal, bħalma jsir kull sena tellajna wkoll bosta ikliet, bake sales, lotteriji, car wash ta' kull xahar, u attivitajiet varji sabiex inkunu nistgħu nżewqu l-festa bl-aħjar mod possibbli.

Din is-sena bħas-sena l-oħra ser inkomplu wkoll inkabbru l-Marċ tal-Pjazza flimkien mal-Kummissjoni Armar Estern Banda Birżebbuġa, fejn kif rajtu s-sena l-oħra dan jeħtieġ xogħol u flus, però kif jgħidu, fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa u għalhekk din is-sena għal darba oħra ħdimna flimkien sabiex inkunu nistgħu dejjem inkabbru dan kollu, dejjem għall-ġid tal-festa tagħna għad unur il-qaddis kbir tagħna, il-Prinċep tal-Appostli, San Pietru. Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-kummisjonijiet l-oħra fi ħdan is-Soċjetà tagħna ta' kemm qegħdin naħdmu flimkien sabiex ngħollu isem is-Soċjetà tagħna, raħalna u l-festa tant għażiża għalina l-Birżebbuġin.

Għalhekk aħna ninsabu lesti għal festa oħra mill-kbar, festa li ser titniżżel fl-istorja flimkien ma' dawk ta' qabilha. Bi ħġarna ngħidu flimkien:

VIVA L-BANDA BIRŻEBBUĠA!
VIVA TAL-ILJUN!
VIVA SAN PIETRU!

Halloween Party fil-Każin

Wieħed mill-Bake Sales

Wirja ta' Presepji fi żmien il-Milied

Christmas Party

Xi ħaġa tajba f'Jum l-Omm

Bilwieqfa mix-Xellug għal-Lemin:
Samuel Calleja, Petrice Vella, Katrina Ciantar, Elishia Attard, Jade Camilleri, Kensley Ciappara, Kaya Micallef, Casey Micallef, Ryan Micallef.

Bilqiegħda mix-Xellug għal-Lemin:
Clarice Borg, Reyhan Vella, Matthew Polidano, Andriy Chetcuti Theuma, Leon Briffa.

Neqsin mir-Ritratt:
Jade Zammit, Daniel Buhagiar, Aidan Vella, Chad Schembri, Claire Zahra.

AUDIO IMAGES

Zaren Dalli Street, Birżebbuga
Tel: 2165 8754 • Mob: 7959 1927

Wide selection of Mobile Phones
LCD TVs, Hi-Fi, Sport Cameras & Accessories
GO Services, Mobile Repairs & much more

Making Memories
"Never a dull moment"
87, TRIQ IL-MENQA, SAFI
il Mulino

Insebbħu Darna għall-Ikbar Festa f'Ġieħ San Pietru u fl-Erba' Staġuni

Benji Caruana
Kummissjoni Armar Estern

Reġgħet waslet il-festa tant għażiża għalina l-Birżebbuġin ta' San Pietru. Għal kull min hu bħalna, tfisser ħafna u ħafna xogħol u wasal iż-żmien li nerġgħu niktbu fuq il-programm annwali tas-Soċjetà Minn-Qalb l-Iljuni sabiex nagħtu rendikont x'sar u għal xiex ħdimna. B'hekk is-soċi u dawk li kull sena jaqraw il-messaġġi li niktbu, ikunu mgħarrfa wkoll u taraw il-frott.

Din is-sena hija t-tnax-il sena tiegħi li ġejt elett għall-kariga ta' Chairperson tal-Kummissjoni Armar. Nirringrazzja b'mod speċjali lill-familja tiegħi tas-sagrifiċċju u l-paċenzja li jieħdu bija u lill-familjari tagħna tas-sapport li jagħtuna u l-paċenzja li jieħdu bina.

Din is-sena kienet naqra iebsa għalija bħala Chairperson minħabba li jien u l-mara tiegħi Alison ngħaqadna fis-Sagrament taż-Żwieg. Apparti l-ġenn tal-każin u tal-festa u tax-xogħol, kelli l-impenji tiegħi, imma bl-għajnuna ta' kulħadd wasalna.

Wara li kellna festa grandjuża u brijuża minn Tnejn sa Tnejn, b'wiċċna minn quddiem ngħidu kemm aħna kbar tal-Iljun. Għall-festa tas-sena 2023 għamilna ħafna affarijiet ġodda fosthom introduċejna l-bnadar f'kull marċ li kellna. Ta' dan nirringrazzjaw lill-kumpanija ACJ għall-isponsor ta' dawn il-bnadar. Ġibna l-fowm u l-karti sabiex noħolqu iktar entużjażmu. Ħloqna marċ ieħor grandjuż. Dak illi jkun l-Erbgħa jew it-Tlieta u semmejnieh il-Marċ tal-Pjazza. Fi tmiemu ġibna d-Drop Out DJ Brass, fejn ħloqna entużjażmu u briju kbir fil-pjazza. Sar arblu ieħor sabiex b'hekk il-każin ġie b'ħames arbli, l-unika soċjetà f'Birżebbuġa li għandha każin armat u b'dan in-numru ta' arbli fuq il-bejt tas-Soċjetà. Dan ġie mogħti mill-membru tal-każin Louis Buhagiar. L-irranġar, iż-żebgħa u l-blokka għalih saru mill-membri tal-kummissjoni, il-Kavallier John Taylor u David Vella Caruana. Inizjattiva li reġgħet ħadet il-ħajja hija dik illi fil-ħin illi l-purċissjoni tkun quddiem il-każin, Nhar il-Festa Titulari, noħolqu atmosfera bin-nar u bl-isparklers fost ċapċip kbir mill-membri, il-partitarji u dawk kollha li jkunu fostna.

Saret ukoll id-diska ddedikata lill-Patrun tagħna San Pietru bl-isem 'Maħbub Pietru'. Din tkantat minn Melicent Fenech, b'kitba ta' Stephen Baldacchino u mużika ta' Aldo Spiteri. Ġiet imnedija għall-ewwel darba fil-BBQ ta' ġimgħa qabel il-festa u kompliet tindaqq matul il-ġimgħa kollha, fl-aħħar ta' kull marċ.

Is-Sena Ħidma 2023/2024

Din is-sena erġajna bdejna billi f'Novembru għamilna l-għadam tal-ħelu, fejn erġajna sibna konkorrenza qawwija mingħand in-nies. Ta' dan ngħidulkom grazzi.

Investiment f'numru ta' cones

Il-faċċata fi Triq Birżebbuġa armata għall-festi tal-Milied

Atmosfera Natalizja fi Triq Birżebbuġa

Il-festin tat-tfal fi Żmien il-Milied

Il-faċċata ta' Misraħ il-Knisja armata bil-pavaljun il-ġdid u l-bandalori nhar Ħamis ix-Xirka

Il-fjakkolata tradizzjonali f'Ħamis ix-Xirka

F'Diċembru erġajna armajna r-raħal ta' Birżebbuġa bil-kollabarazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen fejn armajna l-Qajjenza, ix-xatt ta' San Ġorġ, ir-roundabout ta' San Ġorġ, Triq Żaren Dalli, ix-xatt tal-Bajja s-Sabiħa. kif ukoll Triq Birżebbuġa quddiem is-sede tagħna, il-Pjazza quddiem il-każin u l-faċċati tal-każin. Din is-sena ħadna ħsieb sabiex jibda jinxtara d-dawl u jinħoloq armar addatat għall-faċċata l-antika. Nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill Lokali talli dejjem emmnu fina.

Fi żmien il-Milied sar ukoll il-festin tal-Milied għat-tfal, sar ukoll it-tqassim tar-rigali u sar ukoll bejgħ tal-ponsjetti. Dawn l-attivitajiet jidhru li jsiru b'ċerta serjetà għax kellna konkorrenza qawwija għalihom.

Wasal Jannar u ħadna ħsieb li l-armar tal-Milied jiġi kollox merfugħ. Ħadna ħsieb illi narmaw il-każin u t-triq għall-okkażjoni tal-anniversarju tas-Soċjetà kif ukoll għall-Pussess tal-Kappillan il-ġdid, fejn ġie milqugħ bl-isbaħ armar.

Frar huwa sinonimu mal-festa tal-Kattedra ta' San Pietru u ġew armati ż-żewġ faċċati tal-każin, kif ukoll il-bjut bil-fustuni sbieħ. Għal żmien il-Karnival sar bejgħ tal-prinjolati, kif ukoll tal-kwareżimal għar-Randan, żewġ inizjattivi li reġgħu kienu success. Wara l-festa tal-Kattedra ta' San Pietru ħejjejna l- bjut u l-faċċati bl-armar għall-40 jum tar-Randan.

F'Marzu, fid-Duluri reġgħu ntramaw il-bandalori tal-Ġimgħa Mqaddsa quddiem il-każin ta' Misraħ il-Knisja u ntramaw il-gallariji u l-arbli bl-isbaħ bnadar u pavaljuni fejn sebaħħna kif inhu xieraq. It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa inawgurajna ħafna xogħol mill-artist Clifford Vella. Dawn il-pavaljuni saru għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa għall-gallarija tal-każin f'Misraħ il-Knisja. Sar ukoll pavaljun għal żmien l-Għid għall-każin ta' Triq Birżebbuġa. Dan tal-Għid sar nofs xbieha ta' Kristu Rxoxt tal-każin, l-arma tal-każin u l-arma tal-Pax. Fuq iż- żewġ pavaljuni tal-ġenb hemm is-simboli Ewkaristiċi, il-Pelikan u l-Ħaruf tal-Għid, peress illi parti mill-pavaljun se tintuża wkoll għal żmien Corpus Domini u l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Dawn il-pavaljuni ġew maħduma fuq disinn, sfumar u pittura tal-pittur Clifford Vella u ħjata ta' Stefan Duca. Biex inkopru l-ispejjeż, parti mill-ispejjeż ġew mogħtija mill-Ministeru għall-Arti u Kultura immexxi minn Dr Owen Bonnici. Fi żmien l-Għid sebbaħna l-faċċata tal-każin b'dan il-pavaljun, kif ukoll, għal darba oħra erġajna armajna l-fustuni fit-triq tal-każin għad-dimostrazzjoni tal-Għid il-Kbir, fejn il-kumpanija D Street Lighting sellfitna ħames fustuni biex inkun nistgħu nixegħlu u nsebbħu t-triq tal-każin għal din il-festa l-kbira. Reġgħu saru l-figolli fejn kien hemm domanda kbira għalihom.

F'April beda x-xogħol kbir ta' tħejjija tal-festa. Ħafna mix-xogħol sar mill-volontieri tal-kummissjoni u nixtieq ngħidilkom grazzi. Ħadna ħsieb li titranġa u tiġi organizzata ferm aħjar u aċċessibbli l-kamra tal-kummissjoni fejn inxtara xi ħadid u njam u kaxxa biex jiġi kollox ippustjat u organizzat biex jinstab iktar malajr u jkun aċċessibbli min-nies li nkunu qegħdin narmaw.

Patrick Cellars Ltd.
WINES & SPIRITS

164, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa
T: 2165 0810 • **M:** 9947 8708 • **E:** patrickcellars@euroweb.net.mt
www.patrickcellars.com

Ghid
2024

Triq Birżebbuġa armata għall-Għid il-Kbir

It-tlugħ tal-ħames arblu fuq is-sede tas-Soċjetà

Sar ix-xogħol fuq l-injam tal faċċata tal-gallariji fejn ġie mibdul il-wiring kollu u l-holders u nxtraw il-bozoz u globi ġodda. Sar ukoll xogħol fuq id-dawl tad-dawra tal-bejt fejn neħħejna l-holders antiki u sar kollox pulit fuq l-injam biex meta nkunu rridu narmawhom, jintramaw u jerġgħu jintrefgħu. Żbajna parti mill-bejt biex il-każin dejjem nippruvaw inżommuh pulit u eleganti. Sar xkaffar fejn jintrefa' l-injam tad-dawl ta' matul is-sena. Għamilna wkoll ħadid aċċessibbli biex jintrabtu l-fustuni magħhom biex jiġu iktar miftuħin u puliti. Saret manutenzjoni fuq il-fustuni u ġew irranġati biex ikunu lesti għal kull okkażjoni. Ħriġna l-flus biex inxtara l-arblu l-ġdid biex is-sena d-dieħla, għall-okkażjoni tal-35 sena Soċjetà, ingawdu minn arblu maġġur ġdid. Dan ix-xogħol sar taħt is-superviżjoni tad-Direttur Armar Ernest Cassar, John Taylor u Clint Balzan, flimkien mal-membri tal-kummissjoni.

Ic-Chairperson tal-kummissjoni, Benji Caruana reġa' ħa ħsieb li l-kummissjoni tkun dejjem fit-triq it-tajba u dejjem hemm biex din titmexxa b'serjetà kbira u jkun hemm dejjem xi sorpriżi u innovazzjonijiet ġodda. Is-Segretarju Clint Balzan kien hemm dejjem waqt il-laqgħat u korrispondenza u għajnuniet biex isiru l-affarijiet bħal reminders għal kulħadd. Grazzi għalih, dejjem ikun hemm jieħu ħsieb.

Il-Kaxxier Paul Gafà flimkien mal-assistenta Alison Briffa, dejjem ħadu ħsieb biex il-kummissjoni qatt ma tkun nieqsa mill-fondi u d-donazzjonijiet filwaqt illi nivvintaw minn fejn jistgħu jidħlu l-flus u napplikaw għall-fondi bħalma ħadna fondi għall-festi. Ħadu ħsieb ukoll jikkordinaw il-ġbir bieb, bieb madwar Birżebbuġa.

Il-PRO tal-kummissjoni, Jonathan Ellul Bonnici, flimkien mal-assistent Zach D'Souza ħadu ħsieb illi kull attività u kull darba li nkunu qegħdin naħdmu, jittieħdu l-filmati u r-ritratti. Dawn biex il-paġna facebook tal-kummissjoni u rikordji jibqgħu f'qalb is-Soċjetà u nwassluhom lill-membri u s-segwaċi tas-Soċjetà u lid-dilettanti.

Id-Direttur tal-Armar Ernest Cassar, flimkien mal-assistenti, David Caruana Vella u Frans Cassar ħadu ħsieb kulma sar din is-sena li għandu x'jaqsam ma' xogħol tal-idejn fejn ħadu ħsieb li jkun hemm targets illi naslu għalihom sabiex ħadd ma jbati u jkollna kamra aċċessibbli u komda biex naħdmu fiha, kif ukoll xogħol ta' żebgħa.

Id-Direttur u Assistent ChairPerson tal-armar, il-Kavallier John Taylor ħa ħsieb illi ssir manutenzjoni fuq il-bnadar u kull tip ta' ħjata fuq id-drappijiet biex dawk li għandna nibqgħu nibżgħu għalihom.

Sabiex naħdmu b'aktar sigurtà matul is-sena kollha, ġie deċiż illi nixtru numru ta' cones. Dawn għamilniehom ukoll ftit attraenti għax waħħalnhielhom l-arma tas-Soċjetà fuqhom. B'hekk nevitaw ukoll illi jinsterqulna.

Din is-sena se terġa' ssir id-diska annwali kantata minn Melicent Fenech u Nedved Galea u miktuba minn Stephen Baldacchino u se tiġi kantata fi żmien il-festa 2024. Se nerġgħu nkunu ta' appuntament sabiħ u bħal kull sena norganizzaw il-marċ grandjuż tal-Ħruġ min-Niċċa fejn se jkollna d-DJ popolari Ryan Spiteri flimkien mal-mużiċista Marco Xuereb fejn se jkollna wirja tan-nar u dawl u briju kif nafu norganizzaw aħna l-Iljuni. Se jerġa' jkollna l-band it-Tlieta fil-marċ tal-pjazza fejn se jkollna lil Drop Out DJ Brass fejn se terġa' tallegrana mal-mużika. Se jkollna wkoll diska minn Stephen Mizzi bl-isem Letter A miktub min-nies tal-kummissjoni u minn xi membri oħra. Ħadna wkoll ħsieb illi nagħmlu żewġ palji għax-xahar kollu ta' qabel il-festa, ix-xahar ta' Lulju, u se jkunu qegħdin isebbħu l-bjut tal-każin.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lill-familja tiegħi, lill-mara tiegħi u l-familji ta' sħabi l-volontiera li jaħdmu bla nifs għall-festa tant għażiża. Nirringrazzja lil kull min kien parti mill-kummissjoni u lil min għadu jaħdem f'din il-kummissjoni ghax kieku ma kontux intom ma kinitx tkun possibbli, la din is-sena u lanqas is-snin preċedenti. Nirringrazzja lill-Kumitat Ċentrali, speċjalment lill-uffiċjali u lil kull sezzjoni li dejjem naħdmu id f'id. Lill-membri tas-Soċjetà u partitarji li dejjem, meta jkollna attività jew bżonn xi għajnuna, dejjem insibuhom. Nirringrazzja lill-poplu ta' Birżebbuġa li dejjem kienu hemm għas-sapport u lill-isponsors li dejjem, meta nċempel jew nibgħatilhom, dejjem jgħinuna b'mod finanzjarju u minn qalbhom. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lil Missierna San Pietru u lil Alla l-Imbierek talli dejjem żamm idejh fuqna u jħarisna kull ħin u kull mument.

Viva l-Banda Birżebbuġa!
Viva l-Banda tal-Iljun!
Viva San Pietru!

Fl-isfond tal-istatwa ta' Kristu Rxoxt jidher il-pavaljun il-ġdid għal dawn il-festi

Bilwieqfa mix-Xellug għal-Lemin:
Ernest Cassar, Zach D'Souza, Frans Cassar, il-Kavallier John Taylor, Jonathan Ellul Bonnici
Bilqiegħda mix-Xellug għal-Lemin:
Clint Balzan, Benji Caruana, Paul Gafà

MARIO'S SUPER MARKET
St. Philip Street, Birżebbuġa • Tel: 2165 3455
• Free Delivery Service • Orders by phone accepted
WE WISH ALL CLIENTS A HAPPY FEAST

Il-Kor Xmun Pietru
Il-Vuċi – Nesprimu t-Talent bl-Istrument Naturali

Marouska Bonnici B.A. (Hons)
Kor tas-Soċjetà, Xmun Pietru

Għeżież Petrini

Sena oħra taret bħal ħolma u reġa' wasal il-mument illi ningħaqad magħkom fuq din il-pubblikazzjoni li tant saret tkun mistennija mhux biss mill-membri u mill-partitarji, imma wkoll minn bosta kollezzjonijiet ta' dawn il-programmi tal-festi.

Il-Kor Xmun Pietru twieled sabiex ma jmutx. Għalkemm kultant jgħaddi minn mumenti fejn donnu jieqaf xi ftit, imma l-fjamma tal-ħeġġa tibqa' hemm, u għalhekk mal-ewwel kuntatt jew inizjattiva, nerġgħu niltaqgħu u ningħaqdu flimkien sabiex nesprimu t-talent tagħna bl-istrument illi tana l-ħallieq, il-vuċi.

Dan huwa l-istrument naturali, u fil-verità kulħadd jużah. Permezz tal-Kor Xmun Pietru, dan it-talent mhux biss nesprimuh imma ntejbuh u kull vuċi individwali tingħaqad sabiex toħroġ ħoss unit u kollettiv.

Matul din is-sena kellna anke l-opportunità li ningħaqdu flimkien aktar mis-soltu. Għall-ewwel darba kantajna fil-Christmas Home Concert illi din is-sena sar taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Christopher Bonnici. Dan inżamm fis-sala prinċipali, Anthony Camilleri nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2023. Nafu kemm Chris iħobb il-kor, fil-fatt huwa wkoll ikanta, u meta l-Kumitat Ċentrali wera l-fiduċja fih sabiex jidderieġi dan il-kunċert, mill-ewwel ħa l-inizjattiva li jinvolvi l-kor fih. Kantajna l-kanzunetta ta' Patri Karm Debattista MSSP – L-Ewwel Milied - illi ndaqqet għall-ewwel darba minn banda Maltija f'din l-okkażjoni, kif ukoll arranġament mill-isbaħ ta' Leroy Anderson – A Christmas Festival – kompożizzjoni tal-1950. Apparti dawn iż-żewġ siltiet, esegwejna wkoll l-Innu tal-Banda Birżebbuġa, lirika ta' Joe Julian Farrugia, mużika tas-Surmast Direttur, Michael Bugelli.

Għal sena oħra morna wkoll inferħu lill-anzjani fl-isptar Karen Grech u flimkien ma' element mill-Banda Birżebbuġa kantajna għażla ta' għanjiet tal-Milied nhar il-Ġimgħa 5 ta' Jannar 2024. Madwar ġimagħtejn wara erġajna ħadna sehem, u kantajna, din id-darba a cappella, jiġifieri mingħajr akkumpanjament mużikali fil-quddiesa tradizzjonali li ssir fis-sala Anthony Camilleri fl-okkażjoni tal-fondazzjoni tas-Soċjetà. Kienet okkażjoni fejn morna tajjeb ferm ukoll u l-membri li attendew ħadu pjaċir bis-sehem tal-kor. B'hekk bdejna inizjattiva ġdida, dik illi anke nkantaw a cappella.

Beda joqrob żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u din is-sena, il-programm annwali ta' marċi funebri sar għall-ewwel darba fil-kappella Medjevali ta' San Ġorġ Martri. Minbarra marċi funebri ndaqqu wkoll siltiet mużikali sagri. F'din l-okkażjoni kantajna wkoll a cappella, u għall-ewwel darba nqsamna f'żewġ vuċijiet: soprani (nisa li jkantaw fir-reġistru l-għoli) u kontralti (għall-qosor insejħulhom alti – nisa li jkantaw fil-baxx). F'din l-okkażjoni, taħt id-direzzjoni ta' Mro Christopher Bonnici esegwejna verżjoni Maltija ta' 'Abide With Me', kompożizzjoni ta' Henry Monk u l-'Anima Christi' ta' Monsinjur Marco Frisina.

Bħalissa għaddejjin bil-preparazzjonijiet għall-kunċert annwali tal-festa titulari, illi din is-sena se jsir is-Sibt 3 ta' Awwissu, Lejlet il-Festa ta' San Pietru Appostlu. Flimkien mal-Innu Popolari u l-Innu tal-Banda se nkunu qed inkantaw fl-Inno di Gloria 'San Pietru fil-Glorja' u fis-silta 'La Vita È Bella'.

Nixtieq aktar membri u partitarji jissieħbu ma' dan il-kor. Aħna lkoll volontarji u ħadd minna ma huwa xi kantant professjonali. Bil-laqgħat tagħna nitgħallmu minn xulxin. Issa li qegħdin ninqasmu f'żewġt ilħna, sabiħ illi nkomplu niżdiedu u qed tiżdied anke l-varjetà. Insejjaħ speċjalment lill-irġiel. Jekk jingħaqdu magħna mqar żewġt irġiel inkunu nistgħu nżidu l-varjetà għax nibdew inkantaw fuq bażi ta' tliet jew erba' vuċijiet. Il-bieb miftuħ għal kulħadd. Tgħidx li mhux postok hemm jew ma tafx mużika... fil-provi, Chris jispjega bosta drabi u nkunu ċerti flimkien, apparti li nibagħtu r-recordings sabiex nistudjaw magħhom.

Min jixtieq jingħaqad magħna jista' jkellem lili, lil Chris jew xi membru tas-Soċjetà u jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Petrini kollha!

Il-Kor Xmun Pietru kanta wkoll fil-Villaġġ tal-Milied f'Ħal Qormi nhar it-8 ta' Diċembru. Grazzi lis-Sindku Dr Josef Masini Vento tal-fiduċja fina!

Il-Kordinatriċi Marouska Bonnici tispjega l-benefiċċji tal-mużika u l-kant lill-udjenza fl-Ispring Concert

5. Il-Kor Xmun Pietru fil-Kappella ta' San Ġorġ Martri waqt il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa



Il-Kor Xmun Pietru, dirett minn Mro Christopher Bonnici jkanta a cappella

Membri mill-Kor flimkien ma' bandisti mill-Banda Birżebbuġa fl-Isptar Karen Grech

Il-Banda Birżebbuġa u l-Kor Xmun Pietru fil-Christmas Home Concert

Mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar Xi Sbuħija b'Dik id-Dija

Eman Farrugia
Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar

Għeżież Membri, Partitarji u Delettanti

Għal sena oħra, qed nikteb dan il-messaġġ sabiex nagħtikom rendikont tal-ħidma li saret fl-għaqda tagħna ħalli nerġgħu ntellgħu spettaklu sabiħ fil-ġimgħa tal-festa titulari.

Il-Ħidma Bejnietna

Bhalma jsir kull sena, is sena l-ġdida tibda eżattament l-Għada tal-Festa bit-tindif tal-għelieqi u l-ġbir tal-kanni. Kif eżatt jgħaddi Awwissu jibda x-xogħol tal brim tal-karti u l-kartun sabiex insibuhom lesti għal żmien il-festa.

Il-ħidma fil-kamra tan-nar tissokta billi jsir tindif fil-kmamar illi jintużaw mill-membri tagħna u jsir rendikont ta' x'materjal ikun hemm bżonn għall-ħidma ta' dik is-sena. Wara li jinxtara l-materjal neċessarju, illi biex isir dan irid ikun hemm idejn sodi fil-finanzi peress li dan jiswa ħafna flus, jibda t-taħlit tal-kimiċi.

Kummissjonijiet Minn Barra Birżebbuġa

Bħal snin preċedenti, l-għaqda tagħna ġiet avviċinata minn diversi rħula madwar Malta sabiex nessebixxu xogħlijiet minn tagħna, ħafna drabi permezz tan-nar tal-art, imma jkollna wkoll kummissjonijiet ta' nar tal-ajru. B'dan il-mod insostnu wkoll parti mill-festa tagħna, u b'hekk l-ispejjeż finanzjarji fuqna personali u fuq l-għaqda tagħna jittaffew ftit.

Fondi Apposta

Għal sena oħra, il-Kunsill Nazzjonali tal-Arti ħareġ fondi apposta għal għaqdiet tan-nar sabiex insaħħu s-sigurtà waqt il-ħruq. Applikajna u l-applikazzjoni tagħna ġiet aċċettata u ta' dan aħna sodisfatti u grati li jkun hemm fondi allokati għal aspetti tant importanti fil-kultura nazzjonali ta' pajjiżna.

Il-Furjana

Wara li s-sena l-oħra rbaħna l-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fil-Furjana, unur speċjali għal Birżebbuġa u li s'issa bqajna rebbieħa ta' dan l-unur waħedna, il-Kunsill Lokali tal-Furjana avviċinana sabiex nagħlqu l-festival ta' din is-sena permezz tat-tapit tradizzjonali. Iddeċidejna li nagħmlu tapit kbir fuq disa' arbli. Dan kien suċċess u fih żanżanna s-sistema l-ġdida li investejna fuqha s-sena l-oħra.

Minn hawn nixtieq illi f'isem l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar nibgħat l-awguri tagħna lill-Kamra tan-Nar Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja li din is-sena kienu ddikjarati rebbieħa ta' dan il-festival u b'hekk il-premju baqa' ġol-istess kamra tan-nar għal sentejn konsekuttivi.

Għeluq

Kważi ta' kull sena nispiċċa nagħlaq bl-istess mod, għax dejjem insibu l-istess nies jgħinuna, u ta' dan aħna lkoll ferm grati. Dan ix-xogħol kollu ma setax isir jekk mhux għall-għajnuna u s-sapport kontinwu mill-membri tal-Kamra tan-Nar Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja immexxija mid-detentur Marlon Mangion. Grazzi talli għal sena oħra ospitawna bl-aktar mod ġentili u kollaborattiv fil-post tan-nar tagħhom. Nirringrazzjaw ukoll lil Jason Cutajar talli joffrilna s-servizz tal-krejn senza-interessi, lil Dennis Micallef tar-Roc-a-Go talli joffrilna l-inġenji, kif ukoll lil Peter Camilleri l-Pajju li jġorrilna kull meta jkun hemm bżonn. Nirringrazzjaw lil bosta persuni li jħalluna naħdmu fil-garaxxijiet personali tagħhom. Grazzi wkoll lis-sidien tal-għelieqi minn fejn naħarqu n-nar tal-ajru, lill-Editur u l-Bord Editorjali talli jagħtuna dan l-ispazju, lill-għeżież tagħna talli jifhmu l-bżonn illi nkunu 'l bogħod minnhom matul is-sena kollha, kif ukoll lilkom il-membri, il-partitarji u lilkom illi tiġu żżuruna ħalli taraw dak kollu li nwettqu flimkien; kollox FROTT IT-TFAL TA' BIRŻEBBUĠA!

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd!
VIVA SAN PIETRU!

Minn wara l-festa 2023 bdiet il-ħidma għal din il-festa

Servizzi tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar Barra Minn Birżebbuġa			
Data	**Okkażjoni**	**Lokalità**	**Servizz**
13 ta' April 2024	San Publju	Il-Furjana	Closing Show
1 ta' Ġunju 2024	Il-Madonna ta' Fatima	Pietà/Gwardamanġa	Tal-Art
12 ta' Lulju 2024	Il-Madonna tal-Karmnu	Il-Fgura	Tal-Art
15 ta' Lulju 2024	Il-Madonna tal-Karmnu	Valletta	Tal-Art
19 ta' Lulju 2024	San Ġużepp	L-Imsida	Tal-Art
20 ta' Lulju 2024	San Ġużepp	Il-Kalkara	Tal-Art
9 ta' Awwissu 2024	San Lawrenz Levita Martri	Il-Birgu	Tal-Ajru u tal-Art
31 ta' Awwissu2024	San Girgor il-Kbir	Tas-Sliema	Tal-Art
4 ta' Settembru 2024	Marija Bambina	L-Isla	Tal-Art
7 ta' Settembru 2024	Marija Bambina	L-Isla	Tal-Art

Biex ikollok is-sodezza trid tibda tipprepara minn kmieni

Il-proċess tal-brim tal-karti huwa xogħol illi jirrikkjedi paċenzja

Parti mit-tapit fil-Furjana

L-apparat illi nxtara din is-sena



Fuq il-Fosos tal-Furjana - unur għal Birżebbuġa

It-tapit lest biex jinħaraq fuq il-Fosos

Mumenti ta' ċelebrazzjoni wara l-ħarqa kolossali tan-nar tal-art Lejlet il-Festa 2023

Preċiżjoni, artistiċità, dettall

Frott it-Tfal ta' Birżebbuġa

Mill-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar Sena Ġdida, Bidu Ġdid

Steven Farrugia
Grupp Teatrali 14 ta' Jannar

Nirringrazzja 'l Alla għaddiet sena oħra u wasalna fiż-żmien tal-festa li lkoll inkunu qed nistennew. Nistqarr magħkom, il-festa toħroġ fija ċerti emozzjonijiet, kemm sbieħ u kemm xi ftit ta' diqa għax niftakar f'nies li llum ma għadhomx magħna u li kellhom ħafna għal qalbhom lill-maħbub patrun San Pietru. Fosthom hemm ommi u missieri, tnejn min-nies illi bis-saħħa tagħhom sirt aktar inħobb il festa.

Imma niġu għas-suġġett: il-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar.

Kulħadd jaf illi l-pandemija laqtet lil kulħadd. Il-grupp teatrali ma kienx eċċezzjoni. U nistqarr magħkom illi laqtitna sew. Waqfet kull forma ta' attività min-naħa tal-grupp. Ir-raġunijiet kienu ħafna. Primarjament kienu tnejn. Ma stajniex norganizzaw, l-ebda forma ta' esebizzjonijiet pubbliċi u l-kuntatt bejnietna kien kważi waqaf għal kollox. Dawn l-aħħar sentejn, minkejja li r-restrizzjonijiet waqfu, is-sitwazzjoni ma kinitx daqshekk faċli għal ħafna raġunijiet: ħafna prijoritajiet tan-nies inbidlu, allura għalkemm il-grupp ma ġiex xolt, ma kienx qed jiffunzjona. Iżda, kif jgħidu, qatt ma għandek taqta' qalbek għaliex raġġ ta' dawl dejjem ifiġġ xi ħin jew ieħor.

Bidu Ġdid, Uċuh Ġodda

Lejn l-aħħar ta' Frar kien avviċinani s-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, u staqsieni jekk nitħajjarx nerġgħu nippruvaw intellgħu l-wirja ħajja tal-Ġimgħa Mqaddsa. Staqsejtu jekk hux se jkolli għajnuna, u qalli sabiex inkellem lis-sezzjonijiet l-oħra. Sejjaħna laqgħa u ddeċidejna li nidħlu għal din il-biċċa xogħol. U hemm nibtet il-wirja 'Ta' Min Hi l-Ħtija?!' Minn dakinhar bdew ħafna preparamenti: kast, skript u loġistika oħra. Bdejna nagħżlu l-kast u nifformolaw il-provi. Se nkun onest, għalkemm kien hemm atturi ta' esperjenza, kien hemm atturi oħra li tista' tgħid qatt ma telgħu fuq palk. Minħabba f'hekk, kont ftit xettiku, imma nistqarr illi tawni risposta, u x'risposta e!! Mingħajr ma nneħħi l-ebda mertu għall-atturi li ħadu sehem fil-passat, u li dejjem għamlu biċċa xogħol tajba, nista' ngħid illi l-atturi preżenti għamlu xogħol impekkabbli. Ma nista' qatt nieqaf nirringrazzja lil kulħadd: kemm atturi u kemm nies li ma dehrux fuq il-palk, imma xogħolhom kien imprezzabbli wkoll. M'iniex se nsemmi ismijiet, għax ninsa lil xi ħadd żgur. Allura ngħid grazzi sinċiera minn qalbi, għax bis-saħħa tagħkom ilkoll, il-grupp teatrali reġa' ħa n-nifs u qed jerġa' jiffunzjona.

Il-Futur

Hemm ħafna pjanijiet għall-grupp. Żewġ prijoritajiet huma palk li jiżżarma u jintrama kif u fejn irridu (u hawn nitlob lil dawk li jixtiequ jgħinu, kemm finanzjarjament u kemm manwalment sabiex javviċinawna). Prijorità ewlenija oħra hija x-xiri ta' stage lights professjonali kif jixraq. Ta' min ifakkar illi dawn id-dwal mhux ser tkun qed tħallas għalihom is-Soċjetà, imma ser jitħallsu bis-saħħa ta' skema ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Pjanijiet oħra? Minbarra li qegħdin nippjanaw attività tal-palk għal wara l-festa titulari, waħda mix-xewqat hija li jiġu offruti korsijiet għall-atturi, kemm dawk illi għandhom esperjenza u kemm dawk li qatt ma daqu s-sodisfazzjon illi jagħtik il-palk.

Min jaf? Forsi mhux 'il bogħod. Nistennew u naraw! Saħħiet u l-festa t-tajba!

Viva San Pietru!

Viva l-Banda Ewlenija tiegħu: is-Soċjetà Filarmonika San Pietru. Banda Birżebbuġa!

Il-kast kollu li ħa sehem fid-dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa flimkien mal-uffiċjali tas-Soċjetà

Xena fejn ħadu sehem it-tfal fil-paegant

Ġuda ma' Kajfas

Kristu mal-Madonna

Pietru u Ġwanni ma' Ġuda

Waqt il-Provi

Aktar mill-provi...

Mix-Xellug għal-Lemin:
Nathaniel Debono, Steven Farrugia, Reyhan Vella, Klein Debono


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
Make your most important day of your life a memorable day!
A wide range of
• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service
Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar
Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • newwesgarage01@gmail.com

Inkomplu Nsebbħu l-Ġawhra tal-Patrun

Anthony Camilleri
Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin

Nibda billi nsellem lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa, speċjalment lill-membri u lill-ammiraturi tas-Soċjetà għażiża tagħna, Soċjetà li bl-għaraq ta' xbinna u b'ħafna tbatija waqqafna biex ma tintemmx u f'qasir żmien tant kisbet suċċessi f'Malta u anke barra minn xtutna.

Bħala Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin norganizzaw ta' kull ġimgħa bosta attivitajiet sabiex bil-fondi li niġbru ngħinu lis-Soċjetà tissokta tikber. Biżżejjed ngħid illi fuq numru ta' snin sebbaħna l-akbar sala li hawn f'Birżebbuġa bi tnax-il pittura fuq il-ħajja tal-patrun tagħna, il-Maħbub San Pietru.

L-aħħar pittura li saret u nkixfet is-sena l-oħra, propju nhar il-Festa Liturġika ta' San Pietru Rebbieħ fuq il-Ktajjen, it-Tlieta 1 ta' Awwissu mill-Ministru Owen Bonnici, u kelli x-xorti nakkumpanjah kienet dik tal-Apoteosi ta' Missierna San Pietru.

'Apoteosi' hija kelma li ġejja mil-lingwa Griega u tfisser bidla għall-aħjar fl-istil tal-ħajja. U hekk, f'din il-pittura qegħdin naraw lil San Pietru Appostlu, wara l-Martirju Glorjuż tiegħu fuq is-salib, jintlaqa' f'bieb il-Ġenna mit-Trinità Qaddisa.

Il-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin tagħti l-għajnuna kull fejn ikun hemm bżonn, u tibqa' tagħmel dan kull meta tkun tista'. Ħadna gost ħafna ngħinu lis-Sezzjoni Banda fl-attivitajiet tagħha u dan huwa l-ispirtu li nixtieq nibqa' nara fil-każin, illi l-kummissjonijiet kollha jaħdmu flimkien, għax aħna qegħdin hawn għal Soċjetà waħda.

Il-Kummissjoni Tisbiħ tkun preżenti wkoll f'okkażjonijiet uffiċjali tas-Soċjetà, bħal ngħidu aħna inizjattivi tal-għoti tad-demm, funerali, il-marċ ta' Santa Ċeċilja fil-Belt Valletta, kif ukoll fl-għoti ta' propjetà mill-Gvern Ċentrali lill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, attività li saret fil-lukanda 'Excelsior' fil-preżenza tal-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi.

Riċentament ġejna anke kkuntattjati mill-Kumitat Ċentrali sabiex ngħinu finanzjarjament sabiex jinxtara arblu prinċipali ġdid. L-arblu li għandna jidher illi għamel żmienu, u għalhekk, aħna minn qalbna ngħinu b'1,500 ewro sabiex l-arblu jkun jista' jinbidel u nkomplu nsebbħu l-uniku każin propjetà tagħna f'Birżebbuġa.

Bħala Fundatur u Benefattur Ewlieni tas-Soċjetà, apparti li mmexxi l-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin, ħadt gost ferm nattendi l-kunċertin tal-allievi li sar nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2024. Kienet okkażjoni sabiħa fejn iċċelebrajna flimkien it-tagħlim professjonali li jingħata fis-Soċjetà tagħna. Għoxejt nara lil dawk it-tfal idoqqu. B'hekk inserraħ rasi li dak li batejna għalih, fil-futur nistgħu nibqgħu ngawduh, aħna, ta' warajna, u ta' warajhom.

Nirringrazzja lil sħabi tal-Kummissjoni Tisbiħ, is-Segretarju Simon Micallef, il-Kaxxier Paul Zammit u sħabi l-membri Charlie Theuma, Emmanuel Mangion u Desmond Kind. Irrid nirringrazzja wkoll lill-familji kollha tagħna tal-appoġġ kontinwu u l-paċenzja li jieħdu bina. Meta ħsibt li se nistrieħ ftit, żdiedli x-xogħol fil-każin, u ta' dan jien grat għalikom il-membri li tant tirrispettawna.

Viva San Pietru, il-Kbir Patrun tagħna!
Viva l-Banda Birżebbuġa, illi tant inħobb!

Membri tal-Kummissjoni fil-lukanda Excelsior fl-okkażjoni tal-għoti tal-post mill-Gvern Ċentrali lill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Waħda mill-pitturi li jżejnu s-sala prinċipali tal-każin

Fil-festa ta' Santa Ċeċilja V.M.
patruna tal-Mużiċisti

Bilwieqfa mix-Xellug għal-Lemin:
Desmond Kind, Charlie Theuma, Emmanuel Mangion
Bilqiegħda mix-Xellug għal-Lemin:
Simon Micallef, Anthony Camilleri, Paul Zammit

STITCHES

Haberdashery Boutique

We are proud to stock a carefully chosen selection of haberdashery, linens, hosiery, underwear, pyjamas, casual wear, children's wear and uniforms.

Collect your loyalty card for discounts

St. Catherine Street,
Birżebbuġa

(+356) 99426219
find us on

Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

Rispett lejn il-Banda, Int min Int u Tħobb xi Tħobb

Mro Michael Bugelli A.T.C.L.
Is-Surmast Direttur

Reġgħet waslet l-iktar attività mistennija f'Birżebbuġa. Din se tkun l-ewwel sena li l-festi se jkunu qed jiġu ċċelebrati b'titlu ġdid: Wirt Intanġibbli tal-Umanità. Din għandha tkompli timlina b'kuraġġ u b'ħerqa kbira. Tagħtina konvinzjoni li dak li qed nagħmlu huwa tajjeb. Bħas-soltu jien se nikteb mill-area li jien responsabbli minnha, jiġifieri l-mużika tal-banda u l-banda.

Dawn l-aħħar snin tkellimna ħafna fuq il-banda u għamilna argumenti sħaħ. Dan il-ktieb sabiħ li joħroġ fil-festa huwa ktieb li fih jiġbor il-filosofija tas-Soċjetà. Suppost is-Soċjetà tinqeda b'dan il-ktieb sabiex bih twassal il-messaġġ tagħha lin-nies ta' Birżebbuġa. Imma dawn il-messaġġi qed jaslu jew le? Jew kemm niddubbaw il-ktieb tal-festa, inqallbuh ftit għar-ritratti u nitfgħuh 'l hemm? Qegħdin nilħqu l-iskopijiet tagħna jew le? Il-messaġġ li nixtiequ naraw iktar allievi, li nixtiequ naraw iktar nies jakkumpanjaw il-banda, li naraw iktar nies jiġu jisimgħuna waqt il-programmi, dawn il-messaġġi qegħdin jaslu? Inti li forsi wieħed minn dawk li tieħu interess taqra l-messaġġi, tixtarr verament dak li s-Soċjetà trid twassal lin-nies? Is-Soċjetà u l-Kumitat iridu jkunu ċentrali f'din il-missjoni. Il-messaġġ tagħna jrid jasal. Jekk naraw forma li biha m'aħniex qed inkunu effettivi, allura rridu nippruvaw forom oħra biex naslu għand in-nies.

Bla dubju ta' xejn l-isbaħ u l-aqwa forma ta' messaġġ li nistgħu nagħtu hija dik meta l-banda tagħna tesponi ruħha ddoqq quddiem in-nies. Ma ninsiex ukoll it-tagħlim li qed nagħtu bħala skola tal-mużika jien, l-Assistent Surmast Christopher Bonnici u l-għalliem tal-instrumenti tal-injam Ludwig N. Desira. It-tagħlim li qed tagħti s-Soċjetà tagħna qed jiġbed ħafna tfal. Mhux hekk biss, imma l-Assistent Surmast qed itella' wkoll numru ta' programmi żgħar bis-sehem tat-tfal li qed jiġu jitgħallmu l-mużika magħna. Dan huwa bla dubju ta' xejn l-ikbar prova li nistgħu nagħtu biex nibagħtu l-messaġġ tagħna. Il-parti tagħna żgur qed nagħmluha u allura jeħtieġ illi npoġġu lenti fuq dan l-operat. Irridu naraw kif dan il-ġid tant kbir li qed

Mro Michael Bugelli jidderieġi l-Banda Birżebbuġa waqt il-programm 'Mill-Bandisti għall-Membri'

nagħmlu fost iż-żgħar ta' Birżebbuġa u dawk li jiġu jitgħallmu u jdoqqu jingħata l-attenzjoni li tant jixraq.

Illum is-Soċjetà tagħna għall-grazzja t'Alla għandha għeruq sodi. Għandha sede sabiħa u komda li fiha taqdi l-bżonnijiet tas-Soċjetà; għandha sezzjonijiet li l-għan tagħhom huwa li jkabbru l-briju u l-armar fil-festa; sezzjoni oħra li taħdem biex tiddekora s-sede minn ġewwa; għaqda tan-nar b'nies bravi li jagħtuna spettakli kbar fil-festa kollox bil-ħila tagħhom u għandna wkoll il-banda. Kollox sabiħ, mill-bidu sal-aħħar. Dik il-ġurnata li niżbilanċjaw ruħna tkun il-ġurnata fejn inkunu qed nagħmlu ngassa ma' għonqna. Dik il-ġurnata li fiha l-banda tiġi traskurata nkunu qegħdin nisparaw f'saqajna. Il-banda hija tas-Soċjetà kollha u għalkemm mhux kulħadd għandu kapaċità li jieħu deċiżjonijiet f'dan is-settur, huwa dmir u obbligu għal kull membru tas-Soċjetà li jistaqsi u jieħu interess fil-prestiġju tal-banda tagħna. Ħafna mill-membri u segwaċi tas-Soċjetà huma ġenituri. Ma jitħajrux idaħħlu lil uliedhom bħala studenti fl-iskola tal-mużika tagħna? Meta l-banda tagħna ddoqq u ttella' programm mużikali, dan m'għandux iqajjem kurżità fil-membri tagħna biex jiġu jaraw u jisimgħu? Ħuti, ippermettuli, nisħaq fuq li nisħaq l-importanza li l-membri jieħdu interess fil-banda tagħna. Le, mhux biżżejjed li tkun dilettant tal-briju, tan-nar u tal-armar. Huwa fl-obbligu tagħna, ta' kull uffiċjal u membru li jġib quddiemu l-aħjar interess tal-banda u tal-bandisti tagħna. Hija fir-responsabbiltà tal-Kumitat Ċentrali li jara li l-banda tibqa' fil-fulkrum tas-Soċjetà. Hija fir-responsabbiltà tal-Kumitat li jara li l-entużjażmu fil-banda jkompli jikber. Hija fir-responsabbiltà tal-Kumitat Ċentrali li jara li kull membru, kull partitarju jieħu interess fil-banda. Is-Soċjetà tagħna mhijiex biss għaqda tal-festa. Is-Soċjetà tagħna għandha korp bandistiku u għandha skola tal-mużika. Jien immur ħafna festi. Niltaqa' ma' ħafna dilettanti tan-nar u tal-briju u tal-armar. Ma temmnux kemm nieħu pjaċir meta nispiċċa nitkellem magħhom u ninduna li għalkemm iħobbu l-qasam tagħhom, għandhom rispett u reverenza kbira għall-banda tagħhom. Minn hemm tagħrafhom is-soċjetajiet mużikali kbar u magħrufa. Aħna lejn dak l-ideal irridu nersqu, li jekk inti dilettant tan-nar, jew tal-armar jew tal-briju għandek dmir illi turi rispett, interess u entużjażmu għall-banda tas-Soċjetà tiegħek, hekk kif il-bandisti u l-allievi juru rispett lejn kull qasam ieħor fis-Soċjetà.

Nagħlaq dawn il-kelmiet billi nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinuni fil-ħidma tiegħi fil-mużika, lill-bandisti tal-post tagħna; lis-Sezzjoni Banda u l-istaff tal-iskola tal-mużika. Fil-festa se nagħmlu diversi marċi sbieħ. Ejjew mal-banda u imxu magħha matul it-triq kollha. Apprezzaw il-melodiji sbieħ tal-marċi u l-kapaċità tal-banda li toħloq dawn il-ħsejjes sbieħ. Appuntament importanti li għalih huwa mistieden kulħadd huwa dak tal-programm tal-festa li din is-sena se jsir Lejlet il-Festa. Bħas-soltu jkun hemm siġġijiet disponibbli għalikom. Ejjew u isimgħu l-programm. Aħna ċerti ħafna li se nagħtukom gost kbir bil-mużika li se nsemmgħulkom.

Chinese Rose

Bar & Restaurant

St. George's Street
Birżebbuġa
Tel: 2165 2084
Mob: 9942 2084

BABYSKY

Birzebbugia Rd, Birzebbugia
21650407
Notary Zarb Street Attard
27445565

SPICE OF INDIA
INDIAN PHILIPPINES AFRICAN ARABIC GROCERY PRODUCTS

Address: 174, Birzebbuga Road.
Birzebbuga.

Mobile: 9900 4280

MARIO TA' BUĠIA

Panel Beating and Spray Painting
Insurance Approved
Triq Bir id-Deheb, Hal Ghaxaq
(near Art il-Missier)

Contact:
9925 6765

HOME IMPROVEMENT
Charlie's
DIY & CONSTRUCTION

TRIQ IL-GĦODDA, BIRŻEBBUĠA
TEL. 2165 0021 MOB. 7965 0021
Find us on

STYLING STATION BY MARIO

Mario Theuma
Hair Stylist

59, Zaren Dalli Street,
Birzebbuga BBG 1523, Malta
Tel:(356) 21653986 / (356) 27653986
Email: styling59@gmail.com

Mro Michael Bugelli b'paċenzja u metikolożità jispjega x'effetti mużikali jrid waqt il-provi

Mro Michael Bugelli mas-Sezzjoni Banda u l-artist tal-pittura l-ġdida tal-Apoteosi ta' San Pietru Appostlu wara l-inawgurazzjoni

Mro Michael Bugelli jidderieġi l-Banda Birżebbuġa waqt l-innu l-kbir, 'Is-Sejħa' fil-festa ta' San Pawl, Ħal Safi

Il-Banda Birżebbuġa waqt il-kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Kappella ta' San Ġorġ Martri

Jidderieġi l-Banda Birżebbuġa waqt il-programm mużikali annwali tal-festa titulari

Man-Noti tal-Għalliem tal-Allievi

Mro Ludwig N. Desira

Insellmilkom!

Qed nikteb għal darba ohra f'dan il-ktejjeb bħala l-Għalliem tal-Istrumenti tal-Qasba. Bħalissa għandi taħt il-gwida tiegħi erba' allievi. Tliet studenti qegħdin jitgħallmu l-klarinett u studenta oħra qed titgħallem il-flawt. Dawn l-istudenti diġà għandhom l-istrument u għalhekk jinsabu mixjin tajjeb u qegħdin jippromettu sabiex fil-futur ikunu mużiċisti regolari tal-Banda Birżebbuġa. Huma jieħdu l-istudju mużikali tagħhom bis-serjetà tant illi minbarra l-prattika qegħdin jistudjaw ukoll it-Teorija Mużikali u f'Novembru lkoll għamlu l-eżamijiet tal-London College of Music, u lkoll ġabu marki inkoraġġanti ferm.

Il-lezzjonijiet isiru regolari darba fil-ġimgħa. Tingħata attenzjoni individwali u ma għandniex ħin. Ma' kull student indumu kont kemm hemm bżonn. Mhux kulħadd ikollu bżonn l-istess ħin. Bl-attenzjoni u r-reżiljenza personali nippreparaw lil dawn l-allievi sabiex 'il quddiem ikunu bandisti mas-Soċjetà tagħna kif ukoll ma' baned oħra Maltin.

Fl aħħar u mhux l inqas nixtieq nawgura minn qalbi lilkom ilkoll għall-festa ta' San Pietru, il-Prinċep tal Appostli mill aqwa lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa u nħeġġiġkom sabiex titħajru u tiġu tesploraw daqsxejn iktar it-talent illi għandkom moħbi fikom billi titgħallmu l-mużika mal-iskola mużikali tas-Soċjetà.

Il-President jagħti rigal ta' apprezzament fil-Kunċert tal-Milied lill-għalliem Ludwig N. Desira

**Selling Bluray/DVD/3D,
HiFi, TV, Radios, Games, Watches,
Alarm Clocks, Calculators, Airconditioners,
DVD/Bluray and Game Console. MP4s,
mobile phones, car stereos
and surround systems. All kinds of Repairs on
Mobiles, Hi-Fi, TV etc...**

*Transfer from Video Tapes, Audio Tapes, 8mm etc
to DVD*

**48, Pretty Bay, Birżebbuġa
Mob: 7997 9714 Tel: 2165 0346
Prop. Joe & Marthese Celeste**

Johann Borg
KUNSILLIER
LOKALI BIRŻEBBUĠA
MAN-NIES
GĦAN-NIES
79256985
johannborg77@gmail.com

IL-KUNSILLIER
IVAN ABELA GRECH
jawgura
L-FESTA T-TAJBA
LILL-BIRŻEBBUĠIN KOLLHA

Il-Banda Birżebbuġa – Suċessi Riċenti

Għalkemm is-sena 2024 ma ġabitx impenji straordinarji għall-Banda Birżebbuġa hekk kif għamlet is-sena 2023 meta s-Soċjetà ppreżentat l-Oratorio 'Divo Petro' kif ukoll għamlet erba' recordings professjonali, xorta waħda s-Soċjetà kienet impenjata b'diversi provi u kunċerti.

Il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2023 –
Il-Kunċert tal-Milied

Bi qbil mas-Surmast Direttur Michael Bugelli, il-Kumitat Ċentrali ppropona li l-Kunċert tal-Milied illi jittella' fis-sala prinċipali tal-każin, jibda jitmexxa kollu mill-Assistent Surmast Direttur. Għalhekk, għall-ewwel darba, Mro Christopher Bonnici ħa t-treġija tal-Banda Birżebbuġa u flimkien mas-Sezzjoni Banda Birżebbuġa u l-mużiċisti formidabbli preżenta għażla mużikali li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti.

Il-programm fetaħ bis-silta 'Il-Benniena ta' Ġesù Bambin' ta' Patri Indrì Schembri S.J. popolarment magħrufa bħala 'Ninni La Tibkix Iżjed'. Interessanti ferm kien hemm għall-ewwel darba s-sehem tat-tfal - wara sejħa li saret - ulied il-membri u l-partitarji li akkumpanjaw il-Banda Birżebbuġa bid-daqq ħlejju tagħhom u żammew ritmu sabiħ mal-banda. Il-programm kien ippreżentat mill-allieva Amy Vella u fih, uħud mill-allievi daqqew siltiet solisti u żewġ allievi ġodda ngħaqdu mal-Banda Birżebbuġa bi prova.

Kien hemm ukoll żewġ arranġamenti li ndaqqew għall-ewwel darba minn banda sinfonika Maltija. Dawn huma 'Sleigh Ride' ta' Wolfgang Amadeus Mozart u 'L-Ewwel Milied' ta' Patri Karm Debattista MSSP. It-tnejn illi huma saru b'arranġament għall-banda sinfonika minn Mro Christopher Bonnici nnifsu.

Matul dan il-kunċert, għall-ewwel darba wara bosta snin, il-kor tas-Soċjetà, 'Xmun Pietru' kien mistieden ikanta mal-Banda Birżebbuġa u interpreta s-siltiet 'O Holy Night', 'L-Ewwel Milied', 'A Christmas Festival' u l-Innu tal-Banda Birżebbuġa. Minbarra l-kor, fis-silta 'O Holy Night', Marouska Bonnici u Marthese Grech, żewġ soprani mfittxija kantaw fi dwett bħala solisti.

Xi ċajta ma naqsitx, u għal dan il-għan ingħażlet l-għanja tradizzjonali 'Ninu, Ninu tal-Milied', u nbidlulha l-versi minn Andrea Cassar. Ovvjament, il-versi kienu satiriċi u l-udjenza kienet imħeġġa (jew imġiegħla) tkanta.

Żewġ siltiet oħra mill-isbaħ kienu 'A Christmas Festival', kompożizzjoni ta' Leroy Anderson fl-1950 u 'Santa Claus is Coming to Town' illi saret fuq arranġament ta' Andrew Lawrence Zarb. Waqt din is-silta, kellna ż-żjara sorpriża tal-Father Christmas, illi ma għandniex xi ngħidu ntlaqa' b'entużjażmu kbir mit-tfal u anke minn min huwa ta' età ikbar.

Wara saru xi preżentazzjonijiet u diskors mill-President tas-Soċjetà, il-Kavallier Alexander Caruana. Kien mistieden ukoll sabiex jgħaddi l-messaġġ tiegħu l-Kappillan il-ġdid tal-parroċċa, il-Kanonku Reuben Micallef illi saħaq dwar l-importanza tal-għaqda lkoll flimkien. Din kienet l-ewwel okkażjoni li fiha l-Kappillan il-ġdid wassal messaġġ fis-sede tas-Soċjetà tagħna.

Il-programm intemm bl-Innu tal-Banda Birżebbuġa u wara nżamm riċeviment fejn sar l-iskambju tal-awguri u ttellgħet il-lotterija li s-Sezzjoni Banda Birżebbuġa organizzat matul il-ġimgħat tal-festi.

Il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024 –
Il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa

Għall-ewwel darba, il-kunċert ittella' fil-kappella Medjevali ta' San Ġorġ Martri fil-Bajja ta' San Ġorġ u kien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Michael Bugelli. Kien ilu l-ħsieb illi l-Banda Birżebbuġa taġġorna l-istil mużikali għal dan il-programm, u minflok jindaqqu biss marċi funebri, jindaqqu wkoll siltiet sagri.

Matul dan il-programm indaqqu l-marċi funebri 'Ai Membri Morti Della Società' u 'Lill-Għażiż Missieri', it-tnejn kompożizzjonijiet ta' Mro Michael Bugelli, 'Tislima lill-Bandisti Mejtin tas-Soċjetà' ta' Mro Christopher Bonnici u 'B'Tifkira Għażiża ta' Joseph Baldacchino r-Rowdjow u Nancy Buhagiar' tal-bandist tal-post Francesco Barbara.

Il-Banda Birżebbuġa esegwiet ukoll Premiere f'dan il-kunċert, is-silta 'Prayer of Saint Gregory' ta' Alan Hovhaness b'arranġament mużikali ta' Francesco Barbara, illi matulha wera l-kapaċitajiet tiegħu fuq il-kurunetta bis-solo ta' din is-silta. Siltiet sagri oħra kienu 'Air In G' ta' Johann Sebastian Bach, 'Ave Verum Corpus' ta' Wolfgang Amadeus Mozart, 'Evening Hymn, Cavalry Last Post' fuq arranġament ta' D.N. Taylor, 'Largo' ta' George Friderick Handel u 'Amazing Grace' b'arranġament mużikali ta' Gerald Sebesky.

Ir-rokna letterarja ma naqsitx, u matul dan il-programm kellna tliet waqfiet fejn inqraw poeżiji relatati ma' dan iż-żmien qaddis. Il-Kor 'Xmun Pietru', kanta a cappella, jiġifieri mingħajr akkumpanjament mużikali, u taħt id-direzzjoni ta' Mro Christopher Bonnici esegwixxa 'Anima Christi' ta' Monsinjur Marco Frisina u 'Abide With Me' ta' Patri Henry Monk. Għalkemm kulma kienu sitt vuċijiet, il-kor inqasam f'żewġ vuċijiet, Soprani u Kontralti u verament ħareġ effett sabiħ.

Fit-tmiem tal-kunċert saru xi diskorsi mill-President, il-Kavallier Alexander Caruana u l-Kappillan tal-parroċċa, il-Kanonku Reuben Micallef.

Il-Ħadd 21 ta' April 2024 –
Mill-Bandisti għall-Membri

Sa mill-1996, dan il-programm sar il-programm annwali tas-Soċjetà wara bidu modest fis-sala prinċipali tal-każin. Wara bosta snin, dan il-programm aġġorna u minn programm ċkejken sar programm ta' ċertu kalibru. L-aħħar illi sar dan il-programm annwali kien is-Sibt 29 ta' Frar 2020, propju ftit tal-jiem qabel Malta u Għawdex għaddew mill-pandemija tal-Covid 19. Fis-sena 2023, minflok il-programm annwali ttella' l-Oratorio 'Divo

Petro' fil-knisja parrokkjali u din is-sena minflok fix-xahar ta' Frar, peress illi huwa sinonimu mal-festa tal-Kattedra ta' San Pietru Appostlu, ġie ppreżentat fix-xahar ta' April fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli.

Matul dan il-programm, is-Soċjetà ċċelebrat għeluq l-10 sena mill-ħatra tal-Kavallier Alexander Caruana fil-kariga ta' President tas-Soċjetà, illi seħħet nhar it-30 ta' Marzu 2014. Mro Robert Magro, eks għalliem tat-Teorija fis-Soċjetà għoġbu jikteb u jirregala marċ brijuż iddedikat għal dan l-anniversarju notevoli u ndaqq għall-ewwel darba matul dan il-kunċert annwali.

Fost is-siltiet esegwiti mill-Banda Birżebbuġa f'din l-okkażjoni nsibu 'The Best of Maltese Folklore', 'Wonderland by Night' fejn ibbrilla fuq il-kurunetta s-solista lokali Matthias Agius, 'I Will Always Love You' li ġiet interpretata mill-kantanta lokali Riona Degiorgio, 'Chit Chat Polka', 'Danza Hungara No. 5', 'Rolling in the Deep' u 'John Williams in Concert'.

Peress illi s-soltu jsir fi Frar, is-Soċjetà xorta waħda fetħet il-kunċert bl-Innu Popolari Lil San Pietru Appostlu, filwaqt illi kif jixraq, intemm bl-Innu tal-Banda Birżebbuġa.

Matul il-programm, il-President Alex Caruana għadda l-messaġġ tiegħu u fakkar dak illi għadda minu matul l-aħħar għaxar snin filwaqt illi saru bosta preżentazzjonijiet ta' ħajr għal dak kollu li wettaq fis-Soċjetà, illi tagħha mhux biss huwa l-President, imma wieħed mill-fundaturi, lura fl-1989.

Il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2024 –
Spring Concert

Din kienet idea innovattiva għall-aħħar. L-iskola tal-mużika tas-Soċjetà, illum tgħodd mat-23 alliev u allieva. Uħud minnhom diġà ħarġu jdoqqu mas-Soċjetà u huma bandisti stabbiliti, imma qed jogħġobhom il-mod professjonali kif qed isir it-tagħlim u għalhekk qed ikomplu jistudjaw sabiex iġibu r-riżultati fit-Teorija Mużikali u fit-teknika tal-istrument, filwaqt illi oħrajn qegħdin jitgħallmu t-Teorija Mużikali, xi strument inkella t-tnejn. F'din l-okkażjoni, illi tmexxiet mill-Assistent Surmast Christopher Bonnici seta' jidher ċar il-livell illi qed jintlaħaq fit-tagħlim mużikali, hekk kif il-mużiċisti kollha daqqew xi silta solo. Bosta minnhom, kienet l-ewwel darba li daqqew quddiem il-ġenituri tagħhom u quddiem in-nies, għalhekk ċerta biża' ma naqsitx, imma din għenithom sabiex iffukaw, u hekk, meta joħorġu jdoqqu barra, ma jinħasdux meta jaraw lilhom infushom idoqqu fi grupp.

Notevoli ferm kien in-numru ta' sebat'itfal illi daqqew silta ritmika bir-recorder. Tmexxew minn Marouska Bonnici u għandhom bażi tajba sabiex fil-futur qarib, ikomplu javvanzaw fit-tagħlim teoretiku u prattiku. Permezz ta' dan it-tagħlim, it-tfal qed jitgħallmu jieħdu n-nifs, jonfħu, jaħdmu f'teamwork, jisimgħu lil xulxin u jgħinu lil xulxin.

Dawn kienu erba' okkażjonijiet fejn il-Banda Birżebbuġa ddistingwiet ruħha bħala l-ambaxxatriċi mużikali ta' raħal twelidna, Birżebbuġa, illi verament jixirqilha l-isem ta' Soċjetà Mużikali.

Il-Kappillan iwassal il-messaġġ għall-ewwel darba f'attività tas-Soċjetà fil-Kunċert tal-Milied



Xi ċajta ma tonqosx...

Allieva tas-Soċjetà ddoqq għall-ewwel darba fil-Kunċert tal-Milied

Marthese Grech u Marouska Bonnici jinterpretaw 'O Holy Night'

L-alliev Zach D'Souza jaqra silta letterarja waqt il-Kunċert tal-Milied

Iż-Żjara tax-Xiħ tal-Milied

L-alliev Liam Braden Desira jaqra silta letterarja fil-programm tal-Ġimgħa Mqaddsa

Il-Banda Birżebbuġa fil-kappella ta' San Ġorġ Martri

B2M

The lowest prices on the island!!!

Tombla Tickets • Tal-Prima Cloakroom Tickets • Tal-Fiera X2 X3 X5

Mob: 9944 1246

Amy Vella ppreżentat il-Kunċert tal-Milied

Diandra Farrugia ppreżentat il-kunċert 'Virgini Perdolenti'

Il-bandist lokali Francesco Barbara solista fis-silta 'Prayer of Saint Gregory

Liane Abela Grech ippreżentat il-programm 'Mill-Bandisti għall-Membri'

Il-Banda Birżebbuġa fil-Programm 'Mill-Bandisti għall-Membri'

Uħud mill-Allievi u l-Bandisti wara Spring Concert

Il-Kunċert Vokali, Korali u Strumentali
Banda Birżebbuġa
Misraħ il-Knisja
Is-Sibt 3 ta' Awwissu 2024

Il-Banda Birżebbuġa tiċċelebra Lejlet il-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu bi programm vokali, korali u strumentali li għandu jinżel tajjeb mal-membri, l-ammiraturi u mal-pubbliku inġenerali. Wara marċ qasir akkumpanjat mill-istandardi, il-bandalora artsitika u l-unuri tas-Soċjetà, il-Banda Birżebbuġa, diretta minn Mro Michael Bugelli ATCL, is-Surmast Direttur sa mit-twaqqif tagħha fl-1990 tieħu postha fuq il-planċier f'Misraħ il-Knisja u tesegwixxi l-programm mużikali annwali fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Pietru Appostlu, il-patrun tas-Soċjetà u ta' Birżebbuġa.

L-Innu Popolari lil San Pietru Appostlu

Kif xieraq, il-programm mużikali annwali jiftaħ bl-innu popolari lil San Pietru Appostlu, versi tal-poeta Dun Frans Camilleri u mużika ta' Mro Carmelo Pace. Dan l-innu kien ġie kkummissjonat mill-Kappillan, il-mibki Dun Ġużep Minuti u żżanżan fl-okkażjoni tal-festa titulari fl-1962. Nammiraw matul dan l-innu popolari l-armonija Romantika, sinonima ferm mal-kompożizzjoni ta' dawn l-innijiet popolari u sinonima wkol mal-kompożizzjoni mużikali tas-Seklu Dsatax. Flimkien mal-Banda Birżebbuġa jieħu sehem il-kor tas-Soċjetà 'Xmun Pietru' u l-kor 'Mirabitur'.

Antonin's New World

Is-Sinfonija Numru Disgħa fil-*Mi Minore*, hija l-kompożizzjoni numru 95 u magħrufa bħala 'The New World'. Din ġiet komposta minn Antonin Dvorak fl-1893 fiż-żmien illi kien id-Direttur tal-Konservatorju Nazzjonali Mużikali tal-Amerika bejn l-1992 u l-1895. Is-silta ġiet esegwita għall-ewwel darba fi New York fis-16 ta' Diċembru 1893. Hija maqsuma f'erba' movimenti u fiha madwar 40 minuta. Naturalment, matul dan il-kunċert ma aħniex se nisimgħu l-erba' movimenti, imma se nassistu għal selezzjoni fost l-isbaħ melodiji li fiha din il-kompożizzjoni, illi l-arranġament tagħha sar minn Dizzy Stratford.

Puccini in Concert



Matul din is-sena, id-dinja mużikali qiegħda tfakkar għeluq il-100 sena mill-mewt tal-kompożitur ġgant Taljan, Giacomo Puccini, kompożitur illi ntrabat intrinsikament mal-provinċja ta' Lucca. Puccini huwa meqjus fost l-aqwa kompożituri operistiċi b'xogħlijiet bħal 'La Boheme', 'Tosca' u 'Turandot' illi bil-melodiji tagħhom żgur jinżlu għasel ma' bosta dilettanti mużikali. Il-Banda Birżebbuġa, sabiex issellem lil Giacomo Puccini se teegwixxi din is-silta, illi fiha tinkorpora siltiet bħal 'Un Bel Di' minn 'Madame Butterfly', 'È Lucevan le Stelle' mit-'Tosca', 'O Mio Babbino Caro' minn 'Gianni Schicci' u 'Nessun Dorma' mit-'Turandot'. L-arranġament mużikali huwa ta' Willy Hautvast.

The Second Waltz

Il-Banda Birżebbuġa tissokta f'din il-parti mużikali permezz tal-Valz Numru 2 mis-'Suite for Variety Orchestra' ta' Dmitri Shostakovich. Dan il-valz huwa wieħed mill-aktar popolari ta' dan il-kompożitur tas-Seklu Għoxrin. Is-silta sħiħa nkitbet wara l-1956 u ntużat bħala parti mis-soundtrack għall-film Russu 'The First Elechon'. Is-suite sħiħa hija parti minn tmien movimenti qosra lkoll miktubin għal orkestra kompluta. Ix-xewqa tal-kompożitur, madankollu ma kinitx illi t-tmien movimenti jiġu esegwiti f'xi ordni partikolari jew kollha kemm huma f'darba. L-arranġament għall-banda sar minn Andrè Waignein.

Euphoria

Il-kanzunetta 'Euphoria' żgur illi ma għandhiex bżonn ta' ebda introduzzjoni. Din id-diska tnediet nhar is-26 ta' Frar 2012 bħala t-tielet single, l-ewwel waħda fuq baži internazzjonali mill-album 'Heal'. Il-kantanta Żvediża Loreen tinterpreta din il-kanzunetta li rebħet il-Eurovision Song Contest tas-sena 2012 illi sar f'Baku, l-Azerbajġan. Hija ġabet total ta' 372 punt, it-tieni l-ogħla punteġġ illi rebbieħa kisbet f'dan il-festival sa dakinhar. L-arranġament mużikali ta' din is-silta sar minn Jan Van Kraeydonck u se takkumpanja l-Banda Birżebbuġa, il-kantanta lokali Riona Degiorgio.

San Diego

San Diego hija silta pjuttost kalma bħall-klima tal-belt Amerikana li minnha ġiet ispirata. Hija komposta minn Juan A. Perez. San Diego hija magħrufa bħala l-belt tat-twelid ta' Kalifornja. Din is-silta hija maqsuma f'diversi movimenti, ilkoll b'deskrizzjoni unika. Min qed idoqq jew jisma' jista' jimmaġina lilu nnifsu fuq vjaġġ deskrittiv filwaqt illi jimxi mal-bajjiet, iħoss is-sħana fuq wiċċu, jgħix xeni romantiċi ta' nżul ix-xemx u jitpaxxa bil-plajjiet ta' din il-belt pittoreska.

The Prayer

Kanzunetta mill-aktar maħbuba mal-udjenza hija bla dubju 'The Prayer'. Matul dan il-kunċert se nisimgħu din is-silta fuq arranġament ta' Ray Sciberras, wieħed mis-Surmastrijiet Onorarji tas-Soċjetà tagħna. Oriġinarjament din il-kanzunetta ġiet esegwita mill-kantanta Kanadiża Celine Dion u t-tenur Taljan Andrea Bocelli u komposta minn David Foster, Carole Bayer Sager, Tony Renis u Alberto Testa. 'The Prayer' ġiet irrekordjata f'żewġ verżjonijiet solo, bl-Ingliż minn Celine Dion u bit-Taljan, minn Andrea Boccelli. Dwett bejniethom it-tnejn instema' fl-albums 'These Are Special Times' fl-1998 u 'Sogno' tal-1999. Din il-kanzunetta rebħet il-Golden Globe Award for Best Original Song u ġiet nominate għall-Academy Award for Be…st Original Song fl-1999 u l-Grammy Award for Best Pop Collaboration with Vocals fis-sena 2000. Flimkien mal-Banda Birżebbuġa se nisimgħu l-vuċijiet tas-Soprano Karen Camilleri u t-Tenur Charles Vincenti.

Time To Say Goodbye

F'Novembru 1996, Andrea u Sarah Brightman ġew mistiedna sabiex jesegwixxu d-dwett 'Time To Say Goodbye', oriġinarjament 'Con Te Partirò' fit-tislima lill-Ġermaniż Henry Maske, rebbieħ tal-World Light Heavyweight tal-Boxing. Sarah Brightman, soprano famuża u ħabiba ta' Maske, semgħet għall-ewwel darba 'Con Te Partirò' waqt ikla mal-ħbieb f'restorant. Laqtitha immense u kkuntattjat lil Andrea sabiex irrekordjaw id-dwett 'Time to Say Goodbye' flimkien mal-membri tal-London Symphony Orchestra. Flimkien mal-Banda Birżebbuġa tingħaqad għal darba oħra l-kantanta lokali Riona Degiorgio fuq l-arranġament ta' Don Campbell.

Explorations

Matul dan il-kunċert se nkunu qegħdin nassistu għal premiere ta' silta mużikali, 'Explorations', kompożizzjoni tal-bandist tal-post, Matthew Polidano. Din is-silta kkomponieha waqt illi qed jistudja barra minn xtutna. It-tessitura mużikali ta' din is-silta hija waħda moderna u tuża skali differenti f'kull moviment tagħha, u minn hemm ħadet l-isem ta' 'Explorations'. Din l-esplorazzjoni ta' ħsejjes differenti, bosta minnhom mhumiex komuni tħalli lill-kompożitur u lis-semmiegħ jimirħu fi vjaġġ kontinwu li juri l-versatilità tal-banda li kapaċi taddatta għal stil mużikali klassiku modern.

Pirates of the Caribbean

'Pirates of the Carribbean: The Curse of the Black Pearl' hija s-soundtrack uffiċjali tal-film illi jġib l-istess isem. L-album tnieda fit-22 ta' Lulju 2003 minn Walt Disney Records u jinkludi siltiet mill-film innifsu. Il-,użika ta' dan il-film u l-album hija ta' Laus Badelt filwaqt illi l-produttur huwa l-kompożitur ta' fama mondjali, Hans Zimmer. L-arranġament għall-banda sinfonika sar minn Ted Ricketts u matul din is-selezzjoni mużikali se nassistu għal 'Fog Bound', 'The Medallion Calls', 'To The Pirate's Cave', 'The Black Pearl', 'One Last Shot' u 'He's a Pirate'.

La Vita È Bella

Nicola Piovani huwa kompożitur tal-mużika tal-films u r-rebbieħ tal-Oscar tal-Aħjar Skor Mużikali Drammatiku fis-sena 1998 għall-film 'La Vita È Bella' ta' Roberto Benigni. 'Life is Beautiful' kif magħruf aktar ma' dawk illi jippreferu jitkellmu bl-Ingliż mhux l-uniku film illi għalih kiteb il-mużika Nicola Piovani għax għandu madwar 130 soundtrack differenti. Oħrajn jinkludu 'Intervista', 'Ginger e Fred', 'La Voce Della Luna' u 'Balletto Fellini' ta' Federico Fellini. Fis-sena 2000, wara li rebaħ l-Academy Award, 'La Vita È Bella' ġie nominat fil-kategorija 'Best Instrumental Composition Written for a Motion Picture, Television or Other Visual Media', madankollu ma rebaħx, għax rebaħ Randy Newman. L-arranġament għall-banda sinfonika sar minn Lorenzo Bocci u flimkien mal-Banda Birżebbuġa se jieħdu sehem il-kor tas-Soċjetà 'Xmun Pietru' u l-kor 'Mirabitur'.

San Pietru fil-Glorja

Dan l-innu, fuq kliem u mużika ta' Alexander Caruana sar b'arranġament mużikali ta' Simon Farrugia. Kien sar fuq inizjattiva ta' Alexander Caruana stess u ġie rregalat u ndaqq għall-ewwel darba fil-programm tal-festa nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2009. F'dik is-sena, il-parroċċa ta' Birżebbuġa kienet qed tiċċelebra l-50 anniversarju mill-miġja tal-vara titulari ta' San Pietru Appostlu, kapolavur

fl-injam ta' Ferdinand Stuflesser. Sabiex din l-okkażjoni sabiħa tibqa' mfakkra, il-Banda Birżebbuġa żanżnet ukoll l-innu 'Inħobbuk Bħalma Niesna Ħabbewk', versi tal-poeta Oliver Friggieri, mużika ta' Mro Ray Sciberras. Flimkien mal-Banda Birżebbuġa se jieħdu sehem is-Soprano Karen Camilleri, it-Tenur Charles Vincenti, il-kor tas-Soċjetà 'Xmun Pietru' u l-kor 'Mirabitur'.

Innu tal-Banda Birżebbuġa

Meta twaqqfet is-Soċjetà, fl-1990, kien inkiteb l-Innu tal-Banda li żżanżan għall-ewwel dehra mużikali pubblika tagħha, nhar it-2 ta' Awwissu 1990. Popolari ferm mal-membri u l-ammiraturi huma l-versi tal-poeta Joe Julian Farrugia u l-mużika tas-Surmast Direttur Michael Bugelli ATCL. Kif xieraq, il-kunċert se jagħlaq bil-parteċipanti kollha, u għalhekk mal-Banda Birżebbuġa se jipparteċipaw is-Soprano Karen Camilleri, it-Tenur Charles Vincenti u l-korijiet 'Xmun Pietru' u 'Mirabitur'.

Il-Kumitat Ċentrali flimkien mas-Surmast Direttur, l-Assistant Surmast, il-Bandisti, il-Koristi u s-Sezzjoni Banda ppreparaw kunċert illi għandu jolqot il-gosti ta' kulħadd. Inħeġġu lill-membri u lill-partitarji sabiex jattendu u jippatroċinizzaw dan il-kunċert illi żgur se jinżel għasel. Ikun hemm is-siġġijiet sabiex kulħadd ikun komdu jsegwi.

MANUEL GARAGE

Panel Beating
Spray Painting
Towing Service

Żejtun Road, Birżebbuġa
Mob: 9947 3095
Email: manuelgarage18@gmail.com

Josef Schembri – 30 Sena Bandist

Intlabt nikteb xi ħaġa tal-għeluq it-tletin sena tiegħi minn mindu ħriġt indoqq mal-banda tagħna. Matul dawn it-tletin sena dejjem kont regolari mal-banda tagħna, għalhekk it-tifkiriet tiegħi tal-banda huma ħafna. 'Il quddiem, jekk l-affarijiet jippermettu, nikteb it-tifkiriet tiegħi tal-banda tagħna sa mill-ewwel snin tagħha sallum. Jien bdejt nitgħallem mal-banda tagħna qisu lejn Lulju tal-1992. Bdejt nitgħallem il-bażi tal-mużika ma' Mro Felicienne Paris. Dak iż-żmien konna nitgħallmu b'riżorsi limitati ħafna f'garaxx fil-Bajja ta' San Ġorġ fuq biċċa mejda żgħira. Bis-saħħa tat-tagħlim kbir li tatna Mro Felicienne Paris u bid-dixxiplina tagħha, ħafna kienu dawk iż-żgħażagħ u t-tfal illi tgħallmu u mxew għall-istudju tal-istrument. Wara t-tagħlim bażiku tal-mużika u s-solveġġ, għaddejt taħt idejn Mro Michael Bugelli fejn tħarriġt fl-istudju tat-Tromba in Sib. Ħriġt indoqq għall-ewwel darba f'kunċert fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa fil-festin tat-tfal tal-Milied, f'Diċembru tal-1993. Għal dan il-programm niftakar li kont attendejt ħafna provi li kienu jsiru wkoll fl-istess garaxx ta' San Ġorġ, u niftakar illi fost il-ħafna siltiet li daqqejna kien hemm Yesterday tal-Beatles, Beer Barrel Polka u Puppet on a String. Imbagħad ħriġt uffiċjalment għall-festa tal-1994. Minn dawn il-paġni nħajjar lill-membri tas-Soċjetà sabiex jibagħtu lil uliedhom jitgħallmu l-mużika u ma jaqtgħulhomx qalbhom, anzi jibqgħu jagħmlulhom qalb anke f'mumenti fejn ikunu se jaqtgħu qalbhom. Fil-mużika huwa importanti ħafna li tipprova u tibqa' tipprova sakemm jirnexxilek. Minn qalbi nirringrazzja lil Mro Felicienne Paris u lil Mro Michael Bugelli tat-tagħlim sabiħ li tawni fil-mużika.

Il-bandisti li ħarġu jdoqqu mal-Banda Birżebbuġa propju 30 sena ilu. Josef, bil-kurunetta jinsab l-ewwel fuq ix-xellug fil-filliera tan-nofs. L-ewwel fuq ix-xellug, fuq wara nett, hija l-mibkija Stephanie Buhagiar, dak iż-żmien, Barbara li tletin sena ilu ħarġet iddoqq il-klarinett. Bandisti oħra li ħarġu jdoqqu ma' Josef u Stephanie huma, dejjem mill-filliera ta' wara: Michelle Coleiro, Pamela Saliba u Rosanne Mercieca, ilkoll fuq il-klarinett. Fil-filliera tan-nofs, maġenb Josef hemm Lisa Galea u Josette Gatt, ilkoll fuq il-klarinett. Fil-filliera ta' quddiem hemm it-tliet Surmastrijiet li kienu jmexxu l-iskola tal-mużika tletin sena ilu: Felicienne Paris, Michael Bugelli u Charles Wallace Suda.

CROYDON BUTCHER
(M. VELLA)

1, St. Edward Street,
B'Bugia
Tel: 2165 871378

Fresh & Frozen Meats

IVCS
LIFTS
7960 2353
ivcslifts@gmail.com

Inkomplu Niltaqgħu mal-Allievi tas-Soċjetà Matthew Ellul

Jiena Matthew Ellul u għandi ħmistax-il sena. Ili nistudja ma' Maestro Christopher Bonnici għal dawn l-aħħar erba' snin u nipprattika l-kurunetta. Jien għandi karattru mistħi ħafna, però nħoss illi minn meta bdejt nitgħallem, sal-lum naqqast il-mistħija li kelli.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa tatni l-opportunità li kull alliev ikun qiegħed jistenna. Ħadt sehem fil-kunċert tal-Milied illi ttella' fis-sala tal-każin u fil-purċissjoni bil-Bambin. Kienu żewġ okkażjonijiet li żgur m'iniex ser ninsa f'ħajti, anke meta fil-futur inkun daqqejt bosta drabi. Okkażjoni oħra għal qalbi hija meta f'Ġunju li għadda ttella' għall-ewwel darba kunċert apposta għall-allievi u erġajt daqqejt quddiem sala mimlija bin-nies.

Permezz ta' din il-kitba nixtieq inħeġġeġ iktar tfal u żgħażagħ biex jingħaqdu mal-banda, għaliex żgur li ser ikollhom esperjenza indimentikabbli. Hawn tagħlim professjonali u tingħata attenzjoni sħiħa lil kull student u studenta, apparti l-ambjent komdu li nitgħallmu fih: klassi mdaqqsa u bis-sistema ta' arja kkundizzjonata wkoll, allura ma nħossux sħana fis-sajf.

Fl-aħħar nett, nirringrazzja lil Maestro Christopher Bonnici li dejjem emmen fija u għamilli l-kuraġġ, kif ukoll lis-Soċjetà, li għalkemm m'iniex minn Birżebbuġa, laqgħetni fi ħdanha.

Nawguralkom il-festa t-tajba! Lest biex ingawdiha magħkom!

Matthew Ellul wara l-kunċertin tal-allievi, il-Ġimgħa 14 ta' Ġunju 2024

Matthew jdoqq solista fil-kunċertin tal-allievi

Maria Munro

Il-Banda Birżebbuġa kompliet tistagħna b'Maria Munro, bandista tal-post li għażlet illi tingħaqad magħna bħala Bandista tal-Post.

Maria hija xempju ta' kuraġġ u fis-skiet u t-tbissima tagħha tgħallimna kemm għandna nagħmlu kuraġġ u ma nħallu xejn jaqtagħlna qalbna milli nagħtu sehemna fil-komunità.

Il-Banda Birżebbuġa tifraħ lil Maria u tirringrazzjaha li għoġobha tingħaqad magħna filwaqt illi tawguralha karriera twila fi ħdanha.

Maria ddoqq it-tambur mal-Banda Birżebbuġa fil-festa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur

Bħal kull sena t-team ta' Paramatta Alfred jixtieq jawgura festa mill-isbaħ lil Birżebbuġin kollha.
Viva San Pietru!

SUPERSTAR BUTCHER

Fresh & Frozen Meat

Triq is-Sajjieda, Birżebbuġa
Tel: 21653082 Mob: 99550848
FREE DELIVERY

Call Marco Bugeja
320X, Luqa Industrial Estate, Luqa
Tel: 2166 1149 • Fax: 2166 2321 • Mob: 9947 2196
Email: automax@maltanet.net • Website: www.automaxmalta.com

For a professionally executed job in
Panel Beating • Spray Painting & Baking
Spot welding
Insurance approved • Chassis Alignment
www.automaxmalta.com

MuST LINK
Importers • Wholesalers • Distributors

Importers • Wholesalers • Distributors
... the **link** between **music** and **musician**

262, Fleur De Lys, Birkirkara, Malta
Tel: 2148 2796 • Fax: 2131 5022 • E-mail: info@nvgent.com

Timpani, Drum kits, Percussion, Sticks, Cymbals, Drum Heads, Acoustic, Classical & Electric Guitars, Bass Guitars, Violins, Violas, Cellos, Strings, Euphoniums, Alto Horns, Trumpets, Saxophones, Clarinets, Flutes, Reeds, Amplifiers, Pro. Sound Systems, Mixers, Digital Pianos, Music Books, Cables & Acc., and much more...

We also hire professional sound systems & musical instruments

IMPORTERS • WHOLESALERS • DISTRIBUTORS of

Fernandes · Roland · Sonor · Line 6 · Boss · PreSonus · Fame · Camco · Powerport · K&K Sound · Drum Craft · Carvin U.S.A. · Hohner · Ibanez · WNG · Selmer · Leblanc · Bach · Ludwig Musser · Aquarian · Evans · Bosphorus · Meinl · Regal Tip · Yanagisawa Saxophones · Superial · Antoine Courtois Paris · Besson · Crystal · bespeco

Products and companies referred to herein are trademarks or registered trademarks of their respective companies or mark holders.

www.nvgent.com

Banda Qawwija u Popolari...
Is-Servizzi tal-Banda Birżebbuġa
2023-2024

Id-Data	L-Okkażjoni	Il-Post
12 ta' Awwissu 2023	Santa Marija	Il-Qrendi
27 ta' Awwissu 2023	Konverżjoni ta' San Pawl	Ħal Safi
7 ta' Settembru	Marija Bambina	L-Isla
	(pospost minħabba l-elementi naturali)	
2 ta' Diċembru 2023	Milied fil-Pjazza	Birżebbuġa
21 ta' Diċembru 2023	Christmas Home Concert	Birżebbuġa
24 ta' Diċembru 2023	Dimostrazzjoni Ġesù Bambin	Birżebbuġa
5 ta' Jannar 2024	Għanjiet tal-Milied	Sptar Karen Grech
27 ta' Jannar 2024	Il-Pussess tal-Kappillan	Birżebbuġa
10 ta' Frar 2024	Il-Karnival	Birżebbuġa
13 ta' Frar 2024	Funeral – Joe Gatt	Birżebbuġa
21 ta' Marzu 2024	Programm Funebri	Birżebbuġa
31 ta' Marzu 2024	Kristu Rxoxt	Birżebbuġa
14 ta' April 2024	San Publju	Il-Furjana
21 ta' April 2024	Il-Programm Annwali	Birżebbuġa
30 ta' Mejju 2024	San Ġużepp	Ħal Għaxaq
23 ta' Ġunju 2024	Santa Katarina V.M.	Iż-Żejtun
29 ta' Ġunju 2024	San Pietru u San Pawl	In-Nadur, Għawdex
21 ta' Lulju 2024	San Ġużepp	Il-Kalkara
28 ta' Lulju 2024	San Pietru tat-Tfal	Birżebbuġa
29 ta' Lulju 2024	Ħruġ min-Niċċa	Birżebbuġa
1 ta' Awwissu 2024	San Pietru Appostlu	Birżebbuġa
2 ta' Awwissu 2024	Id-Dimostrazzjoni bl-Istatwa	Birżebbuġa
3 ta' Awwissu 2024	Marċ u Programm	Birżebbuġa
4 ta' Awwissu 2024	Marċ ta' Filgħodu	Birżebbuġa
4 ta' Awwissu 2024	Marċ tan-Nar u r-Reffiegħa	Birżebbuġa

Il-Banda Birżebbuġa

Is-Surmast Direttur
Mro Michael Bugelli A.T.C.L.

L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, Strumenti tar-Ramm u l-Perkussjoni
Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM

L-Għalliem tal-Allievi fl-Istrumenti tal-Qasba
Mro Ludwig N. Desira

Il-Bandisti tas-Soċjetà (skont kemm ilhom idoqqu)

Isem u Kunjom	Strument
Alexander Caruana	Perkussjoni
Kevin Barun	Kurunetta
Josef Schembri	Kurunetta
Andy Mifsud Camilleri	Klarinett
Kristian Cassar	Trumbun
Claudia Grech	Klarinett
Etienne Zahra	Kurunetta
Daniela Barbara	Klarinett
Matthew Caruana	Klarinett
Jonathan Ellul Bonnici	Perkussjoni

Isem u Kunjom	Strument
Rebecca Abdilla	Kwartin/Klarinett
Michaela Maria Chircop	Klarinett
Raffaella Baldacchino	Perkussjoni
Matthias Agius	Kurunetta
Peter Paul Caruana	Perkussjoni/Kurunetta
Andrea Borg	Kurunetta
Matthew Polidano	Flawt/Euphonium/ Sax Tenur
Maria Munro	Tanbur

L-Allievi tal-Banda Birżebbuġa

Isem u Kunjom	Teorija	Strument
Luca Grech	Grad Preliminarju	Eżerċizzji Bażiċi
Cristina Abela	Grad Preliminarju	Eżerċizzji Bażiċi
Leah Mae Borg Vassallo	Grad Preliminarju	Eżerċizzji Bażiċi
Francesca Borg Vassallo	Grad Preliminarju	Eżerċizzji Bażiċi
Luca Mizzi Paris	Grad Preliminarju	Eżerċizzji Bażiċi
Matthew Ellul	Grad 1	Kurunetta Grad 1
Patrice Elaine Zahra	Grad 1	Kurunetta Grad Preliminarju
Scott Spooner	Grad 1	Tuba Grad 1
Elise Spooner	Grad 1	Trumbun Grad 1
Marvin Cassar	Grad 1	Se jibda s-Sassofonu Alto
Samuel Calleja	Grad 1	Se jibda l-Althorn
Klein Debono	Grad 1	Beda l-Perkussjoni
John Taylor	Grad 1	Se jibda t-Tuba
Faith Taylor	Grad 1	Se tibda ċ-Ċimblu
Zach D'Souza	Grad 2	Euphonium Grad 1
Amy Vella	Grad 2	Flawt Grad 1
Thea Cuschieri	Grad 2	Klarinett Grad 1
Emma Cuschieri	Grad 2	Klarinett Grad 1
Nina Marie Cutajar	Grad 2	Perkussjoni Grad 1
Kristian Cassar	Grad 4	Trumbun Grad 3
Andrea Borg	Grad 5	Kurunetta Grad 3
Reyhan Vella	Grad 5	Flawt Grad 1
Liam Braden Desira	Grad 6	Kurunetta Grad 1

Innijiet u Marċi Brijużi li se jindaqqu mill-Banda Birżebbuġa fil-jiem tal-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu 2024

Innijiet

Isem l-Innu	Il-Kompożitur
Innu Popolari lil San Pietru Appostlu	Carmelo Pace
Innu Marċ 'Raġħaj tal-Knisja	Alexander Caruana (President);
arr. Simon Farrugia	
Innu Marċ 'Int il-Patrun Tagħna'	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Innu taż-Żgħażagħ 'Lill-Ġawhra tal-Iljuni'	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Innu tan-Nar	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Marcia Pontificia	Charles Gounod
Inħobbuk Bħalma Niesna Ħabbewk	Ray Sciberas (Surmast Onorarju)
Sliem Għalik Għażiż San Pietru	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Innu Marċ 'Lill-Prinċep tal-Appostli'	Francesco Barbara (Bandist tal-Post)
Pietru, Ħarisna f'Kull Żmien	Christopher Bonnici (Assistent Surmast)
Innu tal-Banda Birżebbuġa	Michael Bugelli (Surmast Direttur)

Marċi Brijużi (2023)

Isem il-Marċ	Il-Kompożitur
22 Sena Surmast	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Petra ta' Pietru	Christopher Bonnici (Assistent Surmast)
Simpatica	Gennaro Sibilano (Surmast Onorarju)
Patrice Elaine	Alexander Caruana (President)
Tal-Fukli u l-Kanun	Francesco Barbara (Bandist tal-Post)
Maximus	Matthew Polidano (Bandist tal-Post)
Il-One	Peter Paul Caruana (Bandist tal-Post)
Louis	Simon Farrugia
25 Sena Surmast	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Charlotte	Alexander Caruana (President)
Bethsaida	Peter Paul Caruana (Bandist tal-Post)
Carousel	Matthew Polidano (Bandist tal-Post)
Julian u Corinne	Gordon-Antoine
Nanna Marì	Francesco Barbara (Bandist tal-Post)
L'Estate Brillante	Matthew Polidano (Bandist tal-Post)
La Giocosa	Matthew Polidano (Bandist tal-Post)
Alexander Caruana 10 Snin President	Robert Magro

B'Talba Ġenerali

Isem il-Marċ	Il-Kompożitur
La Senora Rita	Anthony Aquilina
Emperor	Archibald Mizzi
Santiago di Cuba	Joseph Abela Scolaro
Il-Bandalora l-Ġdida	John David Zammit
7 ta' Mejju (Perper Bandiera)	Andrew Coleiro
John Grech 1947	Andrew Coleiro
Lill-Ħaddiema tal-Każin il-Ġdid	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Mill-Bubi għall-Iljuni (Juvecentus)	Ray Sciberras (Surmast Onorarju)
Ruma 2010	Renè Barbara
Karmar	Andrew Coleiro
Daniela	Joseph Barbara
Benjamin	Emmanuel Bugeja
Il-Bozen	Anthony Aquilina
Luke l-Iljun	Andrew Coleiro
Victory	Vincenzo Ciappara
Ħmistax-il Sena Propjetà Tagħna	Alan Schembri
Chris u Katie	Twanny Borg
St Peter's Philarmonic 25th Anniversary	Alexander Caruana (President) arr. Simon Farrugia
Balfrendozan	Anthony Aquilina
Appassionata	Joseph Abela Scolaro
Ir-Raba' Propjetà	Andrew Coleiro
Et-Jor-Mar	David Agius
Granada	Anthony Aquilina
Ħamsin Sena f'Qalbna	Emmanuel Bugeja
Ontario	Ray Sciberras (Surmat Onorarju)
Sunny-Victor-Peter-Is-Sigarr	Michael Bugelli (Surmast Direttur)
Bernardette	Ronald Pisani
The King	Archibald Mizzi
Santos	David Agius
Queen of Queens	Andrew Coleiro
Tal-Bobo	Mario Testa
Aħna tal-Iljun (Magnus)	Andrew Coleiro
Fiesta	Anthony Aquilina
Coronation	Joseph Azzopardi
Birżebbuġa Regatta Champions March 2015	Ray Sciberras (Surmast Onorarju)
Munchengladbach '94	David Caruana
Vinceremos	Archibald Mizzi
Trisa (Triple Knockout)	Ray Fenech
Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar (900 Sena Parroċċa)	Emmanuel Bugeja
Ta' Farell	Jesmond Azzopardi
Forza di Leone (Jesnick)	Neville Pace
Frances (Bonnici Brothers – Letter A)	Joseph Sammut
Inexcussus (Niagra Falls)	Andrew Coleiro

Messaġġ tal-Festi 2024 mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Dr Noel Camilleri
Il-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Is-sena 2023 għandha tibqa' mnaqqxa fl-istorja ta' pajjiżna u ta' dawk l-eluf ta' volontiera li jaħdmu favur il-komunijtajiet tagħhom fl-organizzazzjoni tal-festa tal-patrun. Għaliex kien proprju f'Diċembru 2023 fil-Botwsana, meta l-UNESCO ddikjarat il-Festa Maltija bħala Wirt Dinji Intanġibbli. Fl-istess sezzjoni kien hemm oħrajn illi ngħataw dan l-unur, fosthom il-Mużika Lirika Taljana li kulħadd jaf kemm hija magħrufa mad-dinja kollha. Dan waħdu għandu jgħinna nifhmu aktar l-importanza u l-prestiġju ta' dan l-unur illi għandu jixprunana aktar ħalli nkomplu naħdmu favur dan il-patrimonju ta' pajjiżna. Kien ta' sodisfazzjon kbir immens għall-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li l-ħidma li wettqet fuq medda ta' snin bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Kultura, tal-Kurja, tal-Għaqda Maltija tal-Piroteknika u stakeholders oħra ssarraf f'dan l-Unur.

L-importanza tiżdied għaliex filwaqt illi sa Diċembru 2023 il-Festa Maltija kienet ikkonsidrata bħala wirt nazzjonali intanġibbli, issa l-Festa Maltija ngħatat rikonoxximent mondjali. Dan l-unur għandu jagħmel kburin mhux biss lil dawk kollha involuti fil-festi, imma anke lill-poplu Malti u Għawdxi kollu, illi parti minn dak li jagħmilna poplu issa għandu rikonoxximent dinji. L-unur tal-UNESCO lill-Festa Maltija għandu wkoll ikollu ramifikazzjoni pożittiva, kemm għall-qasam turistiku ta' kwalità imma anke għal dak kulturali, għaliex dan l-unur huwa xhieda wkoll tal-importanza tal-kultura popolari.

Għalhekk din is-sena 2024 hija l-ewwel sena li l-Festa Maltija ser tiġi ċċelebrata bl-unur ta' Wirt Intanġibbli Dinji tal-UNESCO u għandna dejjem inżommu fiċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa Maltija dawk l-elementi li jikkostitwixxuha. Il-Festa Maltija li tibda bil-liturġija reliġjuża, tkompli b'dawk esterni tal-marċi mill-baned tas-soċjetajiet tal-banda tagħna, il-piroteknika u l-armar tradizzjonali li jżejjen il-pjazez u t-toroq tagħna. Imma fuq kollox għandna naħdmu ħalli s-sens ta' komunità jkompli jissaħħaħ. Dan ir-rikonoxximent dinji jfisser aktar ħidma sabiex nagħrfu u nħarsu dawn l-elementi li verament isawru l-Festa Maltija, ghaliex l-UNESCO għandha d-dritt li kull perjodu ta' snin titlob rapport u tagħmel il-verifiki b'mod indipendenti sabiex tara li l-elementi li fuqhom il-Festa Maltija ġiet mogħtija dan ir-rikonoxximent dinji ferm prestiġjuż, jibqgħu ħajjin u b'saħħithom.

Biex dan isir hemm ħtieġa li jkun hemm diskussjoni serja u konkreta sabiex dawk l-attivitajiet li ma jagħmlux ġieħ lill-Festa Maltija u oħrajn esterni li għad-dirittura qegħdin joħonqu l-elementi vera li jsawru l-festa, ikun hemm regolamentazzjoni stretta dwarhom għaliex mhux ġust li eluf ta' volontiera li jaħdmu qatigħ is-sena kollha jaraw l-impenn tagħhom jintilef propju għaliex hemm min japprofitta ruħu u jorganizza attivitajiet u juża mezzi li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-Festa Maltija. Irridu nuru li dak li huwa patrimonju Malti u li issa anke patrimonju dinji jiġi protett u msaħħah bil-fatti.

Għalhekk ejja lkoll flimkien naħdmu ħalli l-festi tagħna jibqgħu jingħataw libsa xierqa, kemm lill-aspett reliġjuż li huwa s-sisien ta' kull festa, imma wkoll il-qima u ċ-ċelebrazzjoni popolari u komunitarja li tagħmilna Għawdxin u Maltin. Ma għandniex inħallu li s-sinifikat sabiħ tal-festi Maltin u Għawdxin kważi jintilef minħabba interessi u elementi oħra li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-festa tagħna. Dan nistgħu nagħmluh billi nkunu aħna stess illi nixprunaw is-sabiħ u nbiegħdu mill-festi tagħna dak kollu li ma jagħmilx ġieħ lilna bħala poplu. Irridu jkollna l-kuraġġ u d-determinazzjoni sabiex aħna bħala poplu matur u responsabbli u b'veru sens ta' appartenenza naraw li l-festi tagħna jibqgħu okkażjoni ta' qima reliġjuża u komunitarja nadifa u inklussiva.

F'ismi u f'isem l-Eżekuttiv tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda nawgura festa sabiħa u xierqa.

Is-Sit Elettroniku tal-UNESCO juri l-Festa Maltija bħala Wirt Intanġibbli

Deskrizzjoni tal-Festa Maltija skont il-UNESCO

Siti elettroniċi barranin iħabbru l-kisba tal-Festa Maltija bħala Wirt Intanġibbli tal-UNESCO (www.msn.com)

MG
CREATIVE
FACTORY

MG Signs

Plot 90- 91 X ,
Luqa Industrial Estate,
Luqa LQA 3000

T: 21696787
E: sales@mgmalta.com

SCREEN
PROFESSIONAL HAIR CARE
SALON
by ALEXIA
TRIQ IL QAQLIET
MARSASCALA
TEL :2720 0204

screenahaircare.com

Ambaxxaturi Birżebbuġin – għal Sena Oħra

Jason Vella

Apprezzajna ferm l-istedina tal-Editur u l-Bord Editorjali sabiex niktbu fuq din il-pubblikazzjoni annwali dwar is-sehem tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar fuq il-Fosos tal-Furjana fil-festa ta' San Publju.

Issa ilna għal diversi snin nipparteċipaw f'dan il-festival illi fih jiltaqgħu diversi għaqdiet tan-nar differenti ta' pajjiżna u joffru spettaklu ta' nar tal-art mill-isbaħ. L-element kompetittiv ma jonqosx, u dejjem ġibna riżultati u kummenti pożittivi. Fis-sena 2017 irbaħna wkoll il-premju tal-Aqwa Prodott.

Madankollu, l-akbar unur illi ġabet l-Għaqda 22 ta' Frar lejn Birżebbuġa kien fil-festival tas-sena 2023 meta kif anke aċċennat is-sena l-oħra, sirna Champions overall.

Wara din ir-rebħa, il-Kunsill Lokali tal-Furjana u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kkummssjonaw lill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar, sabiex kif saret it-tradizzjoni, l-għaqda rebbieħa tas-sena preċedenti tkun tista' tagħlaq l-ispettaklu fil-festa tas-sena ta' wara. Għalhekk, nhar is-Sibt 13 ta' April 2024, l-Għaqda 22 ta' Frar ippreżentat it-tapit ta' għeluq il-wirja piroteknika tal-art, Lejlet il-Festa ta' San Publju, Isqof u Martri.

It-tapit intrama fuq disa' arbli u kien akkumpanjat minn ġeneri differenti ta' mużika bħal 'Il-Festa' ta' Mary Rose Mallia u 'The Best' ta' Tina Turner.

L-ispettaklu beda b'movimenti bil-mod bil-gassijiet bojod u ħomor imbagħad qaleb fuq il-kuluri ħodor u sofor. Fit-tapit tan-nofs kien hemm ukoll is-salib tradizzjonali tal-Kavallieri, bħala s-salib ta' Malta sabiex juri r-rabta ma' pajjiżna.

Fuq wara kien hemm diversi roti bil-gass imbagħad qalbu bil-funtana bil-kulur u jiffurmaw simboli f'forma ta' 'X' illi wrew il-prodotti sbieħ illi nafu noffru aħna tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

L-ispettaklu ntemm bil-kaxxi tal-kulur u bosta stoppini li wasslu għal għeluq mill-isbaħ tal-festival tradizzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art fil-Furjana.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk illi b'xi mod jew ieħor għenu sabiex tellajna din il-biċċa xogħol mill-isbaħ, kemm fil-ħidma kif ukoll fil-ġarr, fl-armar u ż-żarmar. Grazzi tal-għajnuna tagħhom lill-Kamra tan-Nar Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja li nawgurawlhom għas-suċċess miksub billi kienu huma li rebħu l-festival ta' din is-sena 2024.

Il-festa t-tajba lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa!

Viva San Pietru!

It-Tifkira tal-2017

L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar mal-partitarji quddiem l-istatwa ta' San Pietru, bit-trofej mirbuħa fl-2023

Rebbiħin



It-Tapit waqt il-ħruq

Inizjattiva Ġdida
Lion Cub Kids Club

Kien ilu jberren f'moħħ bosta partitarji tas-Soċjetà li jerġa' jingħata ħajja l-Kids Club fi ħdan is-Soċjetà. Għall-grazzja ta' Alla ninsabu f'Soċjetà li ninsabu mżejnin b'bosta tfal, uħud żgħar, uħud ta' età ikbar.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni, bħalissa jinsabu grupp imdaqqas u ħassew illi jistgħu jibdew jattwaw din il-ħolma, ħolma żgħira li saret realtà b'mod kbir. Naturalment, il-proġett huwa kordinat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni imma għandhom l-appoġġ tal-Kumitat Ċentrali u s-Sezzjonijiet kollha.

L-għan ta' Lion Cub Kids Club huwa li nrawmu lit-tfal iħobbu l-festa, il-każin u dak kollu relatat magħhom. Ħafna mill-membri tas-Sezzjoni huma wlied il-membri tal-każin, u għalhekk l-għan tal-Lion Cub Kids Club huwa li jgħaddi l-valuri li ttieħdu mis-Sezzjoni lit-tfal l-oħra sabiex huma wkoll ikunu kburin bl-identità tas-Soċjetà li huma parti minnha.

Il-konkorrenza kienet pożittiva ferm. Waqt is-sessjonijiet, it-tfal ġew esposti għal bosta suġġetti artistiċi bħall-mużika, u hawn użajna s-sehem ta' wħud li jaħdmu fil-qasam mużikali mat-tfal, tpinġija, żfin u crafts. Bosta ideat ta' sessjonijiet joħorġu bihom il-membri tas-Sezzjoni u għalhekk dan qed iservihom ukoll bħala prattika għall-karrieri li hemm jistennewhom.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni jinsabu tassew grati għax ma stennewx rispons daqstant pożittiv. Hekk kif ingħalaq l-ewwel grupp ta' erba' sessjonijiet, l-organizzaturi ddeċidew illi jissoktaw bil-proġett u għalhekk beda grupp ta' erba' sessjonijiet oħra. It-tfal ħadu gost, tgħallmu, qabżu, għajtu, u dan kollu huwa ta' sodisfazzjon kbir għas-Soċjetà. Dan il-grupp ta' erba' sessjonijiet qed jiffoka iktar fuq il-preparazzjonijiet għall-festa, peress illi l-ħidma li għaddejja bħalissa qed issir viċin il-jiem tant sbieħ tal-festa tagħna.

Nistiednu lit-tfal kollha, kemm dawk illi jattendu l-Lion Club Kids Club kif ukoll it-tfal kollha ta' Birżebbuġa, sabiex nhar is-Sibt 28 ta' Lulju filgħaxija jattendu għall-festa tat-tfal illi se tittellgħa għall-ewwel darba mis-Soċjetà.

Waqt waħda mis-sessjonijiet

It-tfal jieħdu pjaċir u jibnu ħbiberija flimkien

Proġett serju jsir billi jsiru diskussjonijiet u pjanijiet fit-tul

4. Daqsxejn tpinġija...

Ma jonqosx illi ninkludu l-iljun - is-simbolu tagħna!

Togħma tajba ma tonqosx...

Kartolina għal Jum l-Omm

SILVIO DALLI (TA' MUNDU)
Gas Distributor

FREE DELIVERY **Mob. 9946 2126**

Ilkoll Flimkien fid-Dgħajsa Ta' Pietru
Is-Sinodu fuq is-Sinodalità (2021-2024)

Fr Charles Buttigieg

Riħ Providenzjali għad-Dgħajsa ta' Pietru

Il-Knisja ta' Alla ffigurata fil-Bibbja permezz tad-dgħajsa tal-Appostlu San Pietru, ġiet imsejħa għal Sinodu speċjali fuq is-Sinodalità. Dan is-sinodu (bil-Grieg: 'synodos', bil-Latin: 'synodus') huwa differenti minn dak li saru qablu, għaliex huwa sinodu li qiegħed jinvolvi lil kulħadd, litteralment mill-kbir saż-żgħir fil-Knisja, sabiex kulħadd isemma' leħnu u b'hekk kull nisrani jħossu tassew parti importanti mill-Knisja, kif qegħdin naraw tajjeb fl-erba' fażijiet li kellu dan is-sinodu: dak Djoċesan, dak tal-Konferenza Episkopali, dak Kontinentali u fl-aħħar dak Universali. U proprju għalhekk din il-mixja sinodali għandha bħala titlu: "Lejn Knisja Sinodali: Komunjoni, Parteċipazzjoni u Missjoni", li beda solennement fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2021 f'Ruma, u jagħlaq din is-sena. B'din is-sejħa, il-Papa Franġisku qed jistieden lill-Knisja kollha biex tirrifletti fuq tema deċiżiva għall-ħajja u l-missjoni tagħha: "Il-mixja tas-sinodalità hi sewwa sew il-mixja li Alla jistenna mill-Knisja tat-Tielet Millennju" u fuq kollox: "good theologians, like good shepherds, smell of the people and the street and with their reflection, pour oil and wine on the wounds of men" (ATP, 3).

Din il-mixja, fuq il-linja tal-"aġġornament" tal-Knisja proposta mill-Konċilju Vatikan II, hija don u missjoni fl-istess ħin. Għaliex meta timxi flimkien, u flimkien tirrifletti fuq il-mixja li tkun għamlet, il-Knisja tista' titgħallem u tesperimenta proċessi u toroq li jistgħu jgħinuha tgħix il-komunjoni, twettaq il-parteċipazzjoni, u tiftaħ għall-missjoni. Fil-fatt, il-"mixja flimkien" tagħna hi dak li jwettaq u juri x'inhi n-natura tal-Knisja bħala Poplu ta' Alla pellegrin u missjunarju. Dan huwa l-ispirtu ġdid li qed jonfoħ l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja sabiex kulħadd fil-knisja ikun jista' jagħti l-kontribut tiegħu u għalhekk għall-koperazzjoni iktar sħiħa. Il-proċess għas-sinodalità jgħin lill-Knisja nfisha tiskopri iktar il-verità u l-missjoni li għalihom sejħilha Kristu li hu "t-Triq, il-Verita' u l-Ħajja" (Ġwanni 14:6). "Nagħmlu sinodu jfisser li nimxu flimkien fl-istess triq tal-Verb magħmul bniedem: ifisser nimxu fuq il-passi tiegħu, nisimgħu l-Kelma tiegħu flimkien mal-kliem tal-oħrajn." (Omelija tal-Papa Franġisku fil-quddiesa tal-Ftuħ tas-Sinodu nhar l-10 ta' Ottubru 2021).

Il-kelma Griega għall-Knisja – ekklesia - proprju hekk tfisser: 'poplu msejjaħ' (mill-verb Grieg 'kaleo' li jfisser 'issejjaħ'). Il-Knisja hija tassew id-dar miftuħa tal-Missier fejn hemm post għal kulħadd (ara 'Evangelii Gaudium', numru 47). Il-Knisja hija fuq kollox il-poplu ta' Alla magħżul u msejjaħ kif jgħidilna l-Appostlu San Pietru: "Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru l-glorja ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb" (1 Pietru 2:9). Għalhekk f'din il-mixja ta' sinodalità naraw il-Knisja li tgħallem (ecclesia docens) u l-Knisja li titgħallem (ecclesia discens). Il-Kardinal Mario Grech f'intervista fl-Irlanda li ġiet ippubblikata f'Intercom ta' Frar 2023, dwar dan is-sinodu f'paġni 6-8 jgħidilna: "A Synodal Church is a Church when all the baptised feel engaged. Synodality is not an added element to the Church, it is the Church. There were already tensions

Il-Papa Franġisku fil-bidu tas-Sinodu

Bosta Diskussjonijiet fi Djoċesijiet differenti sabiex l-Insara kollha jingħataw l-opportunità jgħidu tagħhom

Il-Kardinal Għawdxi Mario Grech

within the people of God and this is something positive because a tent cannot stand if the ropes are not tense."

Ilkoll Differenti fid-Dgħajsa ta' Pietru

Dan kien l-Ispirtu tal-Għid il-Ħamsin fejn popli li jitkellmu b'ilsna differenti bdew jifhmu lil xulxin bil-lingwa tal-Ispirtu s-Santu, li hija l-imħabba u l-ħniena. W. Kasper jgħid hekk: "L'attivita' dello Spirito all'interno della Chiesa non consiste nell'offrirsi come tranquillizzante ideologico del suo status quo, ma nel rendere continuamente presente sia il Gesù della Tradizione sia il Gesù della novità". U għalhekk inħallu lill-Ispirtu s-Santu jonfoħ hu fuqna u mhux niddettawlu xi rridu aħna, li ħafna drabi l-interessi tagħna huma bħal dawk tat-torri ta' Babel. Nitolbu biex il-Knisja permezz ta' dan il-mument partikulari tas-sinodu mmexxija mill-Papa Franġisku, is-suċċessur ta' San Pietru, bl-għajnuna partikulari f'dan is-sinodu tal-Kardinal tagħna Mario Grech, Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, tkun miftuħa għall-Ispirtu s-Santu, li bħar-riħ, "fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer" (Ġwanni 3:8), u nibqgħu miftuħa għas-sorpriżi li żgur mhux forsi se jaħsbilna għalihom matul din il-mixja. Huwa mument fl-istorja tal-Knisja fejn għandna nagħrfu u napprezzaw iktar l-għana u l-firxa wiesgħa tad-doni u tal-kariżmi li l-Ispirtu jsawwab fuqna, għall-ġid tal-komunità u tal-familja kollha tal-bnedmin. Permezz ta' dan is-sinodu l-Knisja ser tagħti ħajja ġdida lir-relazzjonijiet bejn il-membri tal-komunitajiet insara kif ukoll bejn il-komunitajiet u l-gruppi soċjali l-oħra, komunitajiet ta' twemmin minn konfessjonijiet u reliġjonijiet oħra, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u movimenti popolari għall-komunjoni (koinonia) u fehma waħda (homothumadon). Nitolbu għall-Knisja sabiex taddotta s-smigħ u d-djalogu bħala stil ta' ħajja f'kull livell u li tħalli lilha nfisha tiġi ggwidata mill-Ispirtu s-Santu għall-periferiji tad-dinja. Is-Sinodu jrid iwassal lil kull imgħammed: "biex ikunu lkoll ħaġa waħda" (Ġwanni 17:21). Din hija għalhekk sejħa għall-parteċipazzjoni sħiħa fil-Knisja: "aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed (1 Korintin 12:13).

Ma' Xulxin fid-Dgħajsa ta' Pietru

It-tema tas-sinodalità fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja ilha tiġi diskussa fil-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali sa mill-2014. Ovvjament din iż-żerriegħa ilha li nżergħet fil-ħamrija tal-Knisja sa mill-Konċilju Vatikan II kif naraw pereżempju fil-Lumen Gentium u fid-dokumenti tal-Maġisteru li ġew wara. Ma ninsewx ukoll illi l-Knisja hija s-sagrament ('sacramentum ecclesiae') tal-għaqda ma' Alla u mal-poplu tiegħu. Is-sinodalità tal-Knisja u fil-Knisja għandha bla dubju ta' xejn għeruq bibliċi fejn naraw lil Alla jimxi mal-bniedem fil-ħolqien, fil-ġrajja tal-Eżodu, fl-istorja tal-Poplu ta' Alla u nhar Pentekoste. Naraw lil Kristu wkoll jimxi lejn Ġerusalemm mal-Appostli u maż-żewġ dixxipli ta' Emmaws. Fil-fatt il-kelma 'sinodu' hekk tfisser mill-Grieg: mill-prepożizzjoni 'syn' – 'with' u 'hodos' – 'road' jew 'path'. Skont il-Kardinal D.W. Wuerl, in-natura tal-Knisja hija s-sinodalità, illi tfisser "coming together – journeying together".

Importanti ħafna li nifhmu li din hija mixja tal-Knisja Universali flimkien, irridu nimxu flimkien bħala poplu ta' Alla u mhux ta' xi knisja lokali f'pajjiż progressiv jew liberali. Għalhekk il-knejjes kollha tad-dinja għandhom jimxu flimkien, għaliex din mhix xi tellieqa. Jekk ser inħarsu lejn dan is-sinodu bħala 'tellieqa' allura ser ikun hemm min rebaħ u min tilef u mhux nifirħu flimkien. Nagħlaq u nikkonkludi hawnhekk, li huwa dak li jimxi bil-mod jasal kmieni, għaliex inkella min se jaħrab jista' jitlef it-triq jew jaqbad triq żbaljata!

Biblijografija

Faggioli, M., "The Synod on Synodality (2021-2024) as an Institution. Historical-Theological Perspectives and Questions", in *Revista Teologia* 61 (2024) 77-96.

Fantappie', C., *Metamorfosi della sinodalita'. Dal Vaticano II a Papa Francesco*, Venezia 2023.

Lysaught, M.T., "Ad (Synodalem) Theologiam (Moralem) Promovendam", in *Journal of Moral Theology* 13 (2024) 1-14.

Rainbow

STATIONERY

14, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa • Tel: 27874677

For all your stationery requirements for School, Home, Office

Services:
- Digital Photo Copy Service
- Digital Canvas Printing
- Personalised Business Cards
- Computer Repairs & Formats
- Photo Digital Printing Up to A4 Size(Large Sizes on Request)
- Passport Photos
- One for all Gift Vouchers
- Scan Service
- Art Items
- Laundry & Cleaning Service
- Flowers for all Occasions
- All kinds of watch repair, batteries & straps
- Me to you
- Silver Plated frames
- Gifts for all occasions
- Original Ink Cartridges & Toners for all printers
- Haberdashery Items
- Perfumes, magazines, greeting cards, toys, games, books, educational games, puzzles, craft items and much more...

All type of school bags & backpacks

All your stationery requirements for SCHOOL - OFFICE - HOME

Rainbow Stationery Gift Vouchers Available

Find us on: facebook

Rainbow Stationery Birzebbuga

Email: xmark11@hotmail.com

Talenti Birżebbuġin
Ryan Grech

Christopher Bonnici

Wara l-presepista Anthony Buhagiar u l-Maestro di Cappella Josette Polidano, din is-sena sibt żagħżugħ minn Birżebbuġa, talent partikolari ħafna u għażilt illi nitkellem miegħu. Ta' kull sena nagħmilha premura li din l-intervista ma tkun marbuta bl-ebda mod mas-Soċjetà. L-għan ta' din l-intervista jkun illi niltaqgħu ma' personaġġ, minn Birżebbuġa u nitkellmu miegħu dwar it-talent tiegħu kif ukoll dwar ħajtu sabiex insiru nafuh aħjar. Tiskanta, meta tfittex, kemm hawn talenti f'Birżebbuġa!

Meta twelidt? Fejn twelidt? Magħmudija? Il-ġenituri?

Twelidt fis-sajf tal-1991, fl-isptar San Luqa. Tgħammidt fil-parroċċa ta' Birzebbuġa u l-ġenituri tiegħi huma Noel u Marthese Grech.

Għandkom xi laqam tal-familja?

Ma jidhirlix.

Kif kienet il-mixja edukattiva tiegħek?

Studjajt fil-Kulleġġ De La Salle f'Bormla sal-livell sekondarju. Wara li ksibt l-eżamijiet fil-Livell Ordinarju dħalt il-Junior College għas-sixth form, fejn iffukajt is-suġġetti tiegħi biex nikseb il-Livell Avvanzat fil-Pure Maths u l-Fiżika, sabiex inkun nista' nidħol l-Università ta' Malta u nistudja l-arkitettura. Bqajt għaddej sal-livell ta' Maġisteru, fejn speċjalizzajt aktar fil-qasam tal-arkitettura u r-restawr.

Kif bdiet fik il-ħajra mużikali? Għaliex minn tant arti, għażilt il-mużika?

Minn mindu kont żgħir, il-mużika kienet prominenti fid-dar u fit-trobbija tagħna. Missieri Noel huwa vjolinist u allura kbirna nisimgħu ħafna mużika klassika u rikka, u kont urejt ix-xewqa biex nitgħallem il-pjanu wara li kien ħadni nara kunċert mużikali fit-Teatru Manoel meta kelli ħames snin. Mill-banda l-oħra, ommi wkoll kienet dejjem attiva fil-qasam tal-arti, teatru, u għadha tkanta wkoll. B'hekk kont tħajjart li nibda nistudja l-kant u bis-saħħa tagħha bdejt nitħarreġ f'dan ukoll. Apparti minn hekk, kelli wkoll nanniet miż-żewg naħat li kienu jdoqqu u jkantaw, allura fit-trobbija tagħna l-mużika ma kienet nieqsa qatt.

Qatt ma tħajjart titgħallem xi strument apparti l-aktar strument naturali, il-vuċi?

Attwalment, kont bdejt nitgħallem il-pjanu ta' ħames snin, qabel ma bdejt nistudja l-kant ta' seba' snin. Is-sena l-oħra wkoll kelli l-opportunità li nibda nitgħallem il-kitarra minħabba parti li kont qiegħed ninterpreta f'waħda mill-musicals illi kont qiegħed nieħu sehem fiha.

Birżebbuġa għandna talent tajjeb biżżejjed fejn tidħol l-arti. Taqbel ma' dan l-istatement? Għaliex?

L-arti hija għal qalb ħafna nies tal-lokal, u naqbel li f'Birżebbuġa hawn ħafna talent. Dan insibuh minn komunitajiet volontarji li jorganizzaw attivitajiet u proġetti kreattivi għall-ġid tal-komunità, sa professjonisti rinomati fil-qasam tal-arti u teatru, kittieba u mużiċisti.

Kieku jkollok it-tmexxija f'idejk, x'tagħmel?

Mistoqsija vasta ħafna, iżda biex inżommu mat-tema, kieku nipprova nsib mod kif insaħħaħ it-tagħlim tal-mużika u l-arti, iżda aktar minn hekk, nippromwovi l-apprezzament lejn l-istess arti u l-kultura fis-sistema edukattiva, permezz ta' kurrikulum relatat fl-iskejjel. B'hekk jintlaħqu aktar tfal fejn forsi ma jkollhomx ix-xorti li jikbru f'familji li huma involuti f'dan il-qasam. Għaż-żgħażagħ u l-adulti nipprova nsaħħaħ l-opportunitajiet ta' fondi sabiex ikunu jistgħu jsaħħu l-istudji tagħhom anke barra minn xtutna, kif ukoll iservu ta' għajnuna biex jitwettqu avvenimenti u proġetti kreattivi mingħajr indħil.

Narawk f'bosta festivals. Dan iġib ħafna stress fuqek? X'tagħmel biex tirbħu?

F'ħajti kelli x-xorti li nieħu sehem f'avvenimenti varji, fi rwoli differenti, speċjalment f'festivals fejn kont kemm solist u anke xi kultant backing vocal. Inkun qed nigdeb

Ryan Grech waqt attivita` ta' Żmien l-Għid fil-parroċċa fl-eqqel tal-pandemija

Ryan flimkien ma' Brass House Unit

Ryan flimkien mat-tim rebbieħ tal-Għanja tal-Poplu 2021

jekk ngħid illi dawn l-affarijiet ma jġibux ċertu sens ta' stress fuqek, żgħira kemm tkun żgħira l-parti, però fl-aħħar mill-aħħar inżomm f'moħħi li nkun ħdimt ħafna biex inkun hemm, u allura nagħmel ħilti kollha sabiex inżomm iffukat u kkonċentrat. F'xogħol bħal dan li jkun qed isir dirett (live), ikollok responsabbiltà kbira biex toffri prodott tajjeb, allura jkun hemm numru kbir ta' provi u preparamenti fejn wieħed jilħaq jitgħallem sew kif ikun kalm u jagħti l-aħjar prestazzjoni li jista'. Wara kollox, tkun qed tesponi ruħek għal ħafna opinjonijiet u kritika pubblika, għalhekk tagħmel ħiltek u tipprepara sew biex dak kollu li jkun taħt il-kontroll tiegħek imur tajjeb u jintlaqa' u jingħoġob minn kulħadd.

X'passatempi oħra għandek?

F'dawn l-aħħar snin ta' ħajti sirt napprezza ħafna kull ftit ħin ta' kwiet li nsib qalb il-proġetti li jkolli, għalhekk sirt infittex passatempi li jagħtuni aktar sens ta' paċi u li nirrilassa bihom, bħal xi mixja fil-kampanja, xi għawma, xi safra, gardening, meditazzjoni, u anke ħafna drabi tisjir.

Għandkom xi pet?

Kellna qattus illi sfortunatament ħalliena s-sena l-oħra.

Tgħix mal-familja. Imma taħdem u mimli impenji. Kif jirnexxilek tlaħħaq max-xogħol u l-impenji kollha?

Minn mindu kont żgħir, il-ġenituri tiegħi għamlu ħilithom biex irawmu sens ta' time management f'kull ma nagħmlu. Illum il-ġurnata ma sirt nippjana xejn mingħajr il-kalendarju tal-mowbajl, biex inkun ċert illi għandi ħin għal kollox, iżda l-iktar ħaġa importanti hija li jkolli ċans għalija fejn inserraħ ftit moħħi.

Issibu ħin għal xulxin?

Ġeneralment inqattgħu il-jum tal-Ħadd flimkien bħala familja, din hija xi ħaġa li ngħożż ħafna... dment li ma jkollix xi rehearsal nhar ta' Ħadd.

Issibu ħin liberu?

Meta jkollna ċ-ċans, nippjanawh minn qabel sabiex żgur inkunu ċerti li nżommu l-ħin liberu.

Xi tħobbu tagħmlu fil-ħin liberu?

Fil-ħin liberu, bħala familja ġieli nsajru u nieklu flimkien, indoqqu, naraw xi *film* jew serje televiżiva, nattendu xi kunċert jew naraw dramm flimkien.

Xi tgħid lil min jixtieq jiskopri karriera bħal tiegħek?

Il-karriera professjonali tiegħi ta' perit hija waħda kkulurita ħafna. Kien hemm mumenti fejn kont ser naqta' qalbi, speċjalment waqt l-istudji tiegħi, iżda wasalt sakemm sibt ambjent u speċjalizzazzjoni għal qalbi ferm. Fil-ħajja xejn ma jiġi faċli, iżda meta tara l-frott ta' dak li tkun ħdimt ħafna għalih tkun tista' tapprezza l-valur ta' dak li tkun qiegħed twettaq. Permezz tal-linja tar-restawr li naħdem fiha l-aktar, nieħu sens ta' sodisfazzjon kbir meta naf li kont parti żgħira fil-ħajja ġdida ta' bini li seta' ġie mitluf jew minsi.

Xi tgħid lil min għandu ħajra mużikali?

Il-ħajra mużikali hija xi ħaġa maġika wisq, u meta wieħed iħoss din il-ġibda għandu jagħmel ħiltu sabiex

jesploraha. Jiena kelli x-xorti li nsib ħafna sapport mill-ġenituri tiegħi minn meta kont żgħir, sabiex naħdem fuq ix-xewqat li kelli, iżda mhux kulħadd huwa daqshekk iffortunat. Illum il-ġurnata hawn ħafna għajnuna, kemm permezz ta' klassijiet varji fil-livell ta' komunità li wieħed jista' jattendi, sa korsijiet aktar speċjalizzati.

Kif timmaġinak minn hawn u għaxar snin oħra?

Għaxar snin oħra nkun għalaqt l-erbgħin, u nittama li sa dak iż-żmien inkun għadni kuntent f'ħajti, li nkun għadni għaddej nagħmel dak kollu li nħobb u li jimlili qalbi b'serenità.

L-isbaħ esperjenza ta' ħajtek?

Kull esperjenza li kelli fuq palk tibqa' għal qalbi, iżda fost l-isbaħ esperjenzi għandi tnejn. L-ewwel waħda ta' meta l-ġenituri tiegħi ħaduna bħala familja naraw l-ewwel musical tagħna fil-*West End* f'Londra, fejn niftakar li ħassejt emozzjonijiet li qatt ma kont immaġinajt li jista' jagħtini spettaklu fuq il-palk, u hemmhekk tgħallimt kemm l-arti u l-palk huma verament b'saħħithom. L-esperjenza l-oħra hija bla dubju meta ggradwajt mill-Università ta' Malta, fejn rajt lill-ġenituri tiegħi b'ħarsa ta' kburija, għaliex huma kienu r-raġuni li rnexxieli nasal s'hemm, bis-saħħa tas-sapport kontinwu tagħhom.

Tista' telenka xi mumenti diffiċli?

Mument diffiċli ħafna kien meta kont qiegħed nieħu sehem fi musical oriġinali sentejn ilu f'Dar il-Mediterran, fl-istess żmien li n-nannu tiegħi kien qed imur ghall-agħar. Il-funeral tan-nannu kien fl-istess ġurnata tal-opening night, u dakinhar iddedikajtha għalih.

Tixtieq iżżid xi ħaġa?

Nixtieq nirringrazzjakom minn qalbi ta' din l-opportunità li nkun fil-pubblikazzjoni tagħkom, għalkemm inħossni li m'għamilt xejn speċjali biex dan ikun mistħoqq. Jekk imqar inkun missejt qalb xi ħadd bl-esperjenzi tiegħi, nittama li jekk jiddeċiedu jsegwu passi simili jkunu jafu li jekk wasalt jien jistgħu jaslu huma wkoll. Infakkar li l-umiltà hija prezzjuża u b'hekk importanti li jibqgħu dejjem saqajhom mal-art f'dak kollu li jkunu qed jaħdmu għalih.

Ryan waqt il-kanzunetta Ta' Ftit Kliem, kliem u mużika tiegħu stess

Cardiff Butcher
Fresh & Frozen Meat
Frozen Foods
1, Żurrieq Road, Birżebbuġa • Tel: 2765 2746 • Mob: 7932 7285
Free Deliveries

Ryan waqt Voices fis-sena 2016

Ryan waqt Voices fis-sena 2016

Strumming' Sweet 16

Waqt Sweeney Todd fit-Teatru Manoel

Waqt illi jkanta jidħol ħafna fl-emozzjoni tas-sitwazzjoni

Il-Lapida tal-Bronż

Il-Perit Michael Schembri

Qatt tajt kas x'inhi dik il-lapida jew plakka tal-bronż li hemm imwaħħla mal-faċċata tad-Dar tal-Kappillan?

Min jaf kemm-il darba għaddejna minn quddiemha u ma tajniex kasha! Jista' jkun ukoll illi qrajnieha xi darba jew tnejn. U għalkemm miktuba bil-Malti kif nafuh aħna, xorta waħda ma fhimna xejn.

Il-lapida tgħid hekk:

F'għeluq l-ewwel ġublew ta' ministeru parrokkjali tal-W(isq) R(everendu) Kappillan Anġ Fenech, l-Azzjoni Kattolika ta' Birżebbuġa, b'sinjal ta' ħajr, qima u mħabba tqiegħed 23 ta' Jannar, 1949.

Mela l-lapida tqiegħdet hemm 75 sena ilu, mill-Azzjoni Kattolika sabiex tfakkar il-25 sena ta' Dun Anġ bħala l-Kappillan ta' Birżebbuġa. Jiġifieri wkoll illi din is-sena, fl-istess ġranet li sar il-pussess tal-Kappillan preżenti, ħabat iċ-ċentinarju mill-pussess tat-tieni Kappillan tal-parroċċa.

Jekk wieħed ifittex ftit informazzjoni fil-kotba jew fl-artikli li nkitbu dwar l-istorja tal-parroċċa, liema artikli jinsabu wkoll fuq xi siti li hemm fl-internet, insibu li għal kważi tliet snin, jiġifieri bejn Marzu 1921 u Jannar 1924, il-parroċċa ma kellhiex kappillan u tmexxiet minn amministratur parrokkjali, li dak iż-żmien kien jissejjaħ vigarju jew viċendarju kurat. Dan ġara peress illi l-parroċċa ma kellhiex benefiċċji biżżejjed li bihom jitħallas il-kappillan, u għalhekk, meta spiċċa l-Bormliż Dun Karm Bugelli, l-ewwel kappillan, ma nstab ħadd minfloku li kien lest li jmexxi l-parroċċa bħala kappillan. L-amministratur bejn l-ewwel u t-tieni kappillan kien Dun Ġużepp Delia mis-Siġġiewi.

Jidher li Dun Anġ Fenech minn Ħal Lija, kien beda l-ħidma tiegħu fit-tieni nofs ta' Jannar 1924 u ħa l-pussess fit-3 ta' Frar 1924, meta kellu 41 sena. Dam 28 sena kappillan sal-1952, jiġifieri spiċċa minn kappillan u laħaq Monsinjur tal-Katidral fl-età ta' 70 sena. Bħalma nafu, nistgħu ngħidu li l-knisja nbniet kollha fi żmienu, sforz il-ħeġġa kbira tiegħu.

L-Istil tal-Kitba

Issa se ngħid xi ħaġa żgħira dwar l-istil tal-kitba nfisha ta' fuq din il-plakka. Minn dejjem impressjonatni din il-lapida għall-fatt li kitbuha bil-Malti u mhux bil-Latin. Iżda għalkemm miktuba bil-Malti, il-format tal-kitba huwa aktar bħall-kitbiet bil-Latin. Li kieku llum kellna nagħmlu rħama kommemorattiva, jixraq li nużaw l-istess stil li Dun Ġwakkin Schembri kien uża meta saru ż-żewġ irħamiet li hemm tal-Konsagrazzjoni tal-qniepen u tal-Konsagrazzjoni tal-knisja u li wara kkupjajnieh fl-irħama li tfakkar il-Konsagrazzjoni tal-artal mejda fl-2020.

Kieku konna niktbu xi ħaġa hekk: *L-Azzjoni Kattolika ta' Birżebbuġa, b'sinjal ta' ħajr, qima u mħabba tfakkar il-25 sena ta' Dun Anġ Fenech bħala Kappillan, illum 23 ta' Jannar, 1949.*

Il-festa t-tajba!

Il-Lapida tal-Bronż

Id-Dar Parrokkjali llum il-ġurnata

It-tabella li tfakkar lill-kappillan Fenech

Mitt Sena Ilu, Dun Anġ Fenech Jingħata l-Pussess bħala t-Tieni Kappillan tal-Parroċċa ta' Birżebbuġa

Michael Balzia

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Frar 1924, filgħaxija, Dun Anġ Fenech, qassis ta' 41 sena minn Ħal Lija ngħata l-pussess bħala t-tieni kappillan tal-parroċċa tagħna fil-knisja parrokkjali ddedikata lid-Duluri, mill-Vigarju Ġenerali tal-Arċidjoċesi Maltija, Mons. Angelo Portelli O.P. Dan il-pussess kien it-tieni u l-aħħar wieħed li sar f'din il-knisja parrokkjali peress illi kull pussess sussegwenti sar fil-knisja parrokkjali ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen, knisja mibdija u mitmuma mill-istess kappillan Fenech.

Mingħajr Kappillan

Il-parroċċa ta' Birżebbuġa kienet sfat mingħajr kappillan meta l-ewwel kappillan, il-Kanonku Dun Karm Bugelli kien elett membru fl-Assemblea Leġislattiva biex jirrappreżenta r-raba' distrett mal-Partit 'Unione Politica Maltese' tal-Monsinjur Injazju Pavzavecchia u fis-6 ta' Novembru 1921 telaq il-parroċċa. Warajh, għal sentejn sħaħ, bħala vigarju-kurat kien elett Dun Ġużepp Delia mis-Siġġiewi u dam sal-25 ta' Jannar 1924.

Fil-25 ta' Novembru 1923, fit-tieni sena tal-Pontifikat tal-Papa Piju XI, Ruma nnominat lil Dun Anġ bħala t-tieni kappillan ta' Birżebbuġa. Wara li l-Gvernatur , fuq rakkommandazzjoni tal-ittra mibgħuta lilu minn F. Buhagiar, LL.D. fit-22 ta' Jannar 1924, aċċetta n-nomina, u nhar it-30 ta' Jannar, Dun Anġ talab illi l-ittra ta' Ruma tkun esegwita uffiċjalment. Id-Digriet tal-Ħatra, imbagħad, inħareġ mill-Kurja Arċiveskovili fl-1 ta' Frar 1924 u bħala xhieda fil-Pussess, Dun Angelus kellu lil Don Bartolomeo Oletta u Pasquale Gauci.

Dun Anġ Fenech

Angelus Fenech twieled f'Ħal Lija fit-2.00 ta' filgħodu nhar il-25 ta' Marzu 1882 minn Joseph (ġardinar) u Carmela xebba Agius (mingħajr xogħol partikulari). Ġie mgħammed iktar tard fl-istess jum minn Don Joannes Mifsud u ngħata l-ismijet ta' Angelus, Salvator u Franciscus, bil-parrini jkunu Antonius Teuma iben Franġisku u Maria xebba Agius, mart l-istess Antonius minn Ħ'Attard. Fil-familja Fenech kien hemm iktar aħwa fosthom tnejn ikbar minnu li kienu twieldu f'Ħ'Attard. Carmelo twieled fl-24 ta' Awwissu 1871, waqt illi Paolo twieled fl-istess raħal fis-27 ta' Novembru 1868. Ħuh iż-żgħir Franciscus twieled f'Ħal Lija fit-2 ta' Lulju 1884. Ma nafux jekk kienx hemm aħwa bniet. Anġlu ħa l-Griżma tal-Isqof nhar it-12 ta' Awwissu 1882. Il-parrinu kien Salvator Deguara bin Joseph.

Angelus sema' s-sejħa tal-Mulej minn kmieni u wara li daħal fis-Seminarju tal-Arċisqof, kompla l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ San Tumas tad-Dumnikani fejn iggradwa fis-Soċjoloġija, Filosofija u s-Sagra Teoloġija. Fil-kappella tal-Palazz Arċiveskovili, il-Belt Valletta,

Il-Kappillan Dun Anġ Fenech

Monsinjur tal-Katidral

Dun Vinċenz Fenech, in-neputi ta' Dun Anġ

Bandalora antika tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla

Bandalora antika ta' I Madri Cristiani. Illum ma għadhiex teżisti

nhar l-20 ta' Marzu 1898, iż-żagħżugħ Anġelus irċieva l-ewwel tnejn mis-seba' Ordnijiet Sagri: it-Tonsura u l-Ostjarjat. Segwa l-Eżorċistat nhar it-22 ta' April 1900 fl-istess post. L-Ordni tal-Akkolitat ngħata lilu nhar l-20 ta' Settembru fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Fl-istess post Anġlu ngħata l-Ordni ta' Suddjaknu fid-19 ta' Diċembru1903 u d-Djakonat nhar is-17 ta' Diċembru 1904. Angelus Fenech kien ikkonsagrat qassis nhar it-23 ta' Diċembru 1905 minn Mons. Pietro Pace fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta.

Fis-sena 1913, Dun Anġ kien prokuratur tal-Altar tar-Rużarju ta' raħal twelidu u għamel ukoll xi żmien bħala kappillan tal-Boy Scouts ta' Ħ'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan.

Kappillan ta' Birżebbuġa

Sentejn wara li nħatar kappillan, nhar id-29 ta' Awwissu, 1926, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali preżenti ta' Birżebbuġa mill-Arċisqof Mons. Dom Mauro Caruana. Il-ħsieb sabiex tinbena knisja ġdida kien tal-Kanonku Bugelli li fis-sena 1917 talab u ngħata l-permess li jibda jiġbor flus sabiex il-kappella tad-Duluri tinbidel ma' oħra ikbar u aktar arkitettonika. Iżda ġara dak li ġara u l-ħsieb tal-kappillan Bugelli temmu Dun Anġ li beda u temm il-bini bl-aħħar ġebla tal-kampnar fl-1951. Kienet il-kapulavur tiegħu u kull fejn jissemma ismu dejjem wieħed isib riferenza għall-bini tat-tieni knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa, kemm jekk tkun il-pittura-ritratt tiegħu fis-Sagristija tal-parroċċa mpittra minn Ġużè Duca fl-1934, kemm fuq il-lapida li tgħatti l-qabar tiegħu fil-Katidral tal-Imdina kif ukoll pittura-ritratt tiegħu fl-abiti ta' Monsinjur li kien irregala u llum tinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tas-Salvatur, Ħal Lija.

Wara Birżebbuġa

Wara 27 sena kappillan ta' Birżebbuġa, huwa nħatar Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina (Prebenda Għar Barka I) telaq il-parroċċa nhar is-7 ta' April 1952. Huwa ħa l-Pussess nhar il-Ħadd, 18 ta' Mejju 1952. Normalment il-pussessi ma kinux isiru fil-Ħdud, iżda saret eċċezzjoni fil-każ tal-eks Kappillan ta' Birżebbuġa peress illi kollox kien ippreparat. Il-ġurament tal-ħatra kien ittieħed fis-6 ta' April 1952 fil-preżenza ta' Don Paulus Vassallo u Don Antonius Cefai. L-ewwel laqgħa tal-Kapitlu li fiha attenda Monsinjur Fenech kienet nhar it-3 ta' Ġunju, 1952.

Monsinjur Fenech miet ta' 82 sena fir-residenza tiegħu, 15, Triq is-Saqqajja, ir-Rabat, Malta, nhar it-13 ta' Jannar 1964 u ndifen fil-Katidral tal-Imdina, in-naħa tax-xellug tal-intrata, fil-qabar illi kien ħejja għalih matul ħajtu. B'hekk f'din is-sena wkoll, qed ikun ikkommemorat ukoll is-60 sena minn mewtu.

Monsinjur Fenech jissemma fid-Djarju tal-Gwerra ta' Bonham-Carter li f'paġna 94 jiddeskrivih bħala: "The

priest of the former, Father Fenech, is a tough fellow, quite sound, a bit grasping perhaps, but very friendly. His village is growing fast so a new church is being paid for by individuals as gifts and carried out by local artists with really good result in two places". Iktar tard, l-istess Gvernatur jagħti stampa oħra ta' Dun Anġ: "I then went to Birzebbuga where that horrid fellow Father Fenech, was parish priest. I don't think he was doing much good, but I could not say".

Matul il-Gwerra, meta anke l-istess knisja parrokkjali li kienet qed tinbena ntlaqtet mill-bombi tal-għadu, u meta l-popolazzjoni kienet naqset fl-ewwel jiem tagħha għal 40 ruħ, Dun Anġ, iżda, baqa' jieħu ħsieb il-merħla fdata f'idejh u kien jifforma wkoll parti mid-District Committee ta' Birżebbuġa li minkejja l-persuni fuq dan il-bord kienu jinbidlu minn żmien għal żmien, l-isem tal-Kappillan Fenech baqa' dejjem jidher sa mis-sena 1939. Kemm fil-bord tas-sena 1941 u 1942, Dun Anġ bħala ragħaj tal-parroċċa kellu l-irwol bħala chairman tal-istess bord.

Ħidmet il-Kappillan Fenech fil-Parroċċa ta' Birżebbuġa

Li kieku kelli nagħti elenku tal-opri li ħalla Dun Anġ fil-parroċċa tagħna, kieku kien ikolli nitlob lill-editur ħafna iktar spazju milli pprovdieli. Għaliex Dun Anġ minkejja li ma kienx żgħir meta ħa l-Pussess, kellu fih spirtu żagħżugħ u dan urieh matul is-26 sena parrokat tiegħu. Ħsibt għalhekk illi hawnhekk insemmi xi opri li saru u baqgħu jitgawdew mill-parruċċani sal-ġurnata tal-lum b'mod telegrafiku.

- Il-Vara ta' San Pietru (iż-żgħir) fis-sena 1947, vara fl-injam li saret f'Ruma u li llum wieħed jista' jara fil-kor tal-istess knisja parrokkjali;
- Sassla tal-fidda bl-asperġes, mogħtija mill-istess Dun Anġ;
- Ostensorju tal-fidda, xogħol Frans Sciortino minn Ħaż-Żebbuġ;
- Bidu tat-tqegħid tal-qiegħa tal-irħam (in-naħa tal-Kurċifiss) kif ukoll bis-saħħa ta' benefetturi, inawgurazzjoni taż-żewġ altari laterali (tal-Kurċifiss u tar-Rużarju) bil-pitturi ta' Eliodoro Coccoli. Saru wkoll żewġ fontijiet tal-ilma mbierek;
- Bidu taz-zuntier tal-knisja parrokkjali li matul iż-żminijet, l-istruttura tiegħu kienet mibdula kemm-il darba;
- Fis-snin 30 bdiet tinbena d-dar Kanonika. Hawnhekk f'din id-dar, Dun Anġ ħalla t-timbru tiegħu billi fiċ-ċava tal-arkata prinċipali wieħed jista' jara l-arma ta' kunjom il-familja Fenech;
- Fis-sena 1949, Salvu Spiteri, minn Ħal Kirkop, għalliem fl-iskola ta' Birżebbuġa, kiteb il-ktejjeb 'Il-Parroċċa ta' Birżebbuġa bil-Knisja Ġdida Tagħha', ktejjeb li kien mitbugħ fl-Empire Press;
- Kalċi mħolli minn Dun Anġ, l-istess kalċi li għadu sal-lum jintuża darba fis-sena fil-Quddiesa l-Kbira tal-festa;
- Dun Anġ ħalla fit-Testment is-Salib Pettorali tiegħu sabiex jitqiegħed fuq il-vara ta' San Pietru matul il-jiem tal-festa. Peress illi kemm il-lazz kif ukoll il-ġmiemen kellhom kulur roża (kulur uffiċjali tal-Monsinjuri) dawn inbidlu ma' dawk bojod miġjuba minn Ruma apposta għal dan il-għan.

Il-ħajja pastorali ma kinitx nieqsa lanqas!

- Wasla f'Birżebbuġa tas-Sorijiet tal-Karità, li għall-bidu ngħataw appartament ħdejn il-kappella tad-Duluri, sakemm imbagħad imxew fit-triq ta' maġenb il-parroċċa;
- L-Għaqda tad-Duttrina Kristjana (M.U.S.E.U.M.), Sezzjoni Rġiel kienet imwaqqfa fil-parroċċa ta' Birżebbuġa matul il-parrokat ta' dan il-kappillan ftit żmien qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. L-istess nistgħu ngħidu għall-Azzjoni Kattolika Rġiel, illi rat id-dawl f'Birżebbuġa ftit wara l-istess gwerra;
- Twaqqif tal-Għaqda Madri Cristiani kif ukoll tal-Boy Scouts fis-sena 1936;
- Twaqqif tax-Xirka tal-Isem Imqaddes t'Alla;
- Il-Gvernaturi żaru darbtejn Birżebbuġa, kemm qabel il gwerra (1936) kif ukoll fl-1949 mill-Gvernatur Creasy;
- Saru wkoll tliet Viżti Pastorali mill-Arċisqfijiet tad-Djoċesi Maltija, bl-aħħar waħda tkun fl-1947 minn Mons. Mikiel Gonzi;
- Fl-1949 inżammet il-Festa tal-Madonna ta' Fatima fil-parroċċa. Sena sentejn qabel, inżamm fil-parroċċa l-Kungress Marjan;
- L-ewwel qassis minn Birżebbuġa, Dun Ġorġ Zammit kien ikkonsagrat saċerdot matul il-parrokkat ta' Dun Anġ;
- Indulġenzi għall-vari ta' Sant'Antnin, l-Ecce Homo u l-Madonna ta' Fatima, vari li sal-lum għadhom jinsabu fil-knisja parrokkjali tagħna.

Ma' Dun Anġ, bħala viċi-parrokku, ħadem fil-qasam pastorali qalb il-poplu ta' Birżebbuġa, in-neputi tal-istess kappillan, Dun Vinċenz Fenech, iben ħuh Carmelo. Dun Vinċenz twieled f'Ħal Lija f'Marzu 1908 u miet f'Birkirkara fis-sena 1978. Huwa ħa l-quddiesa fil-21 ta' Mejju 1932 minn idejn Mons. Dom Mauro Caruana O.S.B.

Il-ħidma sfiqa ta' Mons. Angelus Fenech fil-parroċċa kienet ġiet rikonoxxuta mill-Awtorijtajiet Ċivili billi t-triq fuq in-naħa tax-xellug tal-knisja parrokkjali l-ġdida ssemmiet għall-Kurat Fenech, fatt li rari jseħħ, peress illi l-isem ta' din it-triq ingħata meta Dun Anġ kien għadu ħaj.

Festa tal-Madonna ta' Fatima

Waqt il-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida

Dun Anġ Fenech u neputih Dun Vinċenz jerfgħu l-vara tal-Madonna ta' Fatima

Il-lapida li tgħatti l-qabar ta' Monsinjur Fenech fil-Katidral tal-Imdina

D NAIL BAR
by Ramona

Birżebbuġa Road, Birżebbuġa

Mob: 7945 9171
Tel:2765 7281

John Cutajar
Jawgura l-Festa
t-tajba lill-Poplu
Kollu ta' Birżebbuġa

Monsinjur Patrick Incorvaja

Nhar it-2 ta' Lulju ta' 25 sena ilu, Monsinjur Patrick Incorvaja, minn Birżebbuġa rċieva s-Sagrament tal-Ordni Sagri mill-Arċisqof ta' Malta, il-mibki Monsinjur Ġużeppi Mercieca. Nhar is-Sibt 24 ta' Lulju 1999 huwa għamel l-Ewwel Quddiesa Solenni fil-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa. Propju f'għeluq il-25 sena, nhar is-Sibt 6 ta' Lulju 2024, akkumpanjat minn diversi saċerdoti, membri tal-familja, ħbieb u parrużċani, Monsinjur Incorvaja offra quddiesa ta' radd il-ħajr f'dan l-anniversarju sabiħ. Preżenti kien hemm ukoll il-membri tal-Ordni tas-Santu Sepulkru li minnha l-Monsinjur jifforma parti.

Matul il-quddiesa sar talb għal aktar vokazzjonijiet, speċjalment mill-parroċċa ta' Birżebbuġa kif ukoll talb għall-paċi fid-dinja, speċjalment fl-Art Imqaddsa.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa kienet preżenti għal din il-quddiesa u għall-attività soċjali li saret wara fuq iz-zuntier tal-knisja stess. Filwaqt illi tifraħ minn qalbha lill-Monsinjur Incorvaja f'dan il-Ġublew tal-Fidda, tħeġġeġ lill-poplu ta' Birżebbuġa sabiex nitolbu għal aktar vokazzjonijiet mill-parroċċa tagħna ħalli jkomplu jaqduna fl-għalqa tal-Mulej.

Monsinjur Incorvaja waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr

Membri tal-Ordni tas-Santu Sepulkru. Jidher ukoll il-Kavallier John Taylor, id-Direttur Ġenerali tas-Soċjetà

Is-Soċjetà ppreżentat rigal ta' tifkira lill-Monsinjur bħala radd il-ħajr tas-servizz tiegħu

Birżebbuġa ta' Dari
Kalafrana

Arthur (Turu) Grima

Aċċettajt bi kburija li nifforma parti minn din il-pubblikazzjoni annwali tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa għax bħala iben dan il-lokal u persuna li nħobb l-istorja li ssawwar lil din il-lokalità pittoreska, nifhem illi huwa tajjeb li nħarsu lura, mhux biex nibqgħu mwaħħlin fil-passat, għax min jagħmel hekk ikun qed jagħlaq ħajtu għall-progress kollu, imma sabiex naraw dak li għamel lil Birżebbuġa matul iż-żminijiet. Kollox jinbidel, u llum, Kalafrana għadha sempliċiment isem illi jfakkar lill-ġenerazzjonijiet sa ċertu punt anzjani, filwaqt illi l-ġenerazzjonijiet tal-lum, jafu biss bl-isem għaliex semgħuh mingħand il-ġenituri jew in-nanniet jew qrawh fuq xi kotba jew minn fuq il-medja soċjali.

F'dawn ir-ritratti prodotti hawn tidher l-attività li kien ikun hemm f'Kalafrana mis-servizzi Ingliżi. Kalafrana kienet il-post tal-ajruplani tal-baħar.

Ir-ritratti huma meħudin fl-ewwel parti tas-Seklu Għoxrin, bejn wieħed u ieħor mill-1936 'il quddiem.

BIRŻEBBUĠA
FILLING
STATION



Misraħ is-Summit, Birżebbuġa
Tel: 21654842

Mill-Istorja tal-Banda Birżebbuġa
Recording tal-Marċi – 30 sena ilu -1994-2024

Il-Preżentatur Daniel Vella

Meta wieħed jikteb jew jitkellem dwar Soċjetà Mużikali, tajjeb li wieħed jgħid illi l-banda Maltija hija ħajja matul is-sena kollha minn kull aspett, kemm mill-mużika u anke fil-qasam kulturali.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, każin attiv ħafna speċjalment mużikalment. Eżempju ta' dan huma l-kunċerti li jsiru matul is-sena. Hemm ukoll is-servizzi tal-banda fil-festa titulari ta' Birżebbuġa ddedikata lill-patrun San Pietru u servizzi barra l-lokal fosthom fil-Furjana għall-festa ta' San Publju, Ħal Għaxaq għall-festa ta' San Ġużepp, Ħal Safi għall-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl flimkien ma' numru ta' servizzi oħra f`postjiet oħra. Dan minbarra l-impenn kbir illi tagħti din il-banda fil-festi tal-Għid il-Kbir fil-manifestazzjoni bil-Vara ta' Kristu Rxoxt.

Fl-istorja ta` kull soċjetà tal-banda hemm parti mill-ġrajja u impenn ta` diversi recordings illi jsiru matul is-snin. Dan l-impenn huwa parti minn timbru fl-istorja tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa għaliex din il-banda ħarġet bosta recordings tal-marċi ġodda sa mill-bidu tagħha fl-1990.

F'dan l-artiklu se nkun qed nitkellem dwar recording ta` 30 sena ilu, is-sena 1994 meta l-Banda Birżebbuġa kienet ħarġet sett marċi brijuži ġodda.

Dan is-sett marċi jinkludi fih:

Side A

Innu Popolari lil San Pietru	Mro Carmelo Pace
Is-Sultan	Mro Archibald Mizzi
X`Każin Għandna tal-Iljun	Mro Michael Bugelli
Il-Bob	Mro Ronald Pisani
Briju u Allegrija	Mro Charles Wallace
Suda	
Antoinette	Mro Emmaunel Bugeja
Il-Mosti	Mro Michael Bugelli

Side B

Vinceremos	Mro Archibald Mizzi
Lill-Ħaddiema tal-Każin il-Ġdid	Mro Michael Bugelli
Altar of Roses	Mro Luigi Bongailas
Forza Maestro	Mro Emmaunel Brincat
Lill-Ewwel President tas-Soċjetà	Mro Michael Bugelli
Is-Segretarju	Mro Andrew Coleiro
Innu tal-Banda Birżebbuġa	Mro Michael Bugelli

Dan is-sett marċi sar taħt direzzjoni ta` Mro Michael Bugelli u r-recording tiegħu kien sar Raħal Ġdid għand Boffa Studios.

Dawn ir-recordings tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa AD 1990 huma parti mill-ħajja ta` din il-banda. Dan juri biċ-ċar illi din is-Soċjetà dejjem laħqet l-iskop ewlieni tagħha li tkun attiva fil-kontribut fil-ħajja mużikali bl-aqwa mod possibbli anke fl-ewwel snin tal-bidu tagħha.

Il-Festa t-Tajba Ħbieb!

Il-Festi Maltin

Raoul Briffa M.A.(Melit.); B.A.(Hons); YCS(Melit)

Fl-aħħar snin kelli l-opportunità li nagħmel studju dwar l-impatt tal-Festi Maltin fuq is-soċjetà Maltija minn lenti żagħżugħa. Preċiżament dan l-istudju bdejtu fl-2018 u temmejtu fl-2019 u kien parti mid-Degree fil-B.A. Youth and Community Studies fi ħdan l-Università ta' Malta.

Minn dejjem kont inħobb il-Festi Maltin, b'mod speċjali dik tar-raħal tiegħi ta' Ħal Luqa u dik ta' Birżebbuġa, għaliex għal numru taa' snin, fix-xhur tas-sajf kont ngħix man-nanniet f'Birżebbuġa.

Saru diversi studji dwar il-Festi Maltin b'mod speċjali mill-antropologu Ġermaniż, Jeremy Boissevain. Matul is-snin rajna bidla ta' kif il-Festa Maltija tiġi ċċelebrata, b'mod speċjali l-festi esterni li kibru tul is-snin u forsi xi kultant wieħed jargumenta li l-festi tagħna tilfu xi ftit l-iskop oriġinali tagħhom. Rajna bidla wkoll tal-attendenza fil-festi interni, fejn f'numru ta' parroċċi, l-attendenza qed tonqos kull sena għal dawn il-festi. Dan kollhu ħajjarni sabiex nagħmel dan l-istudju u nsegwi ftit l-opinjoni ta' numru ta' żgħażagħ dwar l-impatt tal-festa fuq is-soċjetà Maltija.

L-istudju kien fih b'kollox ħames kapitli, il-qofol ikun fir-raba' kapitlu fejn ġew diskussi r-riżultati miksuba permezz tal-intervisti li għamilt ma' tnax-il żagħżugħ u żagħżugħa. Uħud minn dawn iż-żgħażagħ kienu involuti fil-każini tal-banda, armar fil-parroċċi, artisti, bandisti u anke wħud li jaħdmu n-nar. Kull parteċipant ġie ppreżentat bl-istess sett ta' mistoqsijiet, fejn fost il-mistoqsijiet li ġew mistoqsija kien hemm dwar kif bdew jinvolvu ruħhom fil-festi. Interessanti l-fatt li l-maġġoranza taż-żgħażagħ wieġbu li bdew jinvolvu ruħhom fil-festa minħabba membri tal-familja tagħhom. Hawnhekk nistgħu naraw kif il-fatt li wieħed jinvolvi lil uliedu jew membri tal-familja, il-festa tista' tibqa' ħajja billi ġenerazzjoni wara l-oħra tkompli din it-tradizzjoni ferm antika.

Minn dan l-istudju wkoll ħareġ kif il-festa Maltija hija bla dubju wieħed mis-simboli ewlenin ta' pajjiżna. Fil-fatt, żagħżugħ partikolari semma li sfortunatament bħala poplu ma tantx għadna napprezzaw il-festi u xi kultant ninsew li l-maġġorranza tal-knejjes u pjazez tal-ibliet u l-irħula fil-jiem tal-festa jkunu mużew mill-isbaħ li mkien fid-dinja ma nsibu. Biżżejjed insemmu l-armar rikk li wieħed isib f'diversi knejjes.

Il-libsa li jiġu mlibbsa l-knejjes fil-festi hija waħda li wieħed għandu japprezza l-arti u l-ħin li numru kbir ta' volontiera joffru biex isir dan. Il-volontorjat huwa l-qofol tal-festa Maltija, hekk kif il-festa ssir minn diversi volontiera, kollha f'oqsma differenti. Minn dan l-istudju ħareġ kif diversi volontiera ġejjin minn diversi oqsma tas-soċjetà li fil-ħin liberu tagħhom jingħaqdu flimkien biex jaħdmu għal għan wieħed.

Apparti l-volontarjat il-festa sservi bħala opportunità sabiex wieħed juri t-talenti tiegħu. Jekk nagħtu ħarsa lejn in-nar, wieħed għandu japprezza d-diversi talenti li diversi nies jaħdmu l-piroteknika b'tant sagrifiċċju sabiex issebbħu s-smewwiet b'arti mill-isbaħ. Sfortunatament ħafna jinsew kemm murtal illi jieħu

Il-Purċissjoni - tradizzjoni ta' devozzjoni u mħabba popolari

Il-Fratellanzi - l-ewwel trade-unions ta' pajjiżna

San Pietru ta' Birżebbuġa - monument artistiku

biss ftit sekondi biex jinħaraq wassal għal sagrifiċċju li sarraf f'diversi sigħat 'il bogħod mill-familja u interessi oħrajn. Apparti n-nar, issemma wkoll it-talent li diversi persuni għandhom talenti fl-arti, fejn jekk nagħtu ħarsa lejn is-sbuħija tad-drapp li jżejjen it-toroq u l-pjazez fil-jiem tal-festa, wieħed jista' jara t-talenti varji li diversi persuni jkollhom. Wieħed mill-parteċipanti fl-istudju semma kif beda l-kors tal-inġinerija wara li minn meta kien tifel kien jaħdem ma' missieru fuq id-dawl tal-festa u makkinarju ieħor li jintuża biex jinġarr l-armar. Ġie msemmi wkoll illi l-festa toffri talenti mużikali, fejn kważi l-baned kollha huma skola tal-mużika u joffru t-tagħlim b'xejn lil kulħadd. Parteċipant partikolari semma kif illum tmur biex titgħallem il-pjanu, tnabar, vjolin, kitarra, u jkollhom iħallsu ħafna flus. Semma kif il-ġenituri tiegħu ma mxewx man-norma tas-soċjetà u bagħtuh jitgħallem il-banda, fejn is-soċjeta' mużikali provdietlu strument bla ħlas u għal kull lezzjoni qatt ma ġie mitlub ċenteżmu. Illum il-ġurnata kburi li hu mużiċist u għandu numru ta' ċertifikati, fejn anke l-eżamijiet ġew imħallsa mis-soċjeta mużikali.

Minn dan l-istudju ħareġ ukoll kif il-festa tagħti sens ta' komunità lill-belt u raħal illi fih tkun qiegħda tiġi ċċelebrata l-festa. Il-festa hija avveniment annwali li jġib nies u familji flimkien. Ħafna drabi nsibu familji li fil-jiem tal-festa jorganizzaw ikliet fuq il-bjut biex isegwu n-nar u fl-istess ħin ikun avveniment li familji jiltaqgħu. Il-festa sservi wkoll bħala opportunità biex ħbieb antiki li forsi jkunu marru joqogħdu fi bnadi oħra u qatgħu mir-raħal tagħhom, jingħaqdu. Dan kollu ġie osservat waqt l-intervisti li għamilt għal dan l-istudju.

Fatt ieħor li ssemma kien kif insibu n-nuqqas ta' nisa li jagħtu s-sehem tagħhom fil-festa. Fil-fatt mill-parteċipanti kollha, żagħżugħa waħda kien hemm ta' ġeneru feminili. Din iż-żagħżugħa semmiet kif għall-bidu li bdiet tinvolvi ruħha fil-festa kienet tħossha stramba tidħol fil-każin tal-banda hekk kif diversi nies kienu jħarsu lejha, għaliex mhux normali li jaraw tfajla dieħla f'każin. Hija semmiet li jidher illi din l-istigma qiegħda tonqos u li tara tfajliet jinvolvu ruħhom fil-festi hi xi ħaġa normali. Semmiet però li tixtieq tara ħafna aktar nisa u tfajliet li jinvolvu ruħhom fil-festi. Ġie msemmi kemm ħallew ġid is-sezzjonijiet tan-nisa hekk kif joffru spazju lin-nisa biex jinvolvu ruħhom fil-festa f'diversi aspetti.

Kif semmejt ftit qabel xi kultant qegħdin naraw li l-festa Maltija titlef xi ftit il-popolarità tagħha u dejjem ikun hemm il-mistoqsija jekk hemmx futur għall-festi Maltin. F'dokumentarju li sar lejn l-aħħar tas-snin sittin bl-isem, 'Two Trumpets for Saint Andrew', in-narratur isemmi kemm fadlilhom isiru dawn ir-ritwali u jemmen illi l-festi ma tantx fadlilhom ħajja, hekk kif id-dinja qiegħda tiżvolġi. Sal-lum bi kburija ngħidu li l-festa Maltija għadha ssir u dan l-aħħar anke ġiet rikkonoxuta fil-UNESCO. Il-festi għandhom diversi sfidi b'mod speċjali sfidi finanzjarji u sfidi ta' volontiera.

J'Alla nibqgħu ngawdu l-festi tagħna għal diversi snin u ma ninsew qatt l-iskop oriġinali tagħhom, dak spiritwali. Il-festa dejjem tibda u tispiċċa minn ġewwa l-knisja, u s-sabiħ hu li minn kull festa nieħdu tagħlima spiritwali.

Nawguralkom il-festa t-tajba!

Il-Ħruġ min-Niċċa - tradizzjoni antika li turi l-ħeġġa tal-poplu tal-lokal



Il-logħob tan-nar - artistiku, sabiħ u jitlob sagrifiċċju

Grazzi Joseph Saliba!

Is-Soċjetà tirringrazzja lil Joseph Saliba bħala l-ewwel vidjografu li għamel tant sagrifiċċju sabiex illum il-ġurnata għandna rikordju tas-sede tagħna tinbena. Joseph ħalla diversi ritratti u vidjows illi matul iż-żminijiet ġew aġġornati għaż-żminijiet teknoloġiċi tal-lum sabiex il-membri u l-ammiraturi, kemm tal-lum u dawk futuri jistgħu jsibuhom b'mod virtwali u jgħixu mill-ġdid iż-żminijiet diffiċli iżda glorjużi li fihom is-Soċjetà għamlet l-ewwel passi tagħha f'Birżebbuġa.

B'sagrifiċċju u dedikazzjoni lejn is-Soċjetà, ta' kuljum Joseph kien ikun preżenti sabiex jara s-sede tinbena mil-qiegħ u jirrekordja dawn il-fatti, ħaġa li għamel dejjem bil-qalb. Grazzi mill-qalb, Joseph, għax permezz ta' nies bħalek nistgħu nħarsu lura lejn passat bi storja li jwassal għal futur fil-glorja.

THE CATHEDRAL GROUP LTD.

Gardjola Gate, Mimosa Street (St. Luke's Road), G'Mangia PTA 1045
Tel: 2122 6020-3 **Fax:** 2124 2644

Paulson
HOME & HIFI CENTRE
Bir-id-Deheb Road, Tel: 21663329
Zejtun Mob: 99464534
e-mail: info@paulson.com.mt
www.paulson.com.mt

GREE

5 YEARS GUARANTEE

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa A.D. 1990 tifraħ ma'...

L-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono maħtura President tar-Repubblika nhar l-4 ta' April 2024

Il-Kappillan, Kan. Reuben Micallef maħtur President tal-Kulleġġ tal-Kappillani u rrappreżenta lill-Kappillani Maltin fil-Laqgħa Internazzjonali tal-Kappillani

Monsinjur Patrick Incorvaja f'għeluq il-Ġublew tal-Fidda mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

Dun Brian Gialanze f'għeluq l-10 snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

Il-Kanonku Peter Ellul f'għeluq il-ħames sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali

Dun Nikola Pace, Kappillan ta' Birżebbuġa bejn l-2000 u l-2013 għall-ħatra ta' Monsinjur

Il-Kavallier Alexander Caruana - 10 Snin President

Andy Mifsud Camilleri - 10 snin Viċi-President

Eman Farrugia u l-mara tiegħu Sephora għat-twelid ta' binhom Giuseppe fil-ġimgħa tal-festa ta' San Pietru 2023

L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi Jonathan Ellul Bonnici u l-mara tiegħu Yanica li Lejlet il-Festa ta' San Pietru 2023 saru ġenituri ta' binhom Jacob

Mro Christopher Bonnici li nħatar Assistent Surmast fl-Għaqda Mużikali Madonna tad-Duttrina, Ħal Tarxien u jmexxi l-mużika fil-festa ta' Marija Reġina

Il-Bandist tal-Post Peter Paul Caruana li gradwa b'Maġisteru fit-Tagħlim tal-Malti

Il-Bandista tal-Post Rebecca Abdilla li gradwat b'Maġisteru fl-Istudji Notarili

Daniela Barbara - Segretarja Sezzjoni Banda li gradwat b'Maġisteru fl-Infermerija

Josef Schembri - 30 Sena Bandist tal-Post

L-Allieva Reyhan Vella li ġabet Distinzjoni fi Grad 4 fit-Teorija tal-London College of Music

L-Allieva Nina Marie Cutajar li ġabet Distinzjoni fi Grad 1 tat-Teorija Mużikali tal-London College of Music

L-Allieva Emma Cuschieri li ġabet Mertu fi Grad 1 tat-Teorija Mużikali tal-London College of Music

L-Allieva Thea Cuschieri li ġabet marki massimi fi Grad 1 fit-Teorija Mużikali tal-London College of Music



Anthony Xuereb - Rebbieħ ta' Ġieħ Birżebbuġa 2023

L-Allieva Amy Vella li ġabet Distinzjoni fi Grad 1 fit-Teorija Mużikali tal-London College of Music

L-Alliev Zach D'Souza għas-suċċess fi Grad 1 fit-Teorija Mużikali tal-London College of Music

Il-President Onorarju Għal Għomru, Fundatur u Benefattur Ewlieni, Anthony Camilleri għar-Rikonoxximent f'Jum Birżebbuġa 2023

It-Teżorier Walter Pace għar-Rikonoxximent f'Jum Birżebbuġa 2023

L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar li ġiet rikonoxxuta f'Jum Birżebbuġa 2023

Il-Membru Onorarju Benji Caruana għar-rikonoxximent f'Jum Birżebbuġa 2023

Il-President Onorarju Peter Camilleri għar-Rikonoxximent f'Jum Birżebbuġa 2023

Birżebbuġa Lions Darts Team għas-Suċċessi li qed iġibu f'isem is-Soċjetà

Paul Gafà finalista fil-programm 'Moħħok Hemm'

Zian Farrugia li ħa sehem f'kamp ta' taħriġ mal-Fondazzjoni Real Madrid, Malta u fi Spanja

Bertrand u Jayden, żewġ abbatini mill-parroċċa għas-servizz illi taw fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan

Nathan Psaila, finalist ta' The Malta Eurovision Song Contest

Grupp Żgħażagħ Birżebbuġin li rrappreżentaw lil Birżebbuġa fil-World Youth Day 2023

Dancing Angels Rebbieħa fil-Kategorija B fiż-żfin tal-Karnival

Maya u Faith, tfal minn Birżebbuġa li ħadu sehem fl-Ewwel Jum Dinji għat-Tfal

Birżebbuġa ASC għas-suċċess fil-Waterpolo

Trustin Farrugia Cann għall-impenji internazzjonali fil-karriera tiegħu u għall-unur MFPA Best Referee

Joe Julian Farrugia - awtur ta' bosta kanzunetti għall-festival nazzjonali 'Mużika Mużika'

Andrea Camilleri għas-sehem fil-finali tal-Junior Eurovision Song Contest

Daniel Camilleri, Birżebbuġjan, li rebaħ il-Kampjonat Nazzjonali ta' taħt is-sbatax-il sena mat-tim tal-Furjana

Tislima lill-Bandist Onorarju Joe Gatt

Hekk kif il-Banda Birżebbuġa kienet qed tesegwixxi l-marċi grotteski mir-repertorju tagħha fis-sala tal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa, nhar is-Sibt 10 ta' Frar 2024, il-Bandist Onorarju Joe Gatt kien qed jieħu l-aħħar nifsijiet tiegħu fuq din l-art. Kif xieraq, is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa daħlet f'jiem ta' luttu, bil-bandiera tas-Soċjetà tittajjar mezz'asta u ċ-ċoff iswed mal-bibien tal-każin. It-Tlieta 13 ta' Frar, waranofsinhar, il-Banda Birżebbuġa sellmet lil Joe bid-daqq tal-marċi funebri minn fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali sa tarf Triq Birżebbuġa. Quddiem is-sede tas-Soċjetà ngħatat tislima xierqa fosthom bid-daqq tal-Innu tal-Banda Birżebbuġa, versi ta' Joe Julian Farrugia u mużika ta' Mro Michael Bugelli, illi min jaf kemm-il darba daqqu minn qalbu mal-banda li tant ħabb.

L-istorja ta' Joe Gatt mas-Soċjetà tmur lura sat-twaqqif tagħha fl-1990 meta kien jakkumpanja lill-Banda Birżebbuġa matul il-marċi fit-toroq ta' Birżebbuġa. Wara l-festa ta' dik is-sena, Joe avviċina lil Alexander Caruana, dak iż-żmien is-Segretarju Ġenerali u staqsih sabiex jibda jitgħallem il-katuba. Wara l-approvazzjoni tas-Surmast Michael Bugelli, Alex beda juri lil Joe l-elementi bażiċi tad-daqq tal-katuba. Flimkien ma' Joe Gatt kien hemm ukoll ċertu Joe Theuma li mbagħad mar joqgħod Ħal Lija u ma baqax jifforma parti mill-Banda Birżebbuġa. Joe iddebutta fil-festa titulari tal-1991 u baqa' jdoqq sas-sena 2019, meta rtira minħabba li saħħtu ma baqgħetx tippermettilu. Fil-Laqgħa Ġenerali ġie propost bħala l-ewwel Bandist Onorarju tal-Banda Birżebbuġa.

Matul il-karriera mal-banda ma kien ifalli għall-ebda servizz, anke meta l-Banda Birżebbuġa marret iddoqq għall-ewwel darba barra minn xtutna. Ftit wara li ħareġ idoqq beda jdoqq ukoll mal-banda La Stella tal-Gudja, il-banda ta' raħal twelidu u tant kienet għal qalbu. Joe kien ukoll mastrudaxxa prim u għamel bosta xogħlijiet għas-Soċjetà u għal bosta postijiet oħra, inkluż għall-każin La Stella tal-Gudja. Kien raġel kwiet imma kien japprezza dak kollu li konna nagħmlu. kemm hu kif ukoll il-familja tiegħu li dejjem taw l-appoġġ lis-Soċjetà tagħna sa mit twaqqif tagħha.

Il-Banda Birżebbuġa takkumpanja b'daqq ta' marċi funebri lill-Bandist Onorarju Joe Gatt

L-Aħħar Tislima quddiem il-Każin

Joseph Zammit

Ħasda li qatt ma stennejna seħħet il-Ħadd billejl, 17 ta' Settembru 2023, meta ġriet l-aħbar illi Joseph Zammit, membru attiv fis-Soċjetà ħalla din id-dinja mingħajr mistenni. Ħafna kienu l-kummenti ta' appoġġ illi bdew jinkitbu fuq il-mezzi soċjali u s-Soċjetà, bħall-kumplament ta' Birżebbuġa, daħlet f'luttu u ħassret l-attività li kellha ppjanata għal dik il-ġimgħa.

Joseph kien bniedem ta' integrità, attiv fil-parroċċa u membru attiv tas-Soċjetà tagħna. Għalkemm ma kien fl-ebda kummissjoni jew sezzjoni, kien jattendi bosta attivitajiet li torganizza s-Soċjetà u kien wieħed mir-reffiegħa tas-Soċjetà li dejjem kont issibu taħt il-bastun tal-istatwa ta' San Pietru jew ta' Kristu Rxoxt.

Il-funeral illi sar f'Birżebbuġa kien turija tar-rispett illi gawda Joseph, fejn ingħata funeral ċerimonjali mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, fejn kien jaħdem. Wara l-quddiesa u ċ-ċerimonja fuq iz-zuntier, il-korteo għadda minn quddiem is-sede tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa u ngħata tislima xierqa mill-membri u l-partitarji.

Tislima fuq iz-zuntier mill-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Ninnutaw it-tebut mgħotti bil-bandiera Maltija

L-aħħar tislima quddiem il-każin

B'ħasda kbira propju ftit jiem qabel il-festa titulari ta' San Pietru Appostlu, inħsadna bil-mewt ta' Christianne Meli li ħalliet din id-dinja nhar is-26 ta' Lulju 2023. Għalkemm kienet għadha żgħira fl-età, kienet membru attiv u akkanita ferm tas-Soċjetà. Kienet l-ewwel waħda li bbukkjat sabiex tattendi l-barbikju ta' ġimgħa qabel il-festa, madankollu, il-Mulej kellu pjan ieħor għaliha. Kienet tattendi l-attivitajiet organizzati mis-Soċjetà u qatt ma qieset għax dik l-attività tattendi għax ta' sezzjoni partikolari u oħra le għax tkun ta' sezzjoni oħra. Għal Christianne, kull attività kienet tas-Soċjetà u kienet tagħmel l-almu tagħha sabiex tattendi. Qattgħet ukoll żmien membru fil-kor tas-Soċjetà, il-Kor Xmun Pietru.

Mary Doris Zammit

Mario Ciantar

Ċensa Cutajar

Marija Antonia Agius

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 ssellem il-memorja ta' dawn l-individwi kollha u lil dawk kollha li ħallew din id-dinja, speċjalment Birżebbuġin, matul din l-aħħar sena. Nitolbu għal ruħhom sabiex il-Mulej jagħti lilhom il-mistrieħ ta' dejjem u s-sabar u l-kuraġġ lil qrabathom. Jalla Ommna Marija u Missierna San Pietru jwassluhom għand il-Ħallieq.
Agħtihom, o Mulej, il-Mistrieħ ta' Dejjem!

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 tirringrazzja lil:

- Alla l-Imbierek, Ommna Marija u l-Appostlu Missierna San Pietru talli jkunu dejjem magħna fil-ħidma tagħna matul is-sena, kemm fit-tlajja' u anke fl-inżul;
- Familji kollha tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina u tal-appoġġ illi jagħtuna matul is-sena kollha;
- W. Rev. Kappillan, il-Kanonku Reuben Micallef, Dun Victor Scicluna, Dun Peter Ellul, il-Presbiterju Parrokkjali u l-Abbatini tal-parroċċa ta' Birżebbuġa għas-servizz tagħhom matul is-sena kollha;
- Perit Michael Schembri u l-helpers kollha tal-knisja parrokkjali tagħna tas-sagrifiċċji u l-ħidma sabiex id-Dar ta' Alla tkun dejjem miżmuma fl-aħjar kundizzjonijiet;
- Is-Sindku Scott Camilleri, il-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali għall-ħidma tagħhom f'Birżebbuġa u għall-koperazzjoni li nsibu kontinwament mingħandhom;
- Il-kandidati kollha li ma ġewx eletti fil-Kunsill Lokali. Ninsabu ċerti li l-ħidma tagħhom għall-ġid ta' Birżebbuġa mhix se tieqaf hawn;
- Is-Supretendent, l-Ispettur u l-membri tal-Korp tal-Pulizija għall-ħidma tagħhom f'Birżebbuġa, speċjalment għaż-żamma tal-Bon-Ordni fi żmien il-festa titulari;
- Grupp Armar 1 ta' Awwissu għall-ħidma tagħhom matul is-sena sabiex jissebħu l-imsieraħ u t-triqat ta' raħalna matul il-jiem tal-festa ta' San Pietru u f'okkażjonijiet oħra matul is-sena. Inħeġġu aktar nies jagħtu daqqa t'id lil dan il-grupp sabiex ikollna raħal dejjem imżejjen isbaħ fl-okkażjonijiet diversi matul is-sena;
- Il-President, is-Segretarju Ġenerali, it-Teżorier u l-membri kollha tal-Kumitat Ċentrali għall-impenn kontinwu għall-ġid tas-Soċjetà;
- Il-President Onorarju għal Għomru, Fundatur u Benefattur Ewlieni, il-Presidenti Onorarji, il-Membri Onorarji, is-Surmastrijiet Onorarji u l-Bandisti Onorarji għas-sostenn u l-pariri li jagħtu matul is-sena kollha;
- Is-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli A.T.C.L., l-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija Mużikali u tas-sezzjoni ram Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM; u l-Għalliem tal-istrumenti tal-qasba Mro Ludwig N. Desira għall-ħidma tagħhom fit-tagħlim mużikali u fit-tmexxija tal-Banda Birżebbuġa;
- Il-Bandisti tal-Post u l-Allievi kollha tal-impenn tagħhom fl-istudju u fis-servizzi tas-Soċjetà;
- Is-Sezzjoni Banda Birżebbuġa għax-xogħol fejjiedi u kontinwu li tagħmel matul is-sena kif ukoll tal-inizjattiva innovattiva permezz ta' Belgħa Tè;
- Il-membri tal-kor Xmun Pietru mmexxi mis-Sinjura Marouska Bonnici. Apprezzajna ferm illi din is-sena żdied is-sehem tagħhom fil-ħajja tas-Soċjetà,fosthom fil-Kunċert tal-Milied u f'dak tal-Ġimgħa Mqaddsa;
- Il-membri fi ħdan l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar illi jaħdmu n-nar tal-ajru u tal-art, b'sogru għalihom. Bis-saħħa tagħhom, fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, Birżebbuġa jkollha ħarqa nar mill-isbaħ. Nawgurawlhom ukoll għall-ħidma tagħhom f'bosta festi ta' bliet u rħula differenti;
- Il-helpers Nisa Petrini għall-ħidma u l-attivitajiet illi jtellgħu matul is-sena kollha u talli b'reqqa jieħdu ħsieb illi l-binja tas-sede tas-Soċjetà tkun dejjem iktar nadifa;
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni għall-attivitajiet differenti li jorganizzaw matul is-sena kollha u għall-impenn tagħhom sabiex ta' kull sena jkollna briju kbir u sabiħ fil-marċi brijuži tas-Soċjetà. Prosit tal-inizjattiva tal-Kids Club;
- Il-Kummissjoni Armar Estern għall-ħidma kontinwa fuq proġetti ġodda u restawr fis-sede tas-Soċjetà. Prosit ta' dawk il-pavaljuni għal żmien il-festi tal-Għid;
- Is-Sezzjoni Tisbiħ tal-Każin għall-attivitajiet illi jtellgħu, speċjalment tal-impenn tagħhom sabiex matul is-sena kollha jkollna attivitajiet anke għal dawk illi jippreferu jattendu xi attività filgħodu. Naturalment il-ħidma tagħhom ta' tisbiħ ma tiqafx u b'hekk il-każin ikompli jissebbaħ;

- Il-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar tal-impenn tagħhom fil-ħajja tas-Soċjetà u talli mill-ġdid taw il-ħajja lill-Ġimgħa Mqaddsa permezz tad-dramm fis-sede tas-Soċjetà;
- L-Editur, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, il-Bord Editorjali u l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi sabiex is-Soċjetà tkun preżentata bl-aqwa mod fuq din il-pubblikazzjoni, fil-ġurnali, fiż-żamma tal-paġni fuq l-internet u meta nkunu mistiedna fuq mezzi radjufoniċi u televiżivi.
- Dawk illi jiġbru r-reklami, jieħdu r-ritratti, l-artikolisti, il-qarrejja tal-provi u dawk illi jgħinu fil-pubblikazzjoni ta' dan l-annwal u l-kalendarju anwali;
- Il-ħaddiema manwali kollha tas-Soċjetà li matul is-sena kollha b'sagrifiċċju personali u għall-għeżież tagħhom ikunu fil-bini tas-Soċjetà jwettqu diversi ħidmiet fis-skiet sabiex il-binja tas-Soċjetà tkun miżmuma fl-aħjar stat anke f'dik illi hija sigurtà;
- L-Awdituri tas-Soċjetà li b'paċenzja u reqqa jeżaminaw il-kotba finanzjarji;
- L-Avukat u l-Perit tas-Soċjetà għall-għajnuna kollha tagħhom;
- Il-preżentaturi tal-kunċerti tal-Banda Birżebbuġa;
- Dawk illi jiġbru l-kontribuzzjonijiet u lil min jgħin b'għotjiet finanzjarji lis-Soċjetà;
- Dawk l-individwi u ditti li jirreklamaw fuq il-mezzi tas-Soċjetà. Inħeġġukom tgħinu lil dawn id-ditti u individwi billi tużaw il-prodotti tagħhom;
- Dawk illi jgħinu sabiex jittellgħu l-attivitajiet tas-Soċjetà;
- Dawk illi jattendu l-attivitajiet tas-Soċjetà;
- Il-membri u l-partitarji kollha tal-interess u l-attendenza tagħhom fis-Soċjetà;
- Dawk illi jipprovdu bibita lill-bandisti, lil tan-nar u lil tal-armar matul il-preparazzjonijiet tal-festa titulari u fil-ġimgħa tal-festa;
- Dawk illi jikkummissjonaw is-servizzi tal-Banda Birżebbuġa matul is-sena u fil-festi tagħhom għall-fiduċja li juru fina. Niskużaw ruħna ma' dawk illi ma stajniex nonoraw l-istedina tagħhom għalkemm xorta waħda napprezzaw ferm l-interess tagħhom fis-Soċjetà tagħna;
- Dawk illi jikkummissjonaw in-nar tal-ajru jew tal-art mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar;
- L-Għaqda tan-Nar Our Lady of Consolation tal-Gudja għall-għajnuna tagħhom lill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar u talli jħalluna naħdmu fil-kamra tan-nar tagħhom. Nawgurawlhom minn qalbna fl-okkażjoni tar-rebħa li għal darba oħra għamlu fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art fil-Furjana;
- Dawk illi jisilfuna l-għelieqi sabiex naħarqu n-nar fihom matul il-ġimgħa tal-festa titulari;
- Il-ġirien tal-każin tal-paċenzja u s-sapport illi jagħtuna;
- Il-botteginarji ta' Bottega San Pietro u ta' Bar Nineteen Ninety li jaħdmu kontinwament sabiex is-Soċjetà jkollha klijentela tajba matul is-sena kollha;
- Il-Bank HSBC talli wera fiduċja fis-Soċjetà;
- Il-President, il-Kumitat u l-Membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen għall-koperazzjoni tagħhom;
- Il-poplu kollu ta' Birżebbuġa u l-villeġġjanti għall-koperazzjoni li juru mas-Soċjetà Filarmonika San Pietru matul il-jiem tal-festa u matul is-sena kollha;
- Jekk bi żvista nsejna lil xi ħadd, nitolbuh jagħdirna u jiskużana.

L-ANTIFONA TA' SAN PIETRU APPOSTLU REBBIEĦ MILL-KTAJJEN

SOLVE JUBENTE DEO, TERRARUM PETRE CATENAS, QUI FACIS UT PATEANT CAELESTIA REGNA BEATIS; ALLELUJA!

Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni

7's Household Goods 56
A&A Blasting Services 49
Al Fresco 78
Alex Mercieca Bathroom Centre....35
Alexander Caruana....11
Alf Gatt Autoparts 15
Anġolina....7
Anyhony Azzopardi Florist....48
Arthur & Sons .... Inside Front Cover
Audio Images....74
Auto Max 110
Auto Technics .... Back Cover
B2M 102
Baby Sky 96
Bibas Fgura 86
Birżebbuġa Filling Station....132
Bottega San Pietro 53
BOV....7
C&T Autoparts 38
Cardiff Butcher....124
Casual 78 14
Celeste Mobiles Electronic & More....98
Charlie's Ironmongery 96
Charlie's Motoring School....14
Charms Hair & Beauty Salon.... 111
Cherrie's Take Away 70
Chinese Rose Bar & Restaurant 95
Chris Refrigeration Services....34
Cox Sports Bar 23
Croydon Butcher....107
Cutajar Upholstery Supplies....64
District Five....64
Dnail Bar....130
Dogfather Pet Shop 11
Dove's Pet Shop....23
Eastern Store....125
Elbros Homes....6
Farrugia Francine 57
Gasparell Baling Co Ltd....30
Gasparell Baling Plant....2
Global Insurance Brokers....3
Gold Lady Jewellery 60
Guido Agius .... Inside Back Cover
Horace Spiteri Funerals....93
Il-Mulino Cafe & Wine Bar 75
Il-Perit Toni Bezzina....35
In-Nutar Ruth Antoncich 65
Insieme Houshold Goods & Gifts 41
Ivan Abela Grech....99
IVCS Lifts Services....107
Jason Cutajar Building Construction 61
JJ Ironmongery....25
Joe & Jerry Pace Furniture Ltd....70
Johann Borg 99
John Cutajar 130
Josette Busuttil 66
Julia Farrugia Portelli....78
La Clinique Health & Beauty....23
La Spiaggia Bar & Restaurant....15
Laws Fruit & Vegetables....71
Light & Shade....61
Mangion Brothers Żurrieq Ltd....92
Manuel Garage Panel Beating 106
Marco Camilleri 71
Mariners Bar & Restaurant....96
Mario ta' Buġia....96
Mario's Supermarket 81
MG Signs....115
Miriam Dalli....15
Montebello....66
Muscat 1970 Trading Ltd....42
Music Link....110
Newwes Garage....89
Oman's Fruit & Veg 97
Omar Farrugia 74
Owen Bonnici 39
Patrick Cellars Ltd 78
Paulson Home & Hifi Centre....136
Pie Master 34
Pizza Garage....10
Rainbow Stationery 121
Roc-A-Go Crane Services....56
Scott Camilleri 53
Screen Salon....115
Securevision....55
Silvio Dalli Gas Distributor....118
Southvale....50
Spice of India....96
St. Mary Butcher....65
Stanley Zammit....71
Stefan Zrinzo 49
Stitches Haberdashery 92
Styling Salon....96
Superstar Butcher....109
Ta' Gorg 10
Tarcisio Caruana Ltd....52
Tasty Take Away 69
TF Rentals....46
The Bubble Shop Discount Store 56
The Cathedral Group Ltd....136
TheRight Spot....135
Tony Muscat Cateres Ltd....23
Tree D....32
Vaxxella Building 34
With Best Wishes 23

Is-Soċjetà Filarmonika
San Pietru
Banda Birżebbuġa
tawgura l-isbaħ xewqat
fil-festa patronali
tal-Appostlu Missierna
San Pietru
fi spirtu ta' ferħ, għaqda u
rispett bejn kulħadd
lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa,
lill-villeġġjanti li jqattgħu
s-sajf magħna
u lil dawk illi jinżlu jgawdu
l-festa ta' San Pietru
fir-raħal pittoresk ta' Birżebbuġa

Guido Agius
Funeral Service & Undertakers
24 hr Service · Day & Night
t.2165 3381 m.9992 2882 / 7982 7940
Patricia Susan
BRADLEY
July 27, 1956 - June 6, 2007
Loved By All
HAMBRICK
JOHN G.
SUSAN B.
INGRAM
www.agiusfuneraldirectors.com
Email: mondpet@gmail.com
7, CEPPUN STREET, GHAXAQ --- THE FUNERAL, B'BUGIA Rd, B'BUGIA

AUTO TECHNICS

by Peter Cachia

VRT Station

Motor Repairs & Services

DPF Cleaning

A/C Repairs & Services

EOBD Diagnostic Testing

LPG Conversion

Auto Technics, 319 Industrial Estate, Luqa
Mob: 00356 9944 5252
Email:petermarkcachia79@gmail.com